## TITOLU V
## EZERĊIZZJU TAL-KOMPETENZI TA' L-UNJONI
## KAPITOLU I
## DISPOSIZZJONIJIET KOMUNI

### ARTIKOLU I-33
### Atti ġuridiċi ta' l-Unjoni

**1. Biex jeżerċitaw il-kompetenzi ta' l-Unjoni l-istituzzjonijiet għandhom jużaw bħala strumenti legali, skond il-Parti III, il-liġi Ewropea, il-liġi kwadru Ewropea, ir-regolament Ewropew, id-deċiżjoni Ewropea, ir-rakkomandazzjonijiet u l-opinjonijiet.**

**Liġi Ewropea hija att leġislattiv ta' applikazzjoni ġenerali. Għandha torbot fl-intier tagħha u hija direttament applikabbli f'kull Stat Membru.**

**Liġi kwadru Ewropea hija att leġislattiv li jorbot lil kull Stat Membru destinatarju, fir-rigward tar-riżultat mistenni, iżda tħalli l-għazla tal-forma u l-metodi lill-awtoritajiet nazzjonali.**

**Regolament Ewropew huwa att mhux leġislattiv ta' applikazzjoni ġenerali għall-implimentazzjoni ta' atti leġislattivi u ta' ċerti disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni. Jista' jkun jew jorbot fl-intier tiegħu u direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha, jew jorbot, lil kull Stat Membru destinatarju, kwantu għar-riżultat mistenni, izda jħalli l-għażla tal-forma u l-metodi lill-awtoritajiet nazzjonali.**

**Deċiżjoni Ewropea hija att mhux leġislattiv, li jorbot fl-intier tiegħu. Deċiżjoni li tispeċifika lil min hija indirizzata għandha torbot lil dawk biss.**

**Ir-rakkomandazzjonijiet u l-opinjonijiet m'għandhomx l-effett li jorbtu.**

**Liġijiet Mill-Unjoni Ewropea**

F'dan il-paragrafu qiegħed jingħad bl-iktar mod ċar li fejn din il-Kostituzzjoni qiegħda tagħti xi kompetenza, jiġifieri jedd, lill-Unjoni Ewropea, l-Unjoni Ewropea għandha l-jedd li toħroġ liġi, kif ukoll il-famuża liġi kwadru Ewropea, regolament Ewropew, deċiżjoni Ewropea, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet.

Innutaw kif bħas-soltu, jingħad biss l-'**Unjoni**' u mhux l-'**Unjoni Ewropea'**, waqt li f'kollox qiegħda tiddaħħal il-kelma Ewropea u, fil-paragrafi li jmiss, anki Ewropew, biex b'hekk tkun tapplika fl-Istati Membri kollha.

Dan ifisser li din il-liġi, regolament jew deċiżjoni tkun torbot lill-Istati Membri daqs li kieku kienet xi liġi, regolament jew deċiżjoni li jkunu għamlu jew ħadu huma stess.

Mhux biss, imma din hija wkoll arroganza mill-Unjoni Ewropea għaliex l-Unjoni Ewropea m'hijiex l-Ewropa, waqt li juri l-għan ta' l-Unjoni Ewropea li b'mod jew ieħor taħtaf ta' difrejha lill-Istati kollha ta' l-Ewropa.

## Att Leġislattiv

Innutaw kif jingħad li l-liġi Ewropea, differenti mill-famuża liġi kwadru, hija att leġislattiv li jkollha applikazzjoni ġenerali. Fi kliem ieħor, tapplika fl-Istati kollha u fis-setturi kollha li għalihom tinħareġ.

Il-kliem "**att leġislattiv**" ifisser li dak huwa att ta' organizzazzjoni li għandha s-setgħa li toħroġ il-liġijiet u hija meqjusa daqs li kieku saret minn Parlament nazzjonali, għaliex huma l-Parlamenti nazzjonali li normalment ikollhom is-setgħa joħorġu l-liġijiet.

## Direttament Applikabbli

Innutaw kif jingħad ukoll li din "**għandha torbot fl-intier tagħha u hija direttament applikabbli f'kull Stat Membru.**"

Dan ifisser li mhux biss l-Istati Membri m'għandhomx ħtieġa li jagħmlu xi ħaġa biex dik il-liġi tiddaħħal fil-liġi nazzjonali tagħhom, imma li dik il-liġi tibda tapplika meta u kif tiddeċiedi l-Unjoni Ewropea.

**Dan ifisser dawn l-affarijiet:**

- **li l-Parlamenti nazzjonali jkunu qegħdin jinqabżu għaliex l-Unjoni Ewropea tkun qiegħda tagħmel il-liġijiet hija stess li japplikaw fit-territorju kollu ta' l-Istati Membri;**

- **li l-Istati Membri ma jkunu jistgħu jagħmlu xejn biex dawk il-liġijiet ma jkunux japplikaw fit-territorju tagħhom;**

- **li t-territorju ta' l-Istati Membri jkun qiegħed jitqies bħala territorju ta' l-Unjoni Ewropea għaliex kull Stat jista' jilleġisla, jiġifieri jagħmel liġijiet, biss għat-territorju tiegħu;**

- **li tkun qiegħda tinkiser il-Kostituzzjoni ta' l-Istati Membri, u hawnhekk nistgħu nieħdu l-eżempju tal-Kostituzzjoni ta' Malta, għaliex il-Kostituzzjoni normalment tipprovdi li jkun il-Parlament nazzjonali biss li jkollu s-setgħa li jagħmel liġijiet li jgħoddu fit-territorju tiegħu;**

- **li dan huwa bl-iktar mod ċar att ta' Stat Federali fejn Istat Federali jagħmel liġijiet li jkunu jgħoddu fl-Istati Membri tiegħu mingħajr ma dawk l-Istati jkun jinħtiġilhom jagħmlu xi ħaġa;**

- **li dan huwa eżempju mill-aktar ċar li l-Istati Membri jkunu tilfu l-kriterji kollha li Stat Indipendenti, Ħieles u Sovran irid ikollu biex jitqies li huwa Stat Sovran.**

Dan ifisser ukoll li l-liġijiet ta' l-Istati Membri lanqas jibqgħu jiswew ħaqq il-karta li jkunu miktuba fuqha, għaliex minħabba li skond l-istess Kostituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea anki l-liġijiet ta' l-Unjoni Ewropea għandhom il-primat, jiġifieri jkunu 'il fuq mil-liġijiet ta' l-Istati Membri, kull liġi li tgħaddi l-Unjoni Ewropea tkun tgħodd u torbot lill-Istati Membri minkejja li qabel il-liġijiet tagħhom kienu jgħidu mod ieħor.

Anki jekk il-liġi jew liġijiet tagħhom ikunu għadhom jgħidu l-istess kif kienu qabel ma l-Unjoni Ewropea tkun daħħlet dik il-liġi, xorta waħda tkun tgħodd il-liġi ta' l-Unjoni Ewropea u l-liġi tagħhom ma tkun tiswa assolutament xejn minkejja li tkun għadha fuq il-kotba tal-liġi tagħhom.

Imma l-aktar biċċa vili hija li minħabba li l-liġijiet kollha ta' l-Unjoni Ewropea huma aktar 'il fuq mil-liġijiet ta' l-Istati Membri, u minħabba li anki l-Kostituzzjoni ta' l-Istati Membri hija liġi, anzi l-aqwa liġi ta' kull Stat, biċċa liġi ta' l-Unjoni Ewropea tista' ġġib fix-xejn anki l-Kostituzzjoni ta' l-Istati Membri jekk il-Kostituzzjoni tagħhom ma tkunx taqbel mal-liġi ta' l-Unjoni Ewropea.

Fi kliem ieħor, mhux biss il-liġijiet ordinarji ta' l-Istati Membri ma huma se jkunu jiswew xejn, imma lanqas il-Kostituzzjoni tagħhom li f'kull Stat fid-dinja hija meqjusa bħala l-aqwa liġi ta' kull Stat, ma hija sejra tkun tiswa assolutament xejn.

Qegħdin taraw il-makakkerija, l-arroganza, il-viljakkerija, il-wiċċ mingħajr qatra żejt, il-wiċċ vili u agħar mill-għatba tal-Klistanija li għandha l-Unjoni Ewropea, jew aħjar il-mexxejja ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea?

Tridu tkunu parti minn dawn il-ħniżrijiet u t-teħid tal-jeddijiet kollha tagħna u ta' l-għażiża Malta tagħna, tat-teħid ta' l-**Indipendenza, il-Ħelsien u s-Sovranita** tagħna u ta' l-għażiża Malta tagħna mill-barrani arroganti, imperjalista u kolonjali ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea li reġa' bil-qerq daħħalna, flimkien mal-mixtrija tiegħu, il-**ĠUDIET** tal-poplu Malti, taħt il-madmad kolonjali tiegħu?

Ejja ningħaqdu biex flimkien nagħmlu dak kollu meħtieġ biex nibgħatu lill-barrani imperjalist u kolonizzatur ta' l-Unjoni Ewropea u lill-**ĠUDIET** qaddejja QUISLINGS tiegħu li ma jixirqilhomx jissejħa Maltin jixxejjru u nerġgħu nieħdu rajna f'idejna l-lejla qabel għada kif għandna kull jedd u setgħa li nagħmlu.

**<u>Liġi Kwadru Ewropea</u>**

Jingħad ukoll li,
**Liġi kwadru Ewropea hija att leġislattiv li jorbot lil kull Stat Membru destinatarju, fir-rigward tar-riżultat mistenni, iżda tħalli l-għazla tal-forma u l-metodi lill-awtoritajiet nazzjonali.**

Din il-parti qiegħda tfisser dak li fissirna aktar qabel, jiġifieri li l-famuża liġi kwadru hija liġi li waqt li tagħmel b'mod ġenerali r-riżultat jew dak li l-Unjoni Ewropea trid li jintlaħaq, tħalli f'idejn l-Istati Membri jew Stat Membru partikolari biex jagħmel liġijiet u regolamenti oħra biex jintlaħqu l-għanijiet imsemmija fil-liġi kwadru.

Madankollu, xorta waħda jkunu qed jinqabżu l-Parlamenti nazzjonali, għaliex huma ma jkunux jistgħu jagħmlu li jridu jew li jkunu jinħtieġu ċ-ċittadini tagħhom f'pajjiżhom stess, imma jridu jagħmlu l-liġijiet u r-regolamenti skond ma tkun ordnatilhom l-Unjoni Ewropea, jiġifieri skond ma jkun ordnalhom il-barrani ta' l-Istat Federali.

B'hekk, il-Parlamenti nazzjonali jkunu tilfu l-jedd Kostituzzjonali li jkunu huma li jiddeċiedu x'liġijiet jagħmlu fl-aħjar interess ta' pajjiżhom, għaliex dak li tordna l-

Unjoni Ewropea jkun biss fl-aħjar interess tagħha bħala Stat Federali u mhux fl-aħjar interess ta' l-Istati Membri tagħha.

## Regolament Ewropew

Innutaw ukoll x'jingħad dwar Regolament Ewropew.

**Regolament Ewropew huwa att mhux leġislattiv ta' applikazzjoni ġenerali għall-implimentazzjoni ta' atti leġislattivi u ta' ċerti disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni. Jista' jkun jew jorbot fl-intier tiegħu u direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha, jew jorbot, lil kull Stat Membru destinatarju, kwantu għar-riżultat mistenni, izda jħalli l-għażla tal-forma u l-metodi lill-awtoritajiet nazzjonali.**

L-ewwel ma jingħad huwa li regolament Ewropew m'huwiex att leġislattiv, imma xorta waħda jorbot lill-Istati Membri kollha jew lil xi wħud partikolari biex japplikaw atti leġislattivi, jiġifieri liġijiet ta' l-Unjoni Ewropea, u ċerti dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ifisser ukoll li minkejja li jingħad li m'huwiex att leġislattiv, mhux biss xorta waħda jorbot lill-Istati Membri, imma jfisser li anki sempliċi regolament ta' l-Unjoni Ewropea se jkollu saħħa aktar mil-liġijiet u l-Kostituzzjoni ta' l-Istati Membri.

X'jiswa li jingħad li jħalli lill-Istati Membri jew Stat Membru li għalih ikun indirizzat li jagħmel liġijiet u regolamenti, forma u metodu, li jidhirlu li jkunu meħtieġa biex jintlaħaq ir-riżultat ordnat jekk huwa bilfors ikollu jagħmel dak kollu li jkun ordnat jagħmel b'dak ir-regolament u ma jista' jagħmel xejn ħlief jobdi?

X'jiġri jekk Malta ma tapplikax xi liġi jew xi parti mill-Kostituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea għaliex tkun kontra l-Kostituzzjoni ta' Malta?

B'sempliċi regolament l-Unjoni Ewropea tkun tista' tordna lill-Malta biex iddaħħal dik il-liġi jew parti tal-Kostituzzjoni, u Malta ma tkun tista' tagħmel xejn għaliex tinsewx li mhux biss il-Kostituzzjoni, imma anki liġi ordinarja jew regolament ta' l-Unjoni Ewropea jkun aktar 'il fuq minn kull liġi u anki l-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' kull Stat Membru.

Hija prova oħra mill-aktar ċara tal-mixja pass wara pass wara pass lejn it-twaqqif ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea li b'sempliċi regolament sejra tkun tista' tordna lill-Istati Membri tagħha x'għandhom jagħmlu.

## Deċiżjoni Ewropea, Rakkomandazzjonijiet u Opinjoni

Dwar deċiżjoni Ewropea jingħad li,
**Deċiżjoni Ewropea hija att mhux leġislattiv, li jorbot fl-intier tiegħu. Deċiżjoni li tispeċifika lil min hija indirizzata għandha torbot lil dawk biss.**

Kif ukoll li,
**Ir-rakkomandazzjonijiet u l-opinjonijiet m'għandhomx l-effett li jorbtu.**

Hawnhekk għandna prova oħra mill-aktar ċara u xhieda ta kemm l-Unjoni Ewropea sejra ssir Stat Federali, meta sempliċi deċiżjoni, li qiegħed jingħad bl-aktar mod ċar li

m'hijiex att leġislattiv, xorta waħda tkun torbot għal kollox f'dak li tgħid, kemm jekk tkun indirizzata lill-Istati Membri kollha jew lil xi Stat Membru partikolari.

Dan diġa' huwa hekk, għaliex meta xi Stat Membru ma obdiex xi deċiżjoni, malajr ittieħed quddiem il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea li waħħlitu multi u ordnatlu biex jobdi d-deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea.

Kif nistgħu naċċettaw li nibqgħu taħt dan il-madmad kolonjali li daħħluna fih il-**ĠUDIET** mixtrija tal-barrani u ma ningħaqdux flimkien biex il-lejla qabel għada nibgħatuhom isaqqu l-ħass tal-Marsa u ta' Brussell u nitilqu mill-Istat Federali u kolonjalista ta' l-Unjoni Ewropea kif għandna kull jedd u setgħa li nagħmlu?

Kif jingħad f'dan is-subartikolu, li ma jorbtux huma biss ir-rakkomandazzjonijiet u l-opinjonijiet. Din hija minn ewl id-dinja, għaliex kemm rakkomandazzjoni u kemm opinjoni qatt u mkien ma kienu jorbtu għaliex inkella tkun qiegħed tgħid kontradizzjoni, bl-Ingliż, "**a contradiction in terms**", bil-Latin "***contradictio in terminis***".

**<u>Astensjoni</u>**

It-tieni subartikolu jgħid li,
**2. Meta jiġu kkunsidrati abbozzi ta' atti leġislattivi, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jastjenu milli jadottaw atti li m'humiex previsti mill-proċedura leġislattiva għall-qasam in kwistjoni.**

Dan il-paragrafu lanqas kien hemm ħtieġa tiegħu, għaliex huwa minn ewl id-dinja u sens komun li jekk inti ma tingħatax il-jedd li tagħmel xi ħaġa inti m'għandikx il-jedd li tagħmilha.

Madankollu, wieħed m'għandux għalfejn jiskanta, għaliex fl-Unjoni Ewropea mhux biss is-sens komun lanqas jeżisti, imma dejjem rat kif għamlet biex tieħu jeddijiet aktar milli jkunu tawha l-Istati Membri tagħha.

## ARTIKOLU I-34
## Atti leġislattivi

**1. Liġijiet u liġijiet kwadru Ewropej għandhom jiġu adottati, fuq bażi ta' proposti mill-Kummissjoni, flimkien mal-Parlament Ewropew u l-Kunsill skond il-proċedura leġislattiva ordinarja stabbilita fl-Artikolu III-396. Jekk dawn iż-żewġ istituzzjonijiet ma jistgħux jilħqu qbil dwar att, dan m'għandux jiġi adottat.**

**2. Fil-każijiet speċifiċi previsti mill-Kostituzzjoni, liġijiet u liġijiet kwadru Ewropej għandhom jiġu adottati mill-Parlament Ewropew bil-parteċipazzjoni tal-Kunsill, jew minn dan ta' l-aħħar bil-parteċipazzjoni tal-Parlament Ewropew, skond il-proċeduri leġislattivi speċjali.**

**3. Fil-każijiet speċifiċi previsti mill-Kostituzzjoni, liġijiet Ewropej u liġijiet kwadru Ewropej jistgħu jiġu adottati fuq l-inizjattiva ta' grupp ta' Stati Membri**

**jew tal-Parlament Ewropew, fuq rakkomandazzjoni mill-Bank Ċentrali Ewropew jew fuq talba tal-Qorti tal-Ġustizzja jew tal-Bank Ewropew ta' l-Investiment.**

**<u>Kif Isiru l-Liġijiet</u>**

Dan l-Artikolu qiegħed jgħid kif għandhom jiġi addottati l-liġijiet u l-famużi liġijiet kwadri Ewropej u m'hemmx x'wieħed ifisser.

Imma tajjeb li nfakkru kif kollox ikun qiegħed isir mill-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea li jkunu qed jaqbżu l-Parlamenti nazzjonali li normalment għandhom il-jedd u s-setgħa esklussiva li jagħmlu l-liġijiet f'kull Stat **Indipendenti, Ħieles u Sovran**.

Innutaw kif hija l-Kummissjoni li l-ewwel tagħmel proposta lill-Parlament Ewropew biex imbagħad il-Parlament Ewropew flimkien mal-Kunsill jagħmlu l-att kif ipproponiet il-Kummissjoni, dejjem jekk jaqblu.

Min-naħa l-oħra, hemm ukoll waqtiet fejn il-Kostituzzjoni tawtorizza lill-Parlament Ewropew bis-sehem tal-Kunsill, kif ukoll mill-Kunsill bis-sehem tal-Parlament. I-Parlament Ewropew jista' jagħmel ukoll liġijiet jew liġijiet kwadru Ewropej fuq inizjattiva ta' grupp ta Stati jew fuq rakkomandazzjoni mill-istituzzjonijiet imsemmija.

Dan juri kif l-ewwel nett il-Parlament Ewropew m'għandux jedd u setgħa kif għandhom il-Parlamenti nazzjonali fil-maġġoranza assoluta tal-pajjiżi kollha tad-dinja fejn il-Parlament huwa l-istituzzjoni li tagħmel il-liġijiet mingħajr indħil ta' ħadd.

Juri kif il-Parlament waħdu ma jistax jagħmel liġijiet fuq inizjattiva tiegħu stess imma jrid ikun hemm xi proposta minn xi ħaddieħor, kemm jekk grupp ta' Stati Membri u kemm jekk xi istituzzjoni ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea.

Juri li fil-maġġoranza tal-liġijiet il-Parlament Ewropew ma jistax jimxi jew jaġixxi waħdu imma jrid jimxi u jaġixxi flimkien mal-Kunsill.

Juri wkoll kif m'huwiex il-Parlament Ewropew biss li għandu l-jedd u s-setgħa li jagħmel il-liġijiet, imma anki l-Kunsill jista' jagħmel liġijiet għalkemm flimkien mal-Parlament Ewropew.

Dan juri kif il-Parlament Ewropew m'huwiex istituzzjoni bħall-Parlamenti nazzjonali li għandu l-jedd u s-setgħa esklussiva li jagħmel il-liġijiet, imma huwa istituzzjoni li tiddependi fuq istituzzjonijiet oħra biex tagħmel xi liġi u f'ħafna każi flimkien ma istituzzjoni oħra.

Dik hija s-setgħa li għandu l-Parlament Ewropew. Dik hija s-setgħa li għandhom ir-rappreżentanti tagħna fil-Parlament Ewropew. Dik hija s-setgħa li għandhom ir-rappreżentanti ta' l-Istati Membri li huma mtella bil-vot taċ-ċittadini.

Is-setgħa tassew qiegħda f'idejn nies li ma huma mtella mill-ebda vot taċ-ċittadini imma mposti fuqhom.

## ARTIKOLU I-35
## Atti mhux leġislattivi

**1. Il-Kunsill Ewropew għandu jadotta deċiżjonijiet Ewropej fil-każijiet previsti fil-Kostituzzjoni.**

**2. Il-Kunsill u l-Kummissjoni, b'mod partikolari fil-każijiet previsti fl-Artikoli I-36 u I-37, u l-Bank Ċentrali Ewropew fil-każijiet speċifiċi previsti fil-Kostituzzjoni, għandhom jadottaw regolamenti Ewropej u deiżjonijiet Ewropej.**

**3. Il-Kunsill għandu jadotta rakkomandazzjonijiet. Għandu jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni fil-każjijiet kollha fejn il-Kostituzzjoni tipprovdi li għandu jadotta atti fuq proposta tal-Kummissjoni. għandu jaġixxi b'mod unanimu f'dawk l-oqsma fejn hi meħtieġa l-unanimita' biex jiġi adottat att ta' l-Unjoni. Il-Kummissjoni, u fil-każijiet speċifiċi previsti fil-Kostituzzjoni, il-Bank Ċentrali Ewropew, jadottaw rakkomandazzjonijiet.**

**<u>L-Istituzzjonijiet Jikkmandaw</u>**

Dan l-Artikolu ġie emendat ukoll, imma jista' jingħad li bejn wieħed u ieħor baqa' l-istess dwar dak li kien jgħid għaliex sempliċiment tqassam b'mod ieħor milli kif kien qabel.

Dan jgħid kif għandhom jiġi adottati regolamenti u deċiżjonijiet Ewropej, kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet.

Tajjeb li jitfakkar li l-fatt li l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea jagħmlu liġijiet li japplikaw fl-Istati Membri jfisser li huma jkunu ħadu dan il-jedd mingħand l-Istati Membri.

Innutaw kif il-Kunsill Ewropew qiegħed jingħata l-jedd u s-setgħa li jadotta deċiżjonijiet Ewropea kif maħsub fil-Kostituzzjoni. Għalhekk, anki l-Kunsill Ewropew jieħu deċiżjonijiet li bihom jorbot lill-Istati Membri.

Dan ma jsirx biss mill-Kunsill Ewropew, imma anki mill-Kummissjoni, mill-Kunsill tal-Ministri kif ukoll mill-Bank Ċentrali Ewropew li kollha qegħdin jingħataw il-jedd u s-setgħa li jadottaw regolamenti Ewropej u jieħdu deċiżjonijiet Ewropej, waqt li l-Kummissjni u l-Bank Ċentrali Ewropew jistgħu jadottaw ukoll rakkomandazzjonijiet.

Qegħdin taraw kemm istituzzjonijiet ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea jistgħu, anzi qegħdin jingħataw il-jedd u s-setgħa li jadottaw u jagħmlu liġijiet, regolamenti, rakkomandazzjonijiet u jieħdu deċiżjonijiet li kollha jorbtu lill-Istati Membri?

## ARTIKOLU I-36
## Regolamenti Ewropej delegati

**1. Liġijiet u liġijiet kwadru Ewropej jistgħu jiddelegaw lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta regolamenti Ewropej delegati sabiex iżidu ma' jew jemendaw ċerti elementi mhux essenzjali tal-liġi jew tal-ligi kwadru.**

**L-għanijiet, il-kontenut, l-kamp ta' l-applikazzjoni tad-delega ta' poter u kemm iddum għandhom jiġu definiti b'mod espliċitu fil-liġijiet u l-liġijiet kwadru Ewropej. L-elementi essenzjali ta' xi qasam għandhom ikunu riservati għal-liġi jew liġi kwadru Ewropea u għaldaqstant ma jistgħux ikunu s-suġġett ta' delega ta' poter.**

### Aktar Jeddijiet lill-Kummissjoni

Tajjeb li naraw l-ewwel parti ta' dan l-Artiklu għaliex barra l-jeddijiet u setgħat li diġa' ingħatat il-Kummissjoni, b'dan l-Artiklu qiegħda tingħata jeddijiet u setgħat oħra.

Hawnhekk, il-Kummissjoni qiegħda tingħata s-setgħa li toħroġ regolamenti delegati biex jissupplixxu jew jimmodifikaw, jiġifieri jbiddlu, ċerti elementi mhux essenzjali ta' liġi jew il-famuża liġi kwadru.

Innutaw li għalkemm jingħad li l-elementi m'humiex meqjusa essenzjali, xorta waħda sejra tkun il-Kummissjoni li tkun tista' tibdilhom u mhux il-Parlament Ewropew li jkun għamilhom, għalkemm forsi flimkien mal-Kunsill.

Bl-istess mod, innutaw li waqt li fil-paragrafi li jmiss insibu li l-kundizzjonijiet ta' dawn id-delegi jistgħu jiġu magħmula mil-liġijiet u l-famużi liġijiet kwadru Ewropej, u jistgħu jitneħħew, imkien ma jingħad kif jew liema kriterji għandhom jintużaw biex jiġu meqjusa jekk humiex essenzjali jew le.

Dawn huma kollha twieqi biex l-Unjoni Ewropea u l-istituzzjonijiet tagħha jkollhom minn fejn jaħarbu jekk jiġi darhom mal-ħajt. Qegħdin taraw il-makakkerija ta' l-Unjoni Ewropea u l-Istituzzjonijiet u l-mexxejja tagħha?

### Aktar Liġijiet

**2. Liġijiet u liġijiet kwadru Ewropej għandhom jistabbilixxu b'mod espliċitu l-kondizzjonijiet li għalihom hija soġġetta d-delega; dawn il-kondizzjonijiet jistgħu jkunu kif ġej:**

**a) il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jista' jiddeċiedi li jħassar id-delega;**

**b) ir-regolament Ewropew delegat jista' jidħol fis-seħħ biss jekk ma jkunx hemm oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fiż-żmien stabbilit mil-liġi jew mil-liġi kwadru Ewropea.**

**Għall-finijiet ta' (a) u (b), il-Parlament Ewropew għandu jaġixxi b'maġġoranza tal-membri komponenti tiegħu, u l-Kunsill b'maġġoranza kwalifikata.**

Li jrid jingħad dwar dan is-subartikolu huwa li dan jipprovdi kif għandha ssir id-delega u kif titneħħa.

Imma l-aktar ħaġa mportanti hija li l-Parlament għandu jaġixxi b'maġġoranza, li jfisser li jekk ikun hemm sempliċiment nofs il-membri u wieħed preżenti li jaqblu li għandha ssir id-delega, din tkun tista ssir.

Min-naħa l-oħra, il-Kunsill irid ikun hemm maġġoranza kwalifikata biex jgħaddiha. Imma ftakru li dan ifisser li l-ebda Stat Membru ma jista' jwaqqaf xi deċiżjoni, għaliex jekk ikun hemm maġġoranza kwalifikata tgħaddi u għalhekk il-jedd tal-veto spiċċa.

**<u>Regolamenti f'Malta</u>**

Tajjeb li niġbdu wkoll l-attenzjoni li, jekk nieħdu l-każ ta' Malta, normalment meta jkun hemm liġi li tagħti l-jedd u s-setgħa, bħala eżempju, lil xi Ministru biex jagħmel xi regolamenti, ir-regolamenti li jsiru jitpoġġew fuq il-mejda tal-Parlament u hemm żmien li fih il-Parlament jista' joġġezzjona għalihom. Jekk ma joġġezzjonax jidħlu fis-seħħ.

Madankollu, waqt li dan iż-żmien huwa fiss, mhux l-istess jista' jingħad dwar xi regolament Ewropew, għaliex kif tistgħu taraw mis-subartiklu 2, dak iż-żmien jiġi determinat mil-liġi jew liġi kwadru Ewropea u għalhekk jista' jvarja skond ma jkun jidrilhom l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea.

Fi kliem ieħor, jekk jaħsbu li aktar ma jkun hemm żmien aktar sejjer ikun hemm oppożizzjoni għalihom minħabba li jkunu ġew studjati tajjeb, inaqqsu ż-żmien kemm jistgħu biex ifittxu jidħlu fis-seħħ.

Dawn kollha affarijiet li jekk ma toqgħodx attent għalihom u ma tkunx taf kif isiru l-affarijiet malajr tibqa' għaddej mingħajr lanqas biss tinduna xi jkun hemm wara dak li jkun qiegħed jingħad jew aħjar inkiteb.

Aktar ma naraw il-Kostituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea aktar tindunaw kemm il-mexxejja ta' l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea huma makakki u jħallu bieb, tieqa jew ventilatur biex ikollhom minn fejn joħorġu u biex iqarrqu b'ħaddieħor, għaliex normalment min jaqra ma joqgħodx jeżamina u jifli sewwa dak li jkun qed jaqra.

## ARTIKOLU I-37
## Atti ta' implimentazzjoni

**1. L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri kollha tal-liġi nazzjonali meħtieġa sabiex jimplimentaw atti ta' l-Unjoni li jorbtu legalment.**

**<u>L-Istati Membri Jridu Jobdu Bilfors</u>**

L-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu qiegħed jorbot lill-Istati Membri li kull meta l-Unjoni Ewropea tagħmel xi atti li jorbtu legalment, u dawn diġa' rajnihom fl-Artikoli ta' qabel, huma jridu jaddottaw il-miżuri nazzjonali kollha meħtieġa, jiġifieri liġijiet,

regolamenti, avviżi legali u dak kollu meħtieġ, biex dawn l-atti ta' l-Unjoni Ewropea jidħlu fis-seħħ u b'hekk ikunu jorbtu legalment fl-Istati Membri.

Meta naqraw dan il-paragrafu ma nistgħux ma niftakrux f'dak li kien qal xi ħadd hawn Malta, li **la l-Unjoni Ewropea trid hekk, ikollu jsir hekk**.

Hawnhekk nerġgħu nfakkru kif bil-liġijiet u regolamenti ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropa qegħdin jinqabżu l-Parlamenti nazzjonali u, fil-każ ta' Malta, m'hemmx dubju li qiegħda tinkiser ukoll il-Kostituzzjoni għaliex huwa biss il-Parlament Malti li għandu l-jedd u s-setgħa li jagħmel il-liġijiet f'Malta skond il-Kostituzzjoni tagħna.

Għalkemm jista' jingħad li jkun il-Parlament Malti li jkun qed jagħmel il-liġi jew avviż legali skond ma jkun meħtieġ biex idaħħal il-liġi ta' l-Unjoni Ewroepa, xorta waħda ma tkunx liġi li jkun għamilha l-Parlament Malti fuq l-inizjattiva tiegħu stess għall-interess ta' Malta ui ċ-ċittadini Maltin, imma jkun qiegħed biss jobdi dak li tkun ordnatlu jagħmel l-Unjoni Ewropea biex idaħħal liġi tagħha.

Fi kliem ieħor, il-Parlament Malti u kull Parlament nazzjonali ieħor ta' l-Istati Membri l-oħra jkun qisu biss Kunsill Lokali li jkollu joqgħod għal dak li jkun iddeċieda l-Gvern u jimxi, jobdi u jagħmel skond ma jkun ordnat mill-Gvern.

Barra minn hekk, lanqas jista' jirrifjuta li jagħmel kif tkun ordnat l-Unjoni Ewropea għaliex Malta malajr tittella quddiem il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea u jekk tibqa' ma tobdix teħel il-multi li jitħallsu miċ-ċittadini Malti lill-arroganti ta' l-Unjoni Ewropea.

## Aktar Setgħat lill-Kummissjoni u l-Kunsill

**2. Meta jkun hemm bżonn ta' kondizzjonijiet uniformi biex jiġu implimentati atti ta' l-Unjoni li jorbtu legalment, dawk l-atti jistgħu jikkonferixxu s-setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummmissjoni jew, fil-każijiet speċifiċi ġustifikati b'mod xieraq u fil-każijiet previsti fl-Artikolu I-40, lill-Kunsill.**

Fi kliem ieħor, il-Kummissjoni u l-Kunsill tal-Ministri mhux biss jistgħu jagħmlu liġijiet, il-famużi liġijiet kwadru, regolamenti u l-atti l-oħra li diġa' rajna qabel, imma jistgħu wkoll jekk ikunu jridu li kollox ikun l-istess fl-Istati Membri kollha u fl-każi msemmija fl-Artikolu I-40, jagħmlu anki r-regoli ta' kif l-atti tagħhom iridu jiġi mplimentati, jiġifieri kif għandhom jiddaħħlu u jkunu jorbtu legalment u sakemm għandhom jiddaħħlu, kif ukoll dak kollu li jrid isir biex dawn jidħlu fis-seħħ u jiġi nfurzati.

Xejn ħlief arroganza mill-Unjoni Ewropea, mill-istituzzjoni u mill-mexxejja tagħha, u minn dawk kollha li ħadu sehem fit-tfassil, qablu, u qegħdin jipproponu din il-Kostituzzjoni.

## Daħq fil-Wiċċ

**3. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, liġi Ewropea għandha tistabbilixxi bil-quddiem ir-regoli u l-prinċpji ġenerali rigward il-mekkanizmi ta' kontroll mill-Istati Membri fuq l-eżerċzzju tas-setgħa ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni.**

Jekk wieħed jara paragrafu 3 jinduna li hija l-liġi, u hawn ifisser il-liġi li tkun għamlet l-Unjoni Ewropea permezz ta' l-istituzzjonijiet tagħha, li jwaqqfu minn qabel regoli u prinċipji ġenerali li l-Istati Membri jkunu jistgħu jieħdu biex jikkontrollaw l-eżerċizzju tass-setgħa ta' l-implimentazzjoni mill-Kummissjoni.

Fi kliem ieħor, mhux biss l-Unjoni Ewropea tagħmel il-liġijiet li l-Istati Membri jridu bilfors idaħħlu fit-territorju li darba kien tagħhom, imma anki kif dawn il-liġijiet jirregolaw x'jistgħu jagħmlu l-Istati Membri dwar is-setgħa ta' l-implimentazzjoni mill-Kummissjoni.

Fi kliem ieħor, hija l-istess Unjoni Ewropea li tgħid x'jistgħu jagħmlu u mhux l-Istati Membri stess. Dan ma huwa xejn ħlief daħq fil-wiċċ.

Jista' jibqa' xi dubju li l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea se jkunu tilfu kull jedd li jkunu huma biss li jagħmlu liġijiet għal-pajjiżhom, jiġifieri li jkunu jgħoddu legalment fit-territorju tagħhom, u b'hekk ma jibqgħux jitqiesu bħala **Stati Indipendenti, Ħielsa u Sovrani**?

Jista' jibqa' xi dubju li t-territorju ta' l-Istati Membri l-Unjoni Ewropea tqisu bħala territorju tagħha u tagħmel il-liġijiet għalih kif jagħmel kull Stat **Indipendenti, Ħieles u Sovran** għat-territorju tiegħu, u tordna, bħal ma l-Gvern ċentrali jordna lill-Kunsilli Lokali, biex idaħħluhom u kif għandhom idaħħluhom?

Jista' jibqa' xi dubju li l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea saru qishom biss, bir-rispett kollu, xi Kunsill Lokali, anzi agħar, li jagħmlu biss dak kollu li jordnalhom il-Gvern ċentrali, f'dan il-każ, l-Unjoni Ewropea?

Jista' jibqa' xi dubju li dan ma huwa xejn ħlief dittatorjat ta' Stat Federali li jordna dak kollu li jridu jagħmlu l-Istati Membri tiegħu u huma u ċ-ċittadini tagħhom ikollhom jobdu sa l-inqas ittra u kelma?

Imbagħad kellhom il-wiċċ vili jgħidu għall-Unjoni Sovjetika li kienet dittatorjat! Mela l-Unjoni Ewropea x'inhi?

**<u>Regolamenti ta' Implimentazzjoni u Deċiżjonijiet</u>**

**4. L-atti ta' implimentazzjoni ta' l-Unjoni għandhom jieħdu l-forma ta' regolamenti Ewropej ta' implimentazzjoni jew deċiżjonijiet Ewropej ta' implimentazzjoni.**

Ir-raba paragrafu ta' dan l-Artikolu jgħid biss il-forma ta' kif għandhom ikunu l-atti ta' implimentazzjoni, jiġifieri regolamenti ta' implimentazzjoni jew deċiżjonijiet ta' implimentazjoni Ewropej, jiġifieri kif għandhom jiġu mplimentati jew jiddaħħlu fis-seħħu jiġu nfurzati. Kollox Ewropew u xejn nazzjonali ħlief dak li huwa meħtieġ biex jobdu lill-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea.

**ARTIKOLU I-38**
**Prinċipji komuni għall-atti ġuridiċi ta' l-Unjoni.**

**1. Sakemm il-Kostituzzjoni ma tispeċifikax it-tip ta' att li għandu jigi adottat, l-istituzzjonijiet għandhom jiddeċiedu skond il-każ, skond il-proċeduri applikabbli, u skond il-prinċipju ta' Proporzjonalita' previst fl-Artikolu I-11.**

**2. L-atti ġuridiċi għandhom jagħtu r-raġunijiet li fuqhom ikunu bbażati u għandhom jagħmlu referenza għal kwalunkwe proposta, inizjattiva, rakkomandazzjoni, talba jew opinjoni kif meħtieġ mill-Kostituzzjoni.**

**<u>L-Istituzzjonijiet Jiddeċiedu Huma</u>**

Jekk nieħdu l-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu, li qiegħed jingħad huwa li jkunu l-istess istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea li jiddeċiedu liema att jitqies tajjeb biex jintlaħqu l-għanijiet ta' l-Unjoni Ewropea. Jistgħu jiddeċiedu li tkun liġi, regolament jew dak li jidrilhom tajjeb biex jilħqu l-għanijiet tagħhom.

Dwar il-prinċipju tal-proporzjonalita', dan ifisser li l-att li jiġi addottat għandu jkun biżżejjed biex jintlaħaq l-għan jew l-għanijiet li tkun trid l-Unjoni Ewropea jew l-istituzzjonijiet tagħha u mhux aktar minn hekk, kif jingħad fl-Artikolu I-11.

Ftakru li skond Artikolu I-11 li aħna fissirna aktar qabel, huma l-istess istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea li jiddeċiedu x'inhuwa proporzjonalment tajjeb biex jintlaħqu l-għanijiet li huma jkunu jridu li jintlaħqu.

Dwar it-tieni paragrafu, qiegħed jingħad li meta l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea joħorġu l-atti, huma għandhom jagħtu r-raġunijiet għalihom u jirreferu għall-proposti u opinjonijiet kif maħsuba fil-Kostituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea, imma tistgħu tibqgħu ċerti li dejjem sejrin jinstabu r-raġunijiet meħtieġa biex jiġġustifikaw l-indħil dejjem akbar ta' l-Unjoni Ewropea u l-istituzzjonijiet tagħha fl-affarijiet interni ta' l-Istati Membri.

**ARTIKOLU I-39**
**Pubblikazzjoni u bidu fis-seħħ**

**1. Liġijiet u liġijiet kwadru Ewropej adottati skond il-proċedura leġislattiva ordinarja għandhom ikunu ffirmati mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill.**

**F'każijiet oħra għandhom ikunu ffirmati mill-President ta' l-istituzzjoni li tkun adottathom.**

**Liġijiet u liġijiet kwadru Ewropej għandhom jiġu ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea u għandhom jibdew iseħħu fid-data speċifikata fihom jew, fin-nuqqas ta' tali data speċifikata, fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħhom.**

**2. Regolamenti Ewropej u d-deċiżjonijiet Ewropej li ma jispeċifikawx id-destinatarju għandhom jkunu ffirmati mill-President ta' l-istituzzjoni li tkun adottathom.**

**Meta regolamenti Ewropej u deċiżjonijiet Ewropej ma jispeċifikawx id-destinatarju, dawn għandhom jiġu ppubblikati fil-ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea u għandhom jibdew iseħħu fid-data speċifikata fihom jew, fin-nuqqas ta' tali data, fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħhom.**

**3. Deċiżjonijiet Ewropej minbarra dawk previsti fil-paragrafu 2 għandhom jiġu notifikati lid-destinatarji u għandhom jkollhom effett minn meta jiġu hekk notifikati.**

**Artikolu ta' Proċedura**

Dan huwa sempliċiment Artikolu dwar il-proċedura ta' kif isiru l-atti msemmija, min jiffirmahom, kif u meta jidħlu fis-seħħ, skond jekk ikunux għall-Istati Membri kollha jew għal xi Stat jew Stati Membri partikolari, u huwa biss Artikolu ta' Proċedura bħal ma wieħed isib fil-liġijiet ta' l-Istati kollha dwar kif għandhom isiru u jidħlu fis-seħħ il-liġijiet.

Madankollu innutaw kif huma l-istess istituzzjonijiett ta' l-Unjonji Ewropea li mhux biss jiddeċiedu dwar x'liġijiet jagħmlu biex japplikaw fl-Istati Membri, imma anki meta għandhom jidħlu fis-seħħ.

Dan ukoll huwa ksur tal-Kostituzzjoni li tagħti lill-Parlament nazzjonali, fil-każ tagħna l-Parlament ta' Malta, setgħa esklussiva biex jagħmel liġijiet li japplikaw fit-territorju ta' Malta.

Qed taraw kif pass wara pass wara pass l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea ħadet is-setgħat kollha li **Stat Indipendenti, Ħieles u Sovran** dejjem kellu?

# KAPITOLU II

## DISPOSIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI

### ARTIKOLU I-40
### Disposizzjonijiet speċifiċi li jirrelataw għall-politika estera u ta' sigurta' komuni

**1. L-Unjoni Ewropea għandha tmexxi politika estera u ta' sigurta' komuni, bbażata fuq l-izvilupp ta' solidarjeta' politika reċiproka bejn l-Istati Membri, fuq l-identifikazzjoni ta' kwistjonijiet ta' interess ġenerali u t-twettieq ta' konverġenza dejjem akbar ta' l-azzjonijiet ta' l-Istati Membri.**

**<u>Artikolu ta' Importanza Kbira</u>**

Minħabba li dan huwa Artikolu ta' l-akbar importanza, tajjeb li narawh biċċa biċċa. Barra minn hekk, sar tibdil fih, l-aktar dwar kif ġew innumerati l-paragrafi.
L-ewwel parti qiegħda turi li hija l-Unjoni Ewropea li għandha l-jedd li twettaq il-politika barranija u ta' sigurta komuni, u għaldaqstant mhux aktar l-Istati Membri.

Dan huwa jedd u setgħa oħra meħuda mingħand l-Istati Membri mill-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea, setgħat li normalment huma mwettqa minn **Stat Indipendenti, Ħieles u Sovran**.

**<u>Kwistjoni Delikata Ħafna</u>**

Kif ikompli jingħad fl-istess paragrafu, din għandha tkun ibbażata fuq l-iżvilupp ta' solidarjeta' reċiproka, jiġifieri lejn xulxin, bejn l-Istati Membri. Fi kliem ieħor, l-Istati Membri jridu juru solidarjeta' ma' xulxin fil-politika barranija u sigurta' komuni kif deċiża mill-Istat federali ta' l-Unjoni Ewropea.

Din hija kwistjoni delikata ħafna, għaliex jekk Stat Membru jew Stati Membri jidħlu f'xi bawxata minħabba l-politika barranija u ta' sigurta' komuni, jew is-sħubija tagħhom fin-**NATO** jew xi organizzazzjoni militari oħra bħal ma hija l-għaqda Ewropea tal-Punent, jiġifieri dik magħrufa bħala Western European Union, **WEU** huma se jkunu jistgħu jitolbu l-għajnuna ta' l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri l-oħra bħala solidarjeta' lejn xulxin.

Jingħad ukoll li din il-politika barranija u ta' sigurta' komuni għandha tkun ibbażata wkoll fuq l-identifikazzjoni ta' kwistjonijiet ta' nteress ġenerali. Naħsbu li kulħadd jista' jifhem li jekk, biex nieħdu eżempju, naraw il-gwerra ta' l-Afganistan jew ta' l-Iraq jew kull gwerra oħra, m'hemmx dubju li din hija kwistjoni ta' nteress ġenerali.

Mela din tista' tkun waħda mill-kwistjonijiet ġenerali li minkejja li l-Istati Membri ma jkunux jaqblu, u minkejja li din tista' tkun ukoll kontra l-Kostituzzjoni tagħhom bħal fil-każ ta' Malta, xorta waħda tkun bażi li fuqha tkun ibbażata l-politika barranija u ta' sigurta' komuni ta' l-Unjoni Ewropea.

Fi kliem ieħor, taqbel u ma taqbilx, jaqbillek u ma jaqbillikx, inti se tkun marbut bil-politika barranija u ta' sigurta' komuni ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea, jew

għallinqas, ma tkun tista' tagħmel xejn li bih tkun tista' ddgħajjef jew tfixkel il-politika barranija u ta' sigurta' komuni kif adottata mill-Unjoni Ewropea.

## Konverġenza Dejjem Akbar

Mhux biss, imma din il-politika barranija u ta' sigurta' komuni twassal ukoll "**u t-twettieq ta' konverġenza dejjem akbar ta' l-azzjonijiet ta' l-Istati Membri.**"

Fi kliem ieħor, l-iżvilupp tal-politika barranija u ta' sigurta' komuni ta' l-Unjoni Ewropea jrid iwassal biex din il-politika dejjem titwettaq aktar fil-fond, u twassal ukoll għall-konverġenza, jiġifieri li dejjem iqarrbu aktar lejn xulxin sakemm isiru kollha l-istess, l-azzjonijiet ta' l-Istati Membri.

## Fl-Azzjonijiet ta' l-Istati Membri

Innutaw li jingħad "**u t-twettieq ta' konverġenza dejjem akbar ta' l-azzjonijiet ta' l-Istati Membri.**" Hawnhekk ma jingħadx x'tip ta' azzjonijiet jista' jkunu, u għaldaqstant dawn jistgħu jkunu ukoll azzjonijiet militari.
Madankollu, anki jekk nieħdu azzjoni ta' bojkott lil xi pajjiż partikolari jew l-impożizzjoni ta' xi taxxa fuq prodotti tiegħu, xorta waħda jfisser li Malta ma tkun tista' tagħmel xejn biex ma tobdix l-ordnijiet ta' l-Unjoni Ewropea.

## Azzjonijiet Militari

Jekk imbagħad nieħdu azzjonijiet militari, ħadd ma jista' jibqalu l-iċken dubju li minħabba li l-maġġoranza assoluta ta' l-Istati Membri huma wkoll membri ta' l-organizzazzjoni militari **NATO**, il-maġġoranza ta' l-Istati Membri aktar jistgħu jkunu favur li jittieħdu azzjonijiet militari u jieħdu sehem fihom.

Dan iwassal biex minkejja li jista' jkun hemm Stati Membri li forsi b'xi mod ma jieħdux azzjoni militari, mhux biss ma jistgħux b'xi mod ifixklu l-azzjonijiet meħuda mill-Istati Membri, imma sejrin ikunu wkoll fil-mira minħabba li huma wkoll ikunu Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea fejn Stati Membri oħra jkunu qed jattakkaw xi pajjiż ieħor.

## Periklu Għalina

Din għandha tkun ukoll ta' twissija għalina l-Maltin għaliex bl-indħil ta' Stati Membri oħra fl-azzjonijiet militari kif ġara fil-gwerra ta' l-Afganistan u l-Iraq, kif ukoll biż-żjarat ta' sikwit ta' bastimenti tal-gwerra Amerikani u tan-**NATO** u Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea, aħna wkoll nistgħu nkunu fil-mira ta' tpattija u attakki terroristiċi minħabba li aħna membri ta' l-Unjoni Ewropea.

Anki jekk aħna stess ma nkunux il-mira imma jkunu l-mira l-bastimenti tal-gwerra ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika, in-**NATO** u ta' Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea fil-portijiet tagħna, xorta waħda jinħoloq diżastru enormi jekk Alla ħares qatt jiġu attakkati.

Jista' qatt xi ħadd ikollu kuxjenza safja u ma jħosshiex tniggżu jekk Alla ħares qatt jiġi attakkat xi bastiment tal-gwerra fil-portijiet tagħhna u jiġi kkawżat diżastru

nukleari li jagħmel lil Malta gżira li ħadd ma jkun jista' joqgħod fiha minħabba tniġġiż nukleari barra l-imwiet enormi li jiġi kkaġunati minnufih u matul iż-żmien minħabba r-radjazzjoni?

Ma dawn l-affarijiet u periklu qegħdin nilgħabu bis-sħubija tagħna fl-Unjoni Ewropea u biż-żjarat ta' sikwit tal-bastimenti tal-gwerra fil-portijiet tagħna speċjalment waqt li tkun għaddejja gwerra kif ġara matul il-gwerer ta' l-Afganistan u l-Iraq.

Jeħtieġ li l-poplu Malti jqum qawma sewwa fuq tiegħu u ma jħallix aktar bastimenti tal-gwerra jidħlu fil-portijiet tagħna biex ikomplu jagħmlu lil Malta u l-portijiet tagħna latrina tagħhom.

**L-Interessi Strateġiċi ta' l-Unjoni**

**2. Il-Kunsill Ewropew għandu jidentifika l-interessi stateġiċi ta' l-Unjoni u għandu jiddetermina l-għanijiet tal-politika estera u ta' sigurta' komuni tagħha. Il-Kunsill għandu jelabora din il-politika fil-qafas ta' linji gwida strateġiċi stabbiliti mill-Kunsill Ewropew u skond il-Parti III.**

Innutaw kif kollox isir fl-interessi strateġiċi ta' l-Unjoni Ewropea u kif qiegħed jingħad li l-Kunsill Ewropew għandu jidentifika l-interessi strateġiċi ta' l-Unjoni u għandu jiddeċiedi dwar il-miri tal-politika barranija u ta' sigurta' komuni tagħha. Fi kliem ieħor, l-interessi ta' l-Istati Membri u taċ-ċittadini tagħhom jiġu dejjem wara l-interessi ta' l-Unjoni Ewropea.

Innutaw ukoll kif il-Kunsill tal-Ministri għandu wkoll, wara li l-Kunsill Ewropew ikun iddeċieda fuq il-politika barranija u ta' sigurta' komuni, ikompli jelabora, jiġifieri jiżviluppa u jorqom, din il-politika fil-linji ta' gwida li jkun għamel il-Kunsill Ewropew. Kollox f'idejn l-istituzzjonijiet ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea.

Taqbel jew ma taqbilx, jaqbillek jew ma jaqbillikx, ikollok timxi ma dak li tkun iddeċiediet l-Unjoni Ewropea minn Brussell li reġgħet ġabet lil Malta kolonja tagħha.

**Deċiżjonijiet Ewropej**

**3. Il-Kunsill Ewropew u l-Kunsill għandhom jadottaw id-deċiżjonijiet Ewropej meħtieġa.**

It-tielet subartikolu jagħti s-setgħa lill-Kunsill Ewropew u lill-Kunsill tal-Ministri biex jieħdu d-deċiżjonijiet Ewropej meħtieġa biex titwettaq il-politika barranija u ta' sigurta' komuni.

Tinsewx li l-kelma komuni tfisser li kollox ikun komuni għall-kulħadd, u huwa għalhekk li tissejjah politika barranija u ta' sigurta' komuni, u huwa għalhekk li l-Istati Membri huma marbuta li anki jekk ma jkunux jaqblu u ma jeħdux sehem f'xi azzjonijiet, ma jistgħu jagħmlu xejn biex ifixkluha, anki jekk dak il-pajjiż li jkun taħt il-mira ta' sanzjonijiet, forsi anki operazzjonijiet militari, ikun l-akbar ħabib ta' Malta.

**Rizorsi Nazzjonali**

**4. Il-politika estera u ta' sigurta' komuni għandha titwettaq mill-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni u mill-Istati Membri permezz ta' riżorsi nazzjonali u ta' l-Unjoni.**

Innutaw ukoll kif fir-raba' subartiklu qiegħed jingħad li l-politika barranija u ta' sigurta' komuni trid titwettaq mill-Istati Membri, u hawn juri kemm qiegħed jintefa' piż fuq l-Istati Membri, kif ukoll li jridu jintużaw ir-riżorsi ta' l-Istati Membri u ta' l-Unjoni Ewropea.

Li jintużaw ir-riżorsi ta' l-Istati Membri li jkunu jridu jidħlu f'xi azzjoni militari kif tiddeċiedi l-Unjoni Ewropea jkun ħaqqhom, imma li jintużaw ir-riżorsi ta' l-Unjoni Ewropea wkoll ikun ifisser li anki dawk l-Istati Membri li ma jkunux qegħdin jieħdu sehem dirett fl-azzjoni militari jkunu qegħdin jieħdu sehem indirettament billi jkunu qegħdin joħorġu sehemhom mit-taxxi li ċ-ċittadini tagħhom ikunu ħallsu lill-Unjoni Ewropea li jkunu qegħdin jintużaw biex titmexxa l-operazzjoni militari.

Qegħdin taraw kif anki jekk fiżikament Malta u s-suldati tagħna ma jkunux qegħdin jieħdu sehem direttament f'xi azzjoni militari, xorta waħda nkunu qegħdin jieħdu sehem minħabba li parti mit-taxxi li aħna nħallsu lill-Unjoni Ewropea jkunu qegħdin jintużaw biex jiffinanzjaw l-operazzjonijiet militari ta' l-Unjoni Ewropea?
Dan ma jfissirx ukoll li nkunu qegħdin nesponu ruħna għal attakki terroristiċi ta' tpattija minħabba s-sehem indirett tagħna fl-azzjonijiet militari ta' l-Unjoni Ewropea?

Sejrin nibqgħu taħt dan il-madmad kolonjali ta' l-Unjoni Ewropea bil-periklu kollu li dan iġib miegħu, jew se nqumu waħda sewwa fuq tagħna u nqalftu lill-barrani ta' l-Unjoni Ewropea u l-qaddejja servili tiegħu 'l barra min Malta kif għandna kull jedd u setgħa li nagħmlu?

**Konsultazzjoni Bilfors**

**5. L-Istati Membri għandhom jikkonsultaw lil xulxin fi ħdan il-Kunsill Ewropew u l-Kunsill dwar kull kwistjoni ta' politika estera u ta' sigurta' li tkun ta' interess ġenerali sabiex jigi stabbilit approċċ komuni. Qabel ma tittieħed azzjoni fix-xena internazzjonali jew qabel ma jintrabat b'xi obbligu li jista' jolqot l-interessi ta' l-Unjoni, kull Stat Membru għandu jikkonsulta ma' l-oħrajn fi ħdan il-Kunsill Ewropew jew fil-Kunsill. L-Istati Membri għandhom jiżguraw, permezz tal-konverġenza ta' l-azzjonijiet tagħhom, li l-Unjoni hija kapaċi li tasserixxi l-interessi u l-valuri tagħha fix-xena internazzjonali. L-Istati Membri għandhom juru solidarjeta' bejniethom.**

L-ewwel ma jrid jingħad huwa li dawk li qalbu l-Kostituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea u li tħallsu eluf kbar ta' liri reġgħu għamlu waħda minn tagħhom, u vvintaw kelma li sempliċiment qalbuha mill-Ingliż u kitbuha bil-Malti.

Qegħdin ngħidu għall-kelma "**approach**", li qalbuha "**approċċ**". Li jrid jingħad huwa li din tfisser il-mod kif l-Istati Membri jkunu sejrin jidħlu għal xi ħaġa, jersqu jew iqarrbu lejha.

Fit-tifsira ta' dan l-Artikolu tfisser kif l-Istati Membri jiftehmu minn qabel fuq kwistjoni ta' politika barranija u ta' sigurta' komuni biex huma jippreżentaw opinjoni komuni u jkunu magħquda meta jidħlu jew imorru biex jitkellmu fuqha ma xi ħaddieħor.

Għaldaqstant, aktar kien jixraq li l-kelma "**common approach**" tiġi maqluba għal "**pożizzjoni komuni**" milli għamlu dik il-ħniżrija ta' traduzzjoni.

Innutaw ukoll li qabel xi Stat Membru jidħol għal xi obbligazzjoni internazzjonali li tista' taffettwa l-interessi ta' l-Unjoni Ewropea, huwa jrid jikkonsulta ma' l-Istati Membri l-oħra qabel ma jieħu xi pass bħal dan.

Biex nieħdu eżempju, jekk Malta tkun sejra tidħol għal xi obbligazzjon internazzjonali, Malta trid tikkonsulta lill-Istati Membri l-oħra għaliex dan jista' b'xi mod jolqot l-interessi ta' l-Unjoni Ewropea.

Bħala eżempju ieħor, jekk ikun hemm xi ftehim jew konvenzjoni li Malta jkun jaqblilha li tiffirmaha u tirratifikaha, qabel trid bilfors tikkonsulta ma' l-Istati Membri l-oħra u ma' l-Unjoni Ewroepa biex tara jekk b'xi mod tolqotx l-interessi at' l-Unjoni Ewropea u tara jekk dawn jaqblux.

Qegħdin taraw kemm jibqgħu **Indipendenti, Ħielsa u Sovrani** l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea?

Innutaw ukoll kif l-Istati Membri jridu jiżguraw permezz tal-konverġenza ta' l-azzjonijiet tagħhom, li l-Unjoni Ewropea tkun tista' tieħu ħsieb l-interessi tagħha fix-xena internazzjonali.

Dan ifisser li jekk ikun jaqbel għall-Istat Membru jew Stati Membri partikolari li jieħdu xi azzjoni jew jagħmlu xi ħaġa partikolari, huma jridu jkunu ċerti li b'din l-azzjoni m'humiex se jfixklu b'xi mod lill-Unjoni Ewropea li minħabba dak li jkunu għamlu ma tkunx tista' tħares l-interessi tagħha.

Innutaw kif l-Istati Membri huma obbligati wkoll permezz ta' dan l-Artikolu, li juru solidarjeta' bejniethom. Wieħed jistenna li dan għandu jkun hekk, imma lanqas jistenna li jekk xi Stat Membru jidħol f'xi bawxata minħabba l-ambizzjonijiet tiegħu, speċjalment dawk militari u kolonjalistiċi, l-Istati Membri l-oħra għandhom jaqbżu għalih biex juru solidarjeta' miegħu.

**<u>Mhux Dejjem bl-Unanimita'</u>**

**6. Deċiżjonijet Ewropej li għandhom x'jaqsmu mal-politika estera u ta' sigurta' komuni għandhom jiġu adottati mill-Kunsill Ewropew u mill-Kunsill b'mod unanimu, minbarra fil-każijiet previsti fil-Parti III. Il-Kunsill Ewropew u l-Kunsill għandhom jaġixxu fuq inizjattiva minn Stat Membru, fuq proposta mill-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni jew fuq proposta minn dak il-Ministru li għandha s-sostenn tal-Kummissjoni. Liġijiet u liġijiet kwadru Ewropej għandhom ikunu esklużi.**

Il-paragrafu 6 jgħid li d-deċiżjonijiet fil-Kunsill Ewropew u fil-Kunsill tal-Ministri jiġi adottati b'mod unanimu, imma mhux fil-każijiet imsemmija fil-Parti III li narawhom aktar 'il quddiem. Il-kumplament ma naħsbux li hemm ħtieġa ta' tifsir għalih. Madankollu innutaw dak li jgħid il-paragrafu 7 ta' l-istess Artikolu.

**Aktar Qerq mill-Mexxejja ta' l-Unjoni Ewropea**

**7. Il-Kunsill Ewropew jista' b'mod unanimu, jadotta deciżjoni Ewropea li tawtorizza lill-Kunsill jażixxi b'maġġoranza kwalifikata fil-każijiet kollha minbarra dawk previsti fil-Parti III.**

Mela waqt li min-naħa qiegħed jingħad li d-deċiżjonijiet iridu jittieħdu b'vot unanimu, issa qiegħed jingħad li l-Kunsill Ewropew jista' jiddeċiedi b'vot unanimu li l-Kunsill tal-Ministri jkun jista' jadotta deċiżjonijiet b'maġġoranza kwalifikata minflok b'mod unanimu.

Dan ifisser ukoll li kif għedna aktar qabel dwar Artikoli oħra, waqt li l-Kostituzzjoni trid il-qbil tal-Parlamenti nazzjonali ta' l-Istati Membri kollha u f'xi wħud fejn se jsir referendum anki taċ-ċittadini tagħhom, il-Kunsill Ewropew sejjer jkun jista' jibdel il-Kostituzzjoni billi jagħti s-setgħa lill-Kunsill tal-Ministri mingħajr ma l-Parlamenti nazzjonali u ċ-ċittadini ta' l-Istati Membri jiġi kkonsultati.

Teħid ta' aktar jeddijiet u setgħat mingħand l-Istati Membri mill-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea u mill-istituzzjonijiet tagħha u arroganza kbira li tkompli tidher anki mill-Artikoli li għad irridu naraw.

**Konsultazzjoni u Informazzjoni**

**8. Il-Parlament Ewropew għandu jkun konsultat regolarment dwar l-aspetti prinċipali u dwar l-għażliet fundamentali tal-politika estera u ta' sigurta' komuni. Għandu jiġi regolarment infurmat b'kif qed tevolvi.**

Il-paragrafu 8 qiegħed jagħti l-jedd lill-Parlament Ewropew li jiġi kkonsultat dwar l-aspetti prinċipali u dwar għażliet bażiċi tal-politika barranija u sigurta' komuni, waqt li jibqa' jiġi nfurmat, innutaw li jingħad infurmat u mhux ikkonsultat, dwar kif din il-politika tiżviluppa.

Id-differenza bejn jiġi kkonsultat u jiġi nfurmat hija li waqt li meta jiġi konsultat jista' jagħti l-opinjoni tiegħu, fil-każ meta jiġi nfurmat semplċiment jiġi nfurmat mingħajr l-ebda jedd li jagħti l-opinjoni tiegħu.

Innutaw ukoll li għalkemm jingħad li jiġu konsultat dwar aspetti prinċipali, imkien ma jingħad dwar kif jistgħu jintagħrfu jew x'jistgħu jitqiesu aspetti prinċipali jew minn min sejrin jitqiesu hekk. Kollox miftuh beraħ biex ikollhom minfejn jaħarbu u jiżolqu.

**ARTIKOLU I-41**
**Disposizzjonijiet speċifiċi li jirrelataw għall-politika ta' sigurta' u ta' difiża komuni**

**1. Il-politika ta’ sigurta’ u ta’ difiża komuni għandha tkun parti integrali tal-politika estera u ta’ sigurta’ komuni. Għandha tipprovdi lill-Unjoni b’kapaċita’ operattiva billi tagħmel użu minn riżorsi ċivili u militari. L-Unjoni tista’ tużahom f’missjonijiet barra l-Unjoni għaż żamma tal-paċi, għall-prevenzjoni ta’ konflitti u biex tissaħħah is-sigurta’ internazzjonali skond il-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti. Dawn il-kompiti għandhom jitwettqu billi jintużaw il-kapaċitajiet provduti mill-Istati Membri.**

**<u>Daħlet id-Difiża Komuni</u>**

Din il-parti ta’ dan l-Artikolu turi kif l-Unjoni Ewropea mis-subgħa tieħu l-id, għaliex filwaqt li l-Kostituzzjoni ta’ l-Unjoni Ewropea l-ewwel kienet qiegħda titkellem dwar il-politika barranija u ta’ sigurta’ komuni, issa qiegħda tiddaħħal ukoll fir-ras ta’ l-Artikolu **<u>id-difiża komuni</u>**.

Bl-Ingliż, din tissejjaħ “**creeping jurisdiction**”, li bil-Malti nistgħu ngħidu li dejjem tieħu ġurisdizzjoni inkiss inkiss, bil-ħabi, jew bil-mod il-mod, jew pass wara pass wara pass.

L-ewwel tibda’ bi ftit, imbagħad dejjem iżżid dak li qabel qatt ma kien ingħatalek, bid-differenza li din m’hijiex xi ħaġa ġdida, anzi hija l-prattika għall-Unjoni Ewropea.

Fi kliem ieħor, waqt li qabel kien qiegħed jingħad li l-Unjoni Ewropea kellu jkollha u tmexxi hija l-politika barranija u ta’ sigurta’ komuni, issa qiegħed jingħad, anzi sejjer jiġi pprovdut mill-istess Kostituzzjoni ta’ l-Unjoni Ewropea, li l-politka barranija u ta’ sigurta’ komuni tinkludi wkoll id-difiża.

**<u>Aktar Periklu Għalina</u>**

Dan ifisser li l-Unjoni Ewropea mhux biss sejjer ikollha l-jedd li tagħmel u ddaħħal fis-seħħ il-politika barranija u ta’ sigurta’ komuni, imma anki ta’ difiża komuni.

L-arroganza tal-mexxejja federalisti ta’ l-Unjoni Ewropea tidher għaliex waqt li l-Kostituzzjoni għadha ma għaddietx, hija diġa’ waqqfet l-Aġenzija tad-Difiża tagħha, dik magħrufa bħala “**European Defence Agency**” li l-gvern Malti diġa’ daħħalna nagħmlu parti minnha bil-periklu kollu li din iġġib magħha.

Jekk wieħed jara ftit xi jfisser il-kliem “**difiża komuni**” malajr jinduna li la hija difiża komuni, suppost li kullħadd jieħu sehem fiha, inkella ma tkunx komuni.

Tfisser ukoll li jekk xi Stat Membru jiġi attakkat, l-oħrajn ikunu obbligati jiddefenduh anki jekk l-attakk fuq dak l-Istat Membru jkun riżultat ta’ ndħil illegali tiegħu fl-affarijiet interni ta’ Stati jew pajjiżi oħra bħal ma kienet il-gwerra ta’ l-Iraq, għaliex inkella ma tkunx difiża komuni.

Azzjonijiet bħal dawn mhux biss ipoġġu fil-periklu lil dak l-Istat li jkun daħal fi gwerra għall-kapriċċi tiegħu, imma anki lill-Istati Membri l-oħra minħabba li jkunu marbuta li jgħinuh jekk minħabba l-azzjonijiet tiegħu huwa jiġi attakkat.

Dan huwa dak li sejra tiġi esposta Malta għalih u dak li anki aħna sejrin niġu esposti għalih bid-dħul ta' Malta fl-Aġenzija tad-Difiża ta' l-Unjoni Ewropea. Tajjeb li nfakkru li kien l-istess Gvern li kien daħħal lill-Malta fil-Partnership for Peace, li kienet organizzazzjoni militari mmexxija min-**NATO**.

Kif diġa' qed niġu esposti għall-perikli kollha, anki periklu nukleari, u dan anki jekk biss jiġri xi aċċident u mhux għaliex niġu attakkati, bil-bastimenti tal-gwerra kollha ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika, tan-**NATO**, u ta' Stati Membri oħra li ta' sikwit ikunu fil-portijiet tagħna.

## Riżorsi Ċivili u Militari

Il-kliem ta' dan il-paragrafu jfisser ukoll li darba jkun hemm difiża komuni, l-Unjoni Ewropea mhux biss isserraħ fuq l-armati ta' l-Istati membri tagħha, imma tkun trid ukoll li jkollha l-armata, jew aħjar il-forzi armati tagħha stess barra dawk ta' l-Istati Membri.

Dan ikompli jidher ċar mill-istess paragrafu li jkompli jgħid li din il-politika,

"**Għandha tipprovdi lill-Unjoni b'kapaċita' operattiva billi tagħmel użu minn riżorsi ċivili u militari.**

## Jintużaw madwar id-Dinja

Dawn il-forzi ċivili u militari l-Unjoni Ewropea sejra tkun tista' tużahom mhux biss għad-difiża ta' l-Istati Membri u t-territorju tagħha, imma,

**"L-Unjoni tista' tużahom f'missjonijiet barra l-Unjoni…"**

Qegħdin taraw kif pass wara pass wara pass l-Unjoni Ewropea dejjem iżżid l-indħil tagħha f'affarijiet li qabel ma kinitx tindaħal fihom imma li b'xi mod jista' jkun li kienu jidħlu għalihom xi Stati Membri tagħha kif ukoll dejjem qiegħda żżid il-bogħod li t-truppi tagħha jkunu jistgħu jintużaw, għaliex issa spiċċaw jistgħu jintbagħu madwar id-dinja kollha?

Barra li dan ifisser li l-Unjoni Ewropea qiegħda tkompli tidħol fl-għalqa ta' l-Istati Membri, il-mixja lejn it-twaqqif ta' Stat Federali Ewropew bl-isem ta' l-Unjoni Ewropea hija mill-aktar ċara, għaliex hija mhux biss toħroġ il-liġijiet li jorbtu lill-Istati Membri tagħha u liċ-ċittadini tagħhom, mhux biss sejra jkollha l-politika barranija u ta' sigurta' komuni kif ukoll id-difiża komuni, imma anki l-armata tagħha.

Dawn huma kollha affarijiet li **Stat Indipendenti, Ħieles u Sovran** ikollu biex iħares l-interessi tiegħu, u ma jista' jibqa' l-ebda dubju li pass wara pass wara pass, l-Unjoni Ewropea miexja lejn it-twaqqif ta' dan l-Istat Federali Ewropew.

## Territorju ta' l-Unjoni

Innutaw kif dawn il-forzi ċivili u militari mhux biss jintużaw fit-territorju ta' l-Unjoni Ewropea, u nnutaw ukoll li fil-paragrafu jingħad "**ta' l-Unjoni**" u mhux ta' l-"**Istati**

**Membri**", imma anki barra minn dan it-territorju. Fi kliem ieħor sejrin ikunu jistgħu jintbagħtu madwar id-dinja kollha.

Irridu niġbdu l-attenzjoni li l-fatt li dan il-paragrafu jgħid "**barra mill-Unjoni**" jfisser li l-Unjoni Ewropea m'għadhiex tqis it-territorji ta' l-Istati Membri bħala territorju tagħhom, imma bħala territorju tagħha, għaliex inkella kienet tgħid "**barra mill-Istati Membri**" jew "**barra mit-territorju ta' l-Istati Membri**".

**Għalfejn Jintużaw**

Dawn il-forzi ċivili u militari jistgħu jintużaw mill-Unjoni Ewropea,

**"Għaż-żamma tal-paċi, għall-prevenzjoni ta' konflitti".**

Min se jkun li jiddeċiedi li jkun hemm il-ħtieġa li jintbagħtu l-forzi ċivili u militari biex tinżamm il-paċi u biex ma jitħalliex li jinqala ġlied? M'hemmx dubju li sejra tkun l-Unjoni Ewropea.

Ma ninsewx li l-maġġoranza ta' l-Istati Membri tagħha huma pajjiżi kolonjalisti li qabel kellhom l-Imperu u l-kolonji tagħhom u huma membri fin-**NATO** jew fl-għaqda Ewropea tal-Punent.

Kif jista' xi ħadd ma jgħaddilux il-ħsieb minn moħħu li l-Unjoni Ewropea u dawn l-Istati Membri bl-iskuża taż-żamma tal-paċi jerġgħu jidħlu fl-ex kolonji tagħhom u fejn ikun jidrilhom bl-iskuża taż-żamma tal-paċi u jibqgħu hemmhekk bl-iskuża li l-paċi għadu ma ntlaħaqx u għadu fil-periklu bil-għan li jerġgħu jaħkmu lill-ex kolonji tagħhom u jkomplu jisirqulhom ir-riżorsi naturali tagħhom kif ġara fl-Iraq?

Wieħed mill-eżempji li qegħdin naraw bħalissa huwa s-Sudan, fejn għalkemm hemm kwistjonijiet interni li jixraq li jinħallu mill-aktar fis possibbli, qegħdin naraw kif bl-iskuża taż-żamma tal-paċi, ċerti pajjiżi qegħdin jippruvaw jibgħatu lit-truppi tagħhom.

Din ma hija xejn ħlief skuża biex jaħtfu ż-żejt li għandu s-Sudan, bħal ma kienet skuża l-gwerra ta' l-Iraq li kulħadd jaf li din saret biss biex jinsteraq iż-żejt ta' dan il-pajjiż minn dawk li ħadu sehem fil-gwerra bi ftehim mal-pulċinelli li lesti joqgħodu għal dak kollu li jordnalhom il-barrani li nvada l-pajjiżhom, l-istess bħal ma nstabu pulċinelli hawn Malta li lesti joqgħodu għal dak kollu li jordnalhom il-barrani ta' l-Unjoni Ewropea.

**Importanti li Tinnutaw id-Differenzi**

Innutaw ukoll id-differenza bejn "**tinżamm il-paċi**" u "**l-prevenzjoni tal-konflitti**".

Waqt li biex '**tinżamm il-paċi'** normalent tfisser li jew ma kienx hemm ġlied jew diġa' kien hemm il-ġlied u b'xi mod ikun twaqqaf, '**prevenzjoni ta' konflitti'** tfisser li inti tindaħal minn qabel biex ma tħallix li jinqala l-ġlied. Mela inti diġa' tkun qiegħed tindaħal fl-affarijiet interni ta' Stati oħra.

Innutaw ukoll li dan il-paragrafu jgħid ukoll li dawn il-forzi ċivili u militari jintużaw ukoll,

**"biex tissaħħaħ is-sigurta' internazzjonali skond il-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti."**

Min se jiddeċiedi jekk ikunx hemmx il-ħtieġa li tissaħħaħ is-sigurta' internazzjonali u li hemm il-ħtieġa li jintużaw dawn il-forzi ċivili u militari ta' l-Unjoni Ewropea biex tissaħħaħ is-sigurta' internazzjonali?

Mhux l-Unjoni Ewropea li skond l-istess Kostituzzjoni li qiegħda tiġi mpoġġija quddiem l-Istati Membri għal-qbil tagħhom, u li qiegħda tagħti l-jedd lill-Unjoni Ewropea li jkollha u tmexxi l-politika barranija u ta' sigurta' komuni li magħha hemm ukoll id-difiża komuni li fl-istess Artiklu jinsabu dawn il-provvedimenti?

**<u>Stati Membri Esposti għall-Periklu</u>**

Il-fatt li jingħad li dawn l-affarijiet ikunu skond il-prinċipji tal-Karta tal-Ġnus Magħquda ma jfisser xejn, għaliex malajr jistgħu jinstabu skużi bħal ma kienu nstabu mill-Amerika u l-Ingliterra biex jagħmlu l-gwerra illegali tagħhom fuq l-Iraq li issa kulħadd jaf li kienet illegali u biss skuża biex jinħataf iż-żejt ta' l-Iraq u ma tawx każ tal-Ġnus Magħquda.

U x'jiġri jekk ikun hemm Stat Membru li, bħal ma għamlet l-Ingliterra, jidħol fi gwerra li wara jkun jidher, u forsi anki tiġi dikjarata, li kienet gwerra illegali u jiġi attakkat, ma jkunx jista' jitlob lill-Unjoni Ewropea tordna lill-Istati Membri tagħha biex jgħinuh minħabba l-politika barranija u ta' sigurta' u difiża komuni?

U jekk jiġri hekk, ma jkunux ukoll l-Istati Membri l-oħra esposti mhux biss għal attakki ta' tpattija u terroriżmu, imma jkunu wkoll risponsabbli biex iħallsu tal-ħsara li jkunu għamlu lil dak il-pajjiż li jkunu attakkaw illegalment u liċ-ċittadini tiegħu?

Qegħdin taraw kif l-affarijiet malajr jistgħu jikkumplikaw ruħhom mingħajr lanqas ma jgħaddu minn moħħ dak li jkun jekk sempliċiment jaqra mingħajr ma jaħseb ftit dwar il-konsegwenzi ta' dak li jkun qiegħed jingħad jew jaqra?

Ma rridux ninsew, anzi tajjeb li niftakru, li kif jgħid il-qawl Malti, "**min jidħol bejn il-basla w qoxritha jibqa' b'riħitha**".

**<u>Kapaċitajiet Ipprovduti mill-Istati Membri</u>**

Ħalli nkomplu naraw l-arroganza ta' l-Unjoni Ewropea u ta' dawk li ħadu sehem u fasslu l-Kostituzzjoni tagħha u li qegħdin jippretendu li din tiġi aċċettata mill-Istati Membri u ċ-ċittadini tagħhom. Dan il-paragrafu jkompli jgħid li,

**"Dawn il-kompiti għandhom jitwettqu billi jintużaw il-kapaċitajiet provduti mill-Istati Membri."**

Tajjeb hekk, hux tassew? L-Unjoni Ewropea tordna u l-Istati Membri, jew aħjar iċ-ċittadini tagħhom, iħallsu u jipprovdu dak kollu meħtieġ biex jagħmlu dak kollu li l-Unjoni Ewropea tkun iddeċiediet, ordnat u daħlet għalih.

Jista' jkollok nies, mexxejja, istituzzjonijiet u Unjoni Ewropea aktar arroganti, ma jistħux, wiċċhom mingħajr l-iċken qatra żejt u agħar mill-għatba tal-Klistanija, li jippretendu li kulħadd jaqbel magħhom li jagħtihom il-jedd li huma jordnaw u ħaddieħor iħallas, anki b'demmu?

**Tfassil ta' Politika ta' Difiża Komuni**

Ħalli nkomplu naraw l-arroganza ta' l-Unjoni Ewropea fil-paragrafu li jmiss. Dan jgħid li,

**2. Il-politika ta' sigurta' u ta' difiza komuni għandha tinkludi t-tfassil progressiv ta' politika ta' difiża komuni ta' l-Unjoni. Dan iwassal għal difiża komuni, meta l-Kunsill Ewropew, b'mod unanimu, jiddeċiedi hekk. F'dak il-każ dan għandu jirrakkomanda lill-Istati Membri l-adozzjoni ta' tali deċiżjoni skond il-ħtiġiet kostituzzjonali rispettivi tagħhom.**

Innutaw kif dan il-paragrafu qiegħed jgħid li fil-politika ta' sigurta' u ta' difiża komuni għandu jkun hemm tfassil progressiv, jiġifieri dejjem imur aktar 'il quddiem sakemm kollox isir ħaġa waħda, ta' politika ta' difiża komuni.

Fi kliem ieħor, dan ifisser li aktar ma jgħaddi żmien, aktar l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea sejrin ikunu marbuta li skond il-politika ta' sigurta' u difiża komuni jieħdu sehem fis-sigurta' u fid-difiża komuni, li joħorġu l-flejjes u jagħtu sehemhom permezz ta' nies ċivili u forzi militari għad-difiża komuni ta' l-Istati Membri kollha, minkejja li forsi xi wħud minnhom ikunu attakkati għaliex ikunu daħlu f'xi avventura militari f'xi pajjiż ieħor kif iħobbu jagħmlu.

Imma tajjeb li tiftakru wkoll li fl-istess politika hemm ukoll dak li rajna aktar qabel, jiġifieri li l-forzi ċivili u militari jistgħu jintużaw ukoll barra mit-territorju ta' l-Unjoni Ewropea fuq missjonijiet li diġa' wrejna l-perikli li joħolqu għall-Istati Membri bl-indħil li sejra tkun tista' tagħmel l-Unjoni Ewropea fl-affarijiet interni ta' Stati oħra.

Innutaw li jingħad ukoll li,
**"Dan iwassal għal difiża komuni, meta l-Kunsill Ewropew, b'mod unanimu, jiddeċiedi hekk."**

Li jingħad li l-Kunsill jiddeċiedi b'mod unanimu għalina ma jfisser xejn, għaliex malajr issir pressjoni mill-Istati Membri li jkunu jridu difiża komuni fuq Stati Membri oħra li ma jkunux iriduha, speċjalment jekk ikunu żgħar bħal Malta.

Barra minn hekk, niftakru wkoll li l-Kostituzzjoni ta' Malta tgħid ċar u tond li Malta ma tistax tieħu sehem f'allejanzi militari u ma tistax tħalli bastimenti taż-żewġ superpotenzi f'Malta.

M'hemmx dubju li kulħadd jaf li minkejja li l-Unjoni Sovjetika spiċċat, l-Amerika xorta waħda għadha superpotenza u aktar tista' tagħmel li trid għaliex m'hemmx superpotenza oħra, u għalhekk aktar għandna nħarsu l-Kostituzzjoni kelma b'kelma.

Minkejja dak kollu li tgħid il-Kostituzzjoni, il-Gvern Malti bl-akbar arroganza u ksur tal-Kostituzzjoni kien diġa' daħħal lil Malta fil-Partnership for Peace, il-**PfP**,

organizzazzjoni militari mmexxija mill-organizzazzjoni miltari **NATO**, u issa diġa' daħħalna fl-Aġenzija tad-Difiża Ewropea.

Taħsbu li b'xi mod mhux biss issir pressjoni imma anki għandna lil min huwa lest li jkompli jikser u jkażbar il-Kostituzzjoni ta' Malta, biex jilgħaq u jobdi dak kollu li jordnalu l-barrani kif dejjem għamel u jaqbel ma l-oħrajn li għandu jkun hemm difiża komuni?

## Gvern Malti Lagħaqi u Spjun tal-Barrani

Innutaw ukoll kif il-gvern qiegħed mhux biss jobdi u jimxi skond ma jkun ordnat mill-Unjoni Ewropea, imma qiegħed joqgħod għal dak kollu li tordnalu l-Istati Uniti ta' l-Amerika.

Ara l-Istati Membri l-oħra ta' l-Unjoni Ewropea ma daħħlux is-sistema fejn kull min jitlaq jew jidħol fil-portijiet u fl-ajruporti jintbagħtu d-dettalji tiegħu lejn l-Istati Uniti ta' l-Amerika, imma l-gvern Malti daħħalha fuq l-ordni ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika.

Fi kliem ieħor, kull min qiegħed jitlaq jew jidħol fil-portijiet u fl-ajruport tagħna, kemm jekk huwa Malti jew barrani, qegħdin jintbagħtu d-dettalji tiegħu kollha lejn l-Istati Uniti ta' l-Amerika.

B'hekk, il-gvern Malti qiegħed jagħmilha ta' spjun mhux biss fuq il-barranin, imma anki fuq iċ-ċittadini Maltin billi qiegħed jinforma lill-Istati Uniti ta' l-Amerika fejn ikunu marru, meta, kemm damu, u Alla biss jaf kemm dettalji oħra.

Ara l-Istati Uniti ta' l-Amerika qegħdin jieħdu ritratti u l-marki tas-swaba ta' kull min imur l-Amerika, imma aħna m'għamilna xejn minn dan għaċ-ċittadini Amerikani, is-suldati u l-baħrin Amerikani li reġgħu ġabu lil Malta latrina tagħhom.

## Ordni lill-Istati Membri

Biex immorru lura lejn is-subartikolu 2, m'hemmx dubju li sejjer ikun hemm min jargumenta li dan l-istess paragrafu jgħid ukoll li,

**"F'dak il-każ dan għandu jirrakkomanda lill-Istati Membri l-adozzjoni ta' tali deċiżjoni skond il-ħtiġiet kostituzzjonali rispettivi tagħhom."**

Jekk wieħed jaqra mingħajr ma jaħseb jgħid li tassew huwa hekk, imma tajjeb li kif għedna kemm-il darba, għandna naħsbu ftit fuq dak li nkunu qegħdin naqraw u mhux naqraw biss. Innutaw li jingħad li "**jirrakkomanda**".

U jekk minflok ma jirrakkomanda jew qabel ma jirrakkomanda ssir pressjoni biex il-ħtiġijiet kostituzzjonali jinbidlu ħalli mbagħad ikun jista' jirrakkomanda u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu jkunu jistgħu jiġu milquha?

Ma taħsbux li jekk min ikun fil-Gvern, jiġifieri l-Kap ta' Stat jew Gvern fil-Kunsill Ewropew ikun qabel li għandha ssir id-difiża komuni, u speċjalment jekk fil-Parlament ikun hemm min nesa l-politika tiegħu ta' qabel u jaqta' qalbu, ma jkunx

faċli li tinbidel il-Kostituzzjoni biex ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill Ewropew ikunu jistgħu jiġu milquha?

Diġa' qegħdin naraw kemm lil min ma jemminx kif ukoll lil min, li minkejja li għadu jgħid li jemmen fin-newtralita' ta' Malta, bil-fatti hemm min qiegħed imur fuq il-bastimenti tal-gwerra tan-**NATO** u ta' l-Istati Uniti.

**Il-Primat tal-Kostituzzjoni ta' l-Unjoni**

Irridu niftakru wkoll li kif rajna aktar qabel, il-Kostituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea qiegħda tagħti jedd lill-Unjoni Ewropea li mhux biss il-Kostituzzjoni tagħha jkollha primat, jiġifieri jedd li tkun 'il fuq mill-Kostituzzjoni u mil-liġijiet ta' l-Istati Membri u b'hekk torbothom, imma anki l-liġijiet ordinarji tagħha, jiġifieri ta' l-Unjoni Ewropea għandhom primat.

Fi kliem ieħor, anki liġi ordinarja ta' l-Unjoni Ewropea sejra tkun 'il fuq mill-Kostituzzjoni tagħhom, u minkejja dak li tkun tgħid il-Kostituzzjoni tagħhom, il-liġi tkun tgħodd u torbot u l-Kostituzzjoni tagħhom ma tkun tiswa xejn.

X'taħsbu li jiġri jekk wara li l-Kunsill ikun iddeċieda li għandu jkun hemm difiża komuni, l-Unjoni Ewropea permezz ta' l-Istituzzjonijiet tagħha tagħmel liġi li tgħid li minħabba l-ħtieġa ta' difiża komuni, kull Stat irid jagħti sehemu?

La darba kull liġi ta' l-Unjoni Ewropea torbot lill-Istati Membri, ma jkollhomx jemendaw il-Kostituzzjoni tagħhom biex jobdu l-liġi ta' l-Unjoni Ewropea jekk il-Kostituzzjoni tagħhom, bħall-Kostituzzjoni ta' Malta, tkun toffri xi xkiel biex ikun hemm difiża komuni?

Anzi jista' jingħad li tinbidel jew ma tinbidilx il-Kostituzzjoni, xorta waħda tkun tgħodd il-liġi ta' l-Unjoni Ewropea għaliex ikollha primat anki fuq il-Kostituzzjoni.

Dawn huma affarijiet li jekk wieħed jistudja kif żviluppat l-Unjoni Ewropea jara kif pass wara pass wara pass, l-istituzzjonijiet tagħha dejjem ħadu aktar jeddijiet milli qatt kienu tawhom l-Istati Membri permezz ta' interpretazzjoni tat-Trattati mill-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea, u malajr jinduna kemm dak li qegħdin ngħidu huwa minnu.

Ftakru wkoll li kif rajna aktar qabel, il-lealta' tal-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea hija lejn l-Unjoni Ewropea u lejn l-għanijiet tagħha.

**L-Unjoni Ewropea Ħaġa Waħda man-NATO**

Tant l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha dejjem moħħhom fil-gwerer, u bħala konsegwenza jibżgħu minn attakki ta' tpattija u terroriżmu, li biex żgur ma jfixklux Stati Membri li huma membri f'organizzazzjonijiet militari oħra, hemm ukoll il-paragrafu li ġej li jkompli mas-subartikolu 2 ta' dan l-Artikolu. Dan jgħid li,

**"Il-politika ta' l-Unjoni skond dan l-Artikolu ma tippreġudikax il-karattru speċifiku tal-politika ta' Sigurta' u ta' difiza ta' ċerti Stati Membri, tirrispetta l-obbligi ta' ċerti Stati Membri, li jaraw id-difiża komuni tagħhom realizzata fil-qafas ta' l-Organizzazzjoni tat-Trattat tan-Nord Atlantiku, skond it-Trattat tan-**

**Nord Atlantiku, u għandha tkun kompatibbli mal-politika komuni ta' sigurta' u ta' difiża stabbilita f'dak il-qafas."**

L-ewwel nett innutaw li qiegħed jingħad, għalkemm mhux b'mod daqstant ċar, li l-politika ta' sigurta' u difiża ta' l-Unjoni Ewropea għandha tkun kompatibbli, jiġifieri taqbel, mal-politika ta' sigurta' u difiża deċiża f'dak l-ambitu, jiġifieri skond kif ikun deċiż mill-organizzazzjoni militari **NATO**.

Barra minn hekk, bil-Malti ngħidu l-Atlantiku tat-"**Tramuntana**" mhux tan-"**Nord**". Din hija kawlata jew balbuljata oħra li għamlu t-tradutturi li tħallsu l-eluf kbar ta' liri biex jaqilbu l-Kostituzzjoni għall-ilsien Malti.

Innutaw ukoll kif l-Unjoni Ewropea mhux biss qiegħda tgħid f'dan il-paragrafu li l-politika tagħha f'dawn l-oqsma,

**"ma tippreġudikax il-karattru speċifiku tal-politika ta' Sigurta' u ta' difiża ta' ċerti Stati Membri,"** imma li,

"**tirrispetta l-obbligi ta' ċerti Stati Membri, li jaraw id-difiża komuni tagħhom realizzata fil-qafas ta' l-Organizzazzjoni tat-Trattat tan-Nord Atlantiku, skond it-Trattat tan-Nord Atlantiku."**

Fl-istess paragrafu jingħad li bħala konsegwenza, il-politika ta' difiża u sigurta' ta' l-Unjoni Ewropea,

**"Għandha tkun kompatibbli mal-politika komuni ta' sigurta' u ta' difiża stabbilita f'dak il-qafas."**

Fi kliem ieħor, l-Unjoni Ewropea qiegħda tintrabat li mhux biss il-politika ta' sigurta' u difiża tagħha tkun taqbel ma dik tan-**NATO**, imma li ma tagħmel xejn li ma jkunx jaqbel mal-politika tan-**NATO** minħabba l-Istati Membri tagħha li huma membri fl-Organizzazzjoni militari tan-**NATO.**

<u>**Nasba fil-Kostituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea**</u>

Issa tajjeb li niftakru li kif fissirna aktar qabel, il-maġġoranza ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea huma fl-organizzazzjoni militari **NATO**. Anki dawk il-pajjiżi li qabel kienu fil-Patt ta' Varsavja, li kienet l-organizzazzjoni militari ta' l-Unjoni Sovjetika u l-pajjiżi kommunisti issa daħlu fin-**NATO** wara li saru membri ta' l-Unjoni Ewropea.

Huwa għalhekk li l-Kostituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea fiha dan l-Artikolu u anki Artikoli oħra biex waqt li l-Unjoni Ewropea jkollha l-armata tagħha li tkun magħmula minn forzi armati ta' l-Istati Membri u jkollha s-sigurta' ma tkunx qiegħda toħroġ l-ispejjeż hi, fl-istess waqt ikollha l-ħarsien tan-**NATO**. Ħalli nfissru kif.

Il-fatt li l-maġġoranza ta' l-Istati Membri huma membri ta' l-organizzazzjoni militari **NATO** għandu implikazzjonijiet oħra.

Dan għaliex kif tiftakru, aktar qabel rajna li kif qiegħed jingħad fil-Kostituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea, bil-politika ta' sigurta' u difiża komuni ta' l-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri jridu jaqbżu għal xulxin jekk xi wieħed minnhom jiġi attakkat.

Dan jinstab ukoll fit-trattat tan-**NATO**, fejn jekk Stat Membru tan-**NATO** jiġi attakkat, l-oħrajn huma obbligati li jaqbżu għalih.

Dan ifisser li jekk xi Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea minħabba s-sħubija tiegħu fl-organizzazzjoni militari **NATO** li nafu bl-avventuri u l-indħil militari tagħha jiġi attakkat, il-membri l-oħra tan-**NATO** iridu jgħinuh.

Bl-istess mod, minħabba li huwa wkoll Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri l-oħra ta' l-Unjoni Ewropea huma wkoll marbuta li jridu jgħinuh jeħodha kontra min jattakkah.

Din hija nasba fil-Kostituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea li jekk wieħed jaqra mingħajr ma joqgħod jaħseb lanqas qatt ma tgħaddilu minn moħħu.

Issa jekk wieħed jara l-istorja tan-**NATO** ikun jaf li minkejja li Franza hija membru fl-organizzazzjoni militari **NATO**, hija wkoll l-aktar pajjiż li kellu xi jgħid man-**NATO**, kemm minħabba politika dwar l-armamenti għaliex Franza, speċjalment De Gaulle, riedu jiżviluppaw l-industrija ta' l-armamenti Ewropea, kif ukoll minħabba dak li seta jagħmel il-President Amerikan mingħajr ma qabel jinforma lill-mexxejja tal-membri l-oħra tan-**NATO**.

Dan għaliex, bħala eżempju, il-President Amerikan seta' juża l-armi nukleari kontra l-Unjoni Sovjetika u pajjiżi li jidhirlu mingħajr ma qabel javża lill-membri l-oħra tan-**NATO**, li kienu jistgħu jsibu ruħom imdaħħla fi gwerra nukleari b'deċiżjoni li huma ma jkollhom l-ebda sehem fiha.

Dan huwa biss eżempju wieħed ta' l-arroganza militari tal-mexxejja tan-**NATO**, għaliex kulħadd jaf kif in-**NATO** li qabel kienet maħsuba bħala organizzazzjoni militari għad-difiża tal-membri tagħha, ħadet sehem, anzi kienet hija li bbumbardjat il-Jugoslavja biex dan il-pajjiż ġie mfarrak ħalli ma jibqa' l-ebda pajjiż kommunista fl-Ewropa barra r-Russja.

## Tan-NATO Iżebilħu l-Kostituzzjoni ta' Malta

L-arroganza tan-**NATO** dehret ukoll meta aċċettat l-applikazzjoni tal-Gvern Malti biex jissieħeb fil-Partnership for Peace meta l-mexxejja tagħha kienu jafu li dik is-sħubija kienet tikser il-Kostituzzjoni ta' Malta. Daqshekk lesti li jżebilħu l-Kostituzzjoni ta' Malta l-mexxejja tan-**NATO**.

Anki l-mexxejja ta' l-Unjoni Ewropea wrew li lesti jżebilħu l-Kostituzzjoni ta' Malta meta huma aċċettaw l-applikazzjoni tal-Gvern Malti biex Malta tissieħeb fl-Aġenzija tad-Difiża Ewropea meta jafu li dik is-sħubija tikser il-Kostituzzjoni ta' Malta.

Dawn l-azzjonijiet urew mhux biss il-lagħaqiżmu tal-Gvern Malti li joqgħod għal kull ma jordnalu l-barrani, imma jurina wkoll kemm il-barrani kollu, kemm ta' l-Unjoni

Ewropea kif ukoll tan-**NATO**, lesti li jżebilħu l-Kostituzzjoni ta' Malta li hija l-aqwa liġi tal-pajjiż.

Dan huwa dak li tfisser is-sħubija fl-Unjoni Ewropea u l-politika ta' sigurta' u difiża komuni ta' l-Unjoni Ewropea, flimkien mas-sħubija tal-maġġoranza ta' l-Istati Membri fl-organizzazzjoni militari tan-**NATO**.

Tridu li nibqgħu niġu ordnati u mżebilħa mill-barrani ta' l-Unjoni Ewropea u n-**NATO** u l-**ĠUDIET** mixtrija tagħhom hawn Malta li għamlu lil Malta kolonja u latrina tagħhom?

Jekk le triq waħda hemm. Nitilqu barra mill-Unjoni Ewropea l-lejla qabel għada kif għandna kull jedd u setgħa li nagħmlu.

**<u>Kapaċitajiet Ipprovduti mill-Istati Membri</u>**

It-tielet subartikolu jgħid li,
**3. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Unjoni l-kapaċitajiet ċivili u militari għall-implimentazzjoni tal-politika ta' sigurta' u ta' difiża komuni, sabiex jikkontribwixxu għall-għanijiet stabbiliti mill-Kunsill. Dawk l-Istati Membri li flimkien jistabbilixxu forzi multinazzjonali jistgħu wkoll jagħmluhom disponibbli għall-politika ta' sigurta' u ta' difiża komuni.**

Innutaw kif l-Istati Membri jridu jipprovdu l-forzi ċivili u militari biex l-Unjoni Ewropea tkun tista' timplimenta, jiġifieri ddaħħal fis-seħħ u tagħmel dak kollu li jkun meħtieġ għad-difiża ta' l-Unjoni Ewropea. Dan biex, kif jingħad fl-istess paragrafu, jagħtu sehemhom biex jintlaħqu l-miri mwaqqfa mill-Kunsill tal-Ministri.

**<u>Titjib fil-Kapaċitajiet Militari</u>**

Dan is-subartikolu jkompli jgħid li,
**L-Istati Membri għandhom jintrabtu li progressivament itejbu l-kapaċitajiet militari tagħhom.**

Ħalli għalissa nieqfu fuq din il-parti.

Innutaw ukoll kif jingħad li l-Istati Membri mhux biss iridu jagħtu sehemhom, imma jridu joħorġu ħafna spejjeż oħra, li jfissru iktar taxxi fuq iċ-ċittadini tagħhom, għaliex qegħdin jintrabtu li progressivament iridu jtejjbu l-kapaċitajiet militari tagħhom.

Għaldaqstant, huma dejjem iridu jibqgħu fuq quddiem u jkollhom l-aħħar teknoloġija moderna militari biex tintuża mill-forzi militari tagħhom.

Dan juri kemm mhux biss l-Unjoni Ewropea għandha ambizzjonijiet militari, u m'hemmx dubju għalfejn trid dawn il-forzi militari, imma li l-Istati Membri joħorġu l-ispejjeż għalihom waqt li jżommu wkoll ma' l-aħħar żviluppi biex dejjem itejjbu l-kapaċitajiet militari tagħhom.

Inkella kif l-industriji ta' l-armamenti ta' ċerti Stati membri ta' l-Unjoni Ewropea jkomplu bl-iżviluppi u l-bejgħ ta' l-armi tal-qerda tagħhom?

Inkella kif l-Unjoni Ewropea tkun tista’ tidħol f’avventuri militari flimkien man-**NATO** f’pajjiżi oħra?

Inkella kif l-Unjoni Ewropea u ċerti pajjiżi jkunu jistgħu jkomplu l-esplojtazzjoni tagħhom fuq l-ex kolonji tagħhom?

Inkella kif l-Unjoni Ewropea u n-**NATO** jkunu jistgħu jżommu preżenza u bażijiet militari f’ċerti pajjiżi biex jiżguraw dik li huma jsejħu sigurta’ tagħhom?

Inkella kif l-Unjon Ewropea flimkien man-**NATO** jkunu jistgħu jiżguraw li f’ċerti pajjiżi, speċjalment fil-Lvant Nofsani, jkun hemm reġimi pupi tagħhom, l-aqwa li ż-żejt ikompli ġej lejn l-Amerika u lejn l-Unjoni Ewropea?

Ftakru li jekk it-Turkija ssir membru ta’ l-Unjoni Ewropea, il-fruntieri ta’ l-Unjoni Ewropea jiġu jmissu ma’ l-Iran, l-Iraq, u l-kaldarun ibaqbaq tal-Lvant Nofsani minn fejn jiġi l-parti l-kbira taż-żejt għall-Istati Membri ta’ l-Unjoni Ewropea u l-Amerika.

Kif għandkom tiftakru wkoll kemm-il darba ġie ddikjarat minn mexxejja magħrufa li lesti jagħmlu minn kollox biex il-vit taż-żejt tal-Lvant Nofsani ma jingħalaqx għall-Unjoni Ewropea u l-Amerika.

Hemm ħafna aktar x’jingħad fuq dawn l-affarijiet, imma naħsbu li dawn il-ftit ħsibijiet huma biżżejjed biex kulħadd jaħseb ftit fuqhom u fuq oħrajn li jista’ huwa stess jislet minn dawn il-paragrafi, mill-Kostituzzjoni ta’ l-Unjoni Ewropea, u mill-aħbarijiet li jinstemgħu kuljum fuq il-mezzi tax-xandir u l-istampa.

Dan huwa l-periklu kbir li aħna ninsabu fih minħabba s-sħubija tagħna fl-Unjoni Ewropea u l-arroganza tal-mexxejja federalisti tagħha u tan-**NATO**.

## Aġenzija tad-Difiża Ewropea

It-tieni parti ta’ dan is-subartikolu tkompli tgħid li,
**Għandha tiġi stabbilita Agenzija fil-qasam ta’ l-iżvilupp tal-kapaċitajiet ta’ difiża, tar-riċerka, ta’ l-akkwist u ta’ l-armamenti (l-Aġenzija tad-Difiża Ewropea) sabiex tidentifika l-ħtiġiet operattivi, tippromwovi l-miżuri li jissodisfaw dawn il-ħtiġiet, tikkontribwixxi sabiex tidentifika u, fejn hu meħtieġ, timplimenta miżuri meħtieġa sabiex issaħħaħ il-bażi industrijali u teknologika tas-settur tad-difiża, tipparteċipa sabiex tidentifika politika Ewropea dwar kapaċitajiet u armamenti u tassisti lill-Kunsill fil-valutazzjoni tat-titjib tal-kapaċitajiet militari.**

Innutaw kif dan is-subartikolu jgħid li għandha titwaqqaf l-Aġenzija Ewropea ta’ l-Armamenti, ir-Riċerka, u l-Kapaċitajiet Militari. Ħalli naraw dan il-provvediment biċċa biċċa.

## L-Għanijiet ta’ l-Aġenzija

Wieħed jista’ jistaqsi għalfejn, jekk l-Unjoni Ewropea m’għandhiex ambizzjonijiet militari u l-forzi militari jridu jipprovduhom l-Istati Membri tagħha, sejra titwaqqaf din l-Aġenzija?

## Żvilupp, Riċerka u Akkwist

Fil-paragrafu jingħad li din l-Aġenzija sejra titwaqqaf sabiex tilħaq diversi għanijiet, u għalhekk tajjeb li narawhom ftit ftit.

**"Għandha tiġi stabbilita Agenzija fil-qasam ta' l-iżvilupp tal-kapaċitajiet ta' difiża, tar-riċerka, ta' l-akkwist u ta' l-armamenti"**

Jekk is-suldati u l-armamenti kollha sejrin jipprovduhom l-Istati Membri, għalfejn twaqqfet din l-Aġenzija jekk mhux biex l-Unjoni Ewropea jkollha l-oqsma tagħha stess biex tiżviluppa l-kapaċitajiet ta' difiża, riċerka u l-akkwist ta' l-armamenti?

U jekk ikollha dawn l-oqsma u l-armamenti tagħha ma tkunx ħaġa naturali li tkun trid tippruvahom xi mkien biex tara kemm huma tajbin u biex ittejjibhom u b'hekk tidħol f'xi avventura militari kif spiss tagħmel l-Istati Uniti ta' l-Amerika?

Ma jfissirx ukoll li l-fatt li jingħad li din l-Aġenzija tidħol fl-akkwist ta' l-armamenti jifsser ukoll li l-Unjoni Ewropea trid li jkollha wkoll l-armata tagħha separata u distinta mill-armati ta' l-Istati Membri tagħha? Inkella min sejjer jużahom l-armamenti li takkwista?

## Ħtiġiet Operattivi

Ikompli jingħad li din l-Aġenzija titwaqqaf ukoll,
**sabiex tidentifika l-ħtiġiet operattivi, tippromwovi l-miżuri li jissodisfaw dawn il-ħtiġiet"**

Dan ifisser li din l-Aġenzija ta' l-Unjoni Ewropea dwar l-armamenti trid tara x'inhuma l-ħtiġijiet operattivi ta' l-Unjoni Ewropea, jiġifieri biex l-Unjoni Ewropea tkun tista' tinqeda fil-ħtiġiet tagħha u biex tkun tista' tagħmel u twettaq l-operazzjonijiet kollha li l-mexxejja federalisti tagħha jiddeċiedu li l-Unjoni Ewropea, jew aħjar l-Istati Membri tagħha, għandhom jidħlu għalihom fuq l-ordni tagħha.

Bl-istess mod, din l-Aġenzija trid tmexxi 'l quddiem il-miżuri li għandhom jittieħedu, naturalment mill-Istati Membri, biex jintlaħqu dawn il-ħtiġiet.

Jista' xi ħadd jibqalu l-iċken dubju li din hija Aġenzija Federali ta' Stat Federali li xogħolha huwa li tara l-Istat Federali x'jinħtieġ u tordna lill-Istati Membri biex jipprovduh skond ma tkun ordnat l-Aġenzija Federali?

## Bażi Industrijali u Teknoloġika

Din l-Aġenzija għandha wkoll, **"tidentifika l-ħtiġiet operattivi, tippromwovi l-miżuri li jissodisfaw dawn il-ħtiġiet, tikkontribwixxi sabiex tidentifika u, fejn hu meħtieġ, timplimenta miżuri meħtieġa sabiex issaħħaħ il-bażi industrijali u teknologika tas-settur tad-difiża"**

Hawnhekk naraw aktar indħil minn Aġenzija Federali fuq l-Istati Membri li jingħad li għandha tagħti sehemha biex tara x'inhuma, u fejn hu meħtieġ timplimenta, jiġifieri

tagħmel, il-miżuri meħtieġa sabiex issaħħaħ il-bażi industrijali u teknoloġika tas-settur tad-difiża.

Fi kliem ieħor, issaħħaħ is-settur ta' l-armamenti biex ikunu jistgħu jsiru l-aħħar armamenti u tiftix fuqhom ħalli jkollha l-aħħar u l-aħjar armamenti li jista' jkollha.

Tinsewx, industrija ta' l-armamenti ta' qerda minflok l-industrija tal-mediċina li ssalva l-ħajja tal-bniedem u tagħmilielu aħjar.

Tinsewx ukoll li fil-paragrafu ta' qabel jingħad li l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea għandhom,

**"jintrabtu li progressivament itejbu l-kapaċitajiet militari tagħhom"**

Issa qegħdin naraw kif sejra tkun l-Aġenzija ta' l-Armamenti ta' l-Unjoni Ewropea li sejra tkun tista' tordna x'għandhom jagħmlu l-Istati Membri fil-qasam tad-difiża, għaliex huma jkunu ntrabtu li progressivament itejjbu l-kapaċitajiet miltari tagħhom.

Inkella kif ikunu jistgħu jagħtu l-aħjar sehem lill-Unjoni Ewropea jekk ma jkollhomx l-aħħar u l-aħjar armanmenti li l-Agenzija ta' l-Armamenti ta' l-Unjoni Ewropea tkun sabet li huma l-aħjar għad-difiża tagħha jew għal kull avventura militari li jfettlilha tidħol għaliha f'xi pajjiż ieħor?

Dawn kollha jfissru aktar taxxi fuq dahar iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri biex l-industriji ta' l-armamenti ta' ċerti Stati Membri li kulħadd jaf min huma jkompli jistagħnew minn fuq dahar iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea, fosthom iċ-ċittadini Maltin sakemm nibqgħu membri ta' l-Unjoni Ewropea.

**Politika, Kapaċitajiet u Armamenti**

Din l-Aġenzija ta' l-Armamenti ta' l-Unjoni Ewropea għandha wkoll,

"**tipparteċipa sabiex tidentifika politika Ewropea dwar kapaċitajiet u armamenti u tassisti lill-Kunsill fil-valutazzjoni tat-titjib tal-kapaċitajiet militari.**"

Innutaw li l-Aġenzija għandha,

**"tipparteċipa sabiex tidentifika politika Ewropea dwar kapaċitajiet u armamenti."**

Hawnhekk, barra li din l-Aġenzija qiegħda tingħata l-jedd li tieħu sehem biex tara x'kapaċitajiet militari għandhom l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea, innutaw l-arroganza tal-mexxejja federalisti ta' l-Unjoni Ewropea li fil-Kostituzzjoni ma jgħidux ta' l-Istati Membri, imma jgħidu "**Ewropea**", minkejja li jafu li mhux l-Istati kollha ta' l-Ewropa huma membri ta' l-Unjoni Ewropea.

Mhux biss, imma dan ifisser ukoll li l-Unjoni Ewropea qiegħda tqis il-politika dwar kapaċitajiet u armamenti bħala tagħha u mhux ta' l-Istati Membri tagħha, u għaldaqstant din turi wkoll kemm l-Unjoni Ewropea tqis lilha nfisha bħala Stat Federali li qiegħda taħseb mhux biss għall-politika barranija u ta' sigurta' u difiża komuni, imma anki għall-armata u l-industriji ta' l-armamenti tagħha.

Dan juri wkoll l-arroganza u l-għan ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea li pass wara pass wara pass taħkem taħt difrejha lill-Istati kollha ta' l-Ewropa.

Innutaw ukoll li l-istess Aġenzija ta' l-Armamenti ta' l-Unjoni Ewropea qiegħda tingħata l-jedd, u mhux jekk tintalab, li tgħin lill-Kunsill tal-Ministri fil-valutazzjoni tat-titjib tal-kapaċitajiet militari.

Dan ifisser li jekk l-Aġenzija jkun jidrilha li xi Stat Membru partikolari ma jkunx qiegħed jimxi ma' l-aħħar żviluppi u ma jkollux l-aħħar armamenti, hija sejra tkun tista' tuża l-influwenza tagħha biex il-Kunsill tal-Ministri jkun jista' jiddeċiedi li dak l-Istat Membru għandu jirranġa s-sitwazzjoni u jikseb l-armamenti li l-Aġenzija u l-Kunsill tal-Ministri jordnaw.

Qegħdin taraw kif anki fl-Unjoni Ewropea taħdem is-sistema tal-ħbieb tal-ħbieb u kif il-ħbieb jieħdu ħsieb il-ħbieb fl-Unjoni Ewropea?

Qegħdin taraw kif anki l-Aġenzija ta' l-Armamenti sejra tibda tieħu ħsieb li l-industriji ta' l-armamenti ta' ċerti Stati Membri li kulħadd jaf min huma jkollhom xogħol kemm iridu waqt li ċ-ċittadini ta' l-Istati Membri jkomplu jżidu l-piżijiet u t-tbatija tagħhom bit-taxxi li jkollhom iħallsu kapriċċ tal-mexxejja federalisti ta' l-Unjoni Ewropea?

Huwa għalhekk li dejjem ngħidu li m'għandikx taqra biss, imma tifli u tiżen kull kelma li tkun inkitbet u jekk ikollok xi ħaġa li m'hijiex togħoġbok u taħseb li qiegħed jitħalla xi ħaġa barra staqsi xi tħalla barra u għalfejn tħalla barra.

**<u>Deċiżjonijiet Unamimi jew b'Maġġoranza?</u>**

Subartikolu 4 ta' dan l-Artikolu jgħid li,
**4. Deċiżjonijiet Ewropej dwar il-politika ta' sigurta' u ta' difiża komuni, inklużi dawk li jibdew missjoni kif prevista f'dan l-Artikolu, għandhom jiġu adottati mill-Kunsill b'mod unanimu, fuq proposta mill-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni jew fuq inizjattiva minn Stat Membru. Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni jista' jipproponi li juża kemm riżorsi nazzjonali kif ukoll strumenti ta' l-Unjoni, flimkien mal-Kummissjoni fejn xieraq.**

Wieħed jista' jaħseb li jekk tinqala kwistjoni dwar l-implimentazzjoni tal-politika barranija u ta' sigurta' komuni, u tinsewx li skond Artikolu I-41 (1) tal-Kostituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea li qegħdin naraw bħalissa, Malta sejra tkun tista' twaqqaf kollox jekk ma tkunx taqbel.

L-ewwel nett irridu nfakkru kif pressjoni kbira tista' ssir minn Stati Membri oħra u l-Unjoni Ewropea permezz ta' l-istituzzjonijiet tagħha biex Malta jew xi Stat ieħor, speċjalment jekk ikun żgħir, jaqbel ma' l-Istati Membri l-oħra.

Barra minn hekk, irridu nfakkru li minkejja li f'dan is-subartikolu jingħad li d-deċiżjonijiet imsemmija jridu jittieħdu b'vot unanimu, subartikolu 7 ta' l-Artikolu I-40 jgħid li,

**7. Il-Kunsill Ewropew jista' b'mod unanimu, jadotta deċiżjoni Ewropea li tawtorizza lill-Kunsill jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fil-każijiet kollha minbarra dawk previsti fil-Parti III.**

Il-mistoqsija hija li jekk il-Kunsill tal-Ministri jkun ingħata l-jedd mill-Kunsill Ewropew li jiddeċiedi b'maġġoranza kwalifikata minflok unanimament, kif sejjer jiddeċiedi fil-każ imsemmi fis-subartiklu 4 ta' dan l-Artikolu li qegħdin naraw issa, unanimament jew b'maġġoranza kwalifikata?

Qegħdin nistaqsu din il-mistoqsija għaliex dan l-Artikolu ma jinstabx fil-Parti III ta' din il-Kostituzzjoni, u għalhekk il-Kunsill tal-Ministri jista' ma jkunx marbut li jiddeċiedi unanimament.

Aħna ngħidu li la darba dan l-Artikolu ma jinstabx fil-Parti III, il-Kunsill Ewropew ma' l-ewwel okkażjoni jista', anzi aktarx jiddeċiedi li jagħti l-jedd lill-Kunsill tal-Ministri li jista' jiddeċiedi f'dawn l-affarijiet b'maġġoranza kwalifikata, u m'hemmx dubju li l-Kunsill tal-Ministri hekk jiddeċiedi u mhux b'unanimita'.
Dan jeħles lill-Kunsill tal-Ministri min-nuqqas ta' qbil minħabba n-natura tad-deċiżjonijiet li jkun irid jieħu, li faċilment idaħħlu lill-Istati Membri fi ġlied imdemmi jew saħansitra anki gwerra, fejn Stat bħal Malta, jekk ikollha Gvern sod, kienu joħolqu problemi jekk jivvutaw kontra, id-deċiżjoni ma tkunx unanima, u jkollu jieqaf kollox.

## Il-Qerq tal-Mexxejja ta' l-Unjoni Ewropea

Qegħdin taraw kif l-affarijiet isiru biex dak li jkun jidher li jrid isir unanimament jiddaħħal xi ħaġa oħra biex ikun jista' jsir anki jekk ikun hemm biss qbil tal-maġġoranza ta' l-Istati Membri, li f'dan il-każ nafu kemm hemm minnhom li jħobbu l-avventuri militari u anki qanqlu gwerer?

Qegħdin taraw kif isir il-qerq mill-mexxejja ta' l-Unjoni Ewropea u kif l-affarijiet jinħbew f'Artikoli differenti biex forsi dak li jkun jinsa xi jkun inkiteb qabel u ma jgħaddilux minn moħħu li l-mexxejja federalisti ta' l-Unjoni Ewropea jkunu qegħdin iqarrqu bih biex japprova u jaċċetta li l-Unjoni Ewropea jkollha l-Kostituzzjoni tagħha?

## Proposti għal Azzjonijiet

Innutaw ukoll kif jingħad li proposti quddiem il-Kunsill tal-Ministri biex jittieħdu xi azzjonijiet imsemmija fis-subartikolu 4 jistgħu jsiru jew mill-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni Ewropea jew minn xi Stat Membru.

Dan ifisser li xi Stat Membru li jkollu ambizzjonijiet militari, u kulħadd jaf kemm hemm Stati Membri li għandhom ambizzjonijiet militari, ikunu jistgħu jagħmlu proposta li jekk tiġi aċċettata tista' twassal għal-gwerra u attakki ta' tpattija fuq Stati Membri oħra.

Dan huwa periklu ieħor mill-ħafna perikli li ninsabu fihom minħabba s-sħubija tagħna fl-Unjoni Ewropea.

## Riżorsi Naturali

Dan is-subartiklu jgħid ukoll li,
**Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni jista' jipproponi li juża kemm riżorsi nazzjonali kif ukoll strumenti ta' l-Unjoni, flimkien mal-Kummissjoni fejn xieraq.**

Innutaw kif il-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni Ewropea jista' juża riżorsi naturali mingħajr ma jingħad x'inhuma dawn ir-riżorsi. Dan sar apposta biex dak kollu li jkun jidrilhom il-mexxejja ta' l-Unjoni Ewropea li jistgħu jissejjħu riżorsi naturali jkunu jistgħu jintużaw mill-Unjoni Ewropea.

## Ir-Riżorsi Nazzjonali ta' Malta

Il-fatt li l-Gvern Malti daħħal lil Malta fl-Aġenzija tad-Difiża Ewropea u fil-forza militari ta' l-Unjoni Ewropea, jiġifieri dik magħrufa bħala Rapid Deployment Force u wiegħed li jibgħat suldati Maltin, u l-fatt li għandna rappreżentant militari permanenti ġewwa Brussell, ifisser li l-Gvern Malti daħal f'impenji militari sigrieti ma' l-Unjoni Ewropea?

Tgħid hemm xi ftehim biex ir-riżorsi nazzjonali ta' Malta bħal ma huma l-portijiet kennija u l-ajruport tagħna jintużaw mill-Unjoni Ewropea bħala riżorsi nazzjonali għall-politika ta' difiża u sigurta' komuni?

Tinsewx ukoll li riżorsi nazzjonali jfissru wkoll iż-żejt, gass u riżorsi naturali oħra.

Dan ifisser li jekk jinstab iż-żejt u/jew gass u riżorsi naturali oħra fl-ibħra Maltin, L-Unjoni Ewropea jkollha dritt li tieħodhom permezz tal-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin tagħha għaliex kif indunajtu r-riżorsi ta' l-Istati Membri jitqiesu bħala riżorsi ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ma jkun xejn ħlief serq tar-riżorsi naturali tagħna, liema serq huwa xi ħaġa komuni mill-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea li kienu u għadhom kolonjalisti u kellhom il-kolonji tagħhom fejn serqulhom ir-riżorsi naturali tagħhom barra li jassru lill-popli tagħhom.

Tgħid għalhekk s'issa għadu qatt ma nstab żejt u gass fl-ibħra u fit-territorju ta' Malta?

Tgħid se jinstab issa wara li Malta saret kolonja ta' l-Unjoni Ewropea ħalli jkun jista' jittieħed mill-Unjoni Ewropea?

Jekk insibu ż-żejt, xorta waħda l-Unjoni Ewropea se jkollha sehem minnu, għaliex l-ewwel nett ikollna nagħtuha iżjed bħala kontribuzzjoni minħabba li d-dħul tal-kaxxa ta' Malta jikber, u barra minn hekk kull xorta ta' għajnuna mill-Unjoni Ewropea tonqos bil-kbir għaliex inkunu meqjusa bħala li nistgħu ngħaddu mingħajrha għaliex ikollna d-dħul miż-żejt u/jew gass.

Qed taraw kemm hemm affarijiet moħbija mill-poplu Malti li ħadd ma qiegħed jgħidhomlu ħliefna?

**L-Esekuzzjoni tal-Missjoni**

Is-subartikolu 5 jgħid li,
**5. Il-Kunsill jista' jafda l-eżekuzzjoni tal-missjoni, fil-qafas ta' l-Unjoni, lil grupp ta' Stati Membri sabiex jiġu protetti l-valuri ta' l-Unjoni u l-interessi tagħha jinqdew. L-eżekuzzjoni ta' din il-missjoni għandha tkun regolata bl-Artikolu III-310.**

Hija ħaġa naturali li jekk Stat Membru partikolari ma jkollux il-ħtiġijiet militari meħtieġa għal xi operazzjoni ma jkunx jista' jagħti sehemu tajjeb. Għaldaqstant, l-Unjoni Ewropea ddur fuq dawk l-Istati Membri li jkollhom il-mezzi meħtieġa biex iwettqu l-operazzjonijiet tagħha kif deċiżi mill-mexxejja tagħha.

Biex nieħdu eżempju, jekk l-Unjoni Ewropea tiddeċiedi li tattakka xi pajjiż, Malta m'għandhiex forzi ta' l-ajru biex jintużaw fl-attakk, għalkemm għandna l-portijiet u l-ajruport, imma anki jekk ma jintużawx u xorta waħda nkunu fil-periklu li niġu attakkati minħabba li aħna Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea.
Innutaw li jingħad li l-azzjonijiet jew missjonijiet isiru biex jitħarsu l-valuri ta' l-Istat Federali ta' l-**Unjoni Ewropea** u jinqdew l-interessi tagħha u mhux biex jitħarsu l-valuri u l-interessi ta' l-Istati Membri tagħha u taċ-ċittadini tagħhom.

Qed taraw dak li dejjem għedna li pass wara pass wara pass qiegħed jitwaqqaf l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea li jordna kollox u l-Istati Membru u ċ-ċittadini tagħhom dejjem iridu jobdu u jiġu l-aħħar u li l-Kostituzzjoni li jridu jagħmlu hija l-aħħar jew wieħed mill-aħħar passi biex jintlaħaq dan il-għan?

Aktar 'il quddiem naraw ukoll x'jgħid l-Artikolu III-310 li jissemma f'dan l-Artioklu.

**Kapaċitajiet Militari**

Subartikolu 6 jgħid li,
**6. Dawk l-Istati Membri li l-kapaċitajiet militari tagħhom jilħqu kriterji ogħla u li jkunu ħadu impenji akbar ma' xulxin fil-qasam bil-ħsieb tat-twettiq tal-missjonijiet l-aktar diffiċli għandhom jistabbilixxu koperazzjoni strutturata permanenti fil-qafas ta' l-Unjoni. Din il-koperazzjoni għandha tkun regolata mill-Artikolu III-312. M'għandhiex tolqot d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu III-309.**

Li qiegħed jagħmel dan is-subartikolu huwa li jagħti jedd lill-dawk l-Istati Membri li għandhom kapaċitajiet militari tajba biex jingħaqdu bejniethom ħalli jintlaħqu l-għanijiet ta' l-Unjoni Ewropea li tkun iddeċiediet fuq missjonijiet aktar diffiċli.

Dan qiegħed joħloq Unjoni Ewropea fejn dawk fuq quddiem fit-tiġrija għall-armamenti jkunu magħquda flimkien fuq quddiem, u b'hekk mhux biss tinħoloq Unjoni Ewropea ta' żewġ klassijiet, imma dawk li jkunu fuq quddiem jistgħu jdaħħlu lill-oħrajn f'inkwiet mingħajr ma jkun meħtieġ minħabba l-arja u l-arroganza tagħhom għaliex ikunu armati tajjeb.

## Aggressjoni Armata

Is-7 subartikolu jgħid li,
**7. Jekk Stat Membru jkun il-vittma ta' aggressjoni armata fuq it-territorju tiegħu, l-Istati Membri l-oħra għandhom jagħtuh għajnuna u assistenza permezz tal-mezzi kollha li jista' jkollhom, skond l-Artikolu 51 tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti. Dan m'għandux jippreġudika l-karattru speċifiku tal-politika ta' sigurta' u ta' difiża ta' ċerti Stati Membri.**

**Impenji u koperazzjoni f'dan il-qasam għandhom ikunu konsistenti ma' l-impenji magħmula fl-Organizzazzjoni tat-Trattat tan-Nord Atlantiku, li, għal dawk l-Istati Membri li huma membri tagħha, tibqa' s-sisien tad-difiża kollettiva tagħhom u l-forum għall-implimentazzjoni tagħha.**

## Id f'Id man-NATO

Dan is-subartikolu juri bl-aktar mod ċar dak li għedna aktar qabel, li l-Unjoni Ewropea għandha ħbiberija kbira ma l-organizzazzjoni militari **NATO** tant li l-impenji u koperazzjoni f'dan il-qasam għandhom ikunu konsistenti ma l-impenji magħmula fl-Organizzazzjoni ta-**NATO**.

Innutaw ukoll kif jekk Stat Membru jiġi attakkat wara xi azzjoni li jkun ħa minħabba li huwa wkoll membru fin-**NATO**, l-Istati Membri l-oħra ta' l-Unjoni Ewropea jridu jiddefenduh għaliex huwa wkoll Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ifisser li minkejja li Malta skond il-Kostituzzjoni hija Stat newtrali u ma tistax tieħu sehem f'allejanza militari, xorta waħda tista' tiddaħħal fi gwerra kaġun mhux biss ta' l-Unjoni Ewropea, imma anki kaġun tan-**NATO** li l-bastimenti tagħha sikwit jiġu fuq żjarat u jimlew il-portijiet tagħna.

Innutaw kif jingħad li **"impenji u koperazzjoni f'dan il-qasam għandhom ikunu konsistenti ma' l-impenji magħmula fl-Organizzazzjoni tat-Trattat tan-Nord Atlantiku",** jiġifieri n-**NATO**.

Kif tista' qatt Malta ma tiksirx il-Kostituzzjoni tagħha li tgħid li ma tistax tieħu sehem f'allejanzi militari u mhux biss tieħu sehem f'xi azzjonijiet jew missjonijiet militari ta' l-Unjoni Ewropea, imma saħansitra tkun obbligata li tagħmel hekk f'kooperazzjoni stretta man-**NATO** li hija organizzazzjoni u allejanza militari?

Dan huwa dak li ġabuna fih il-**ĠUDIET**, it-tradituri u l-**QUISLINGS** mixtrija tal-barrani li ma jixirqilhomx jissejħu Maltin bis-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea u bil-Kostituzzjoni li jridu jgħaddu sakemm nibgħu membri fl-Unjoni Ewropea.

## Parlament Ewropew Ikkonsultat, Parlamenti Nazzjonali Le

**8. Il-Parlament Ewropew għandu jiġi konsultat regolarment dwar l-aspetti prinċipali u dwar għażliet fundamentali tal-politika ta' sigurta' u ta' difiża komuni. Għandu jiġi regolarment infurmat b'kif tevolvi.**

Dwar dan is-subartikolu, innutaw kif waqt li l-Parlament ta’ l-Unjoni Ewropea għandu jiġi konsultat regolarment kif jingħad, l-ebda Parlament nazzjonali ma jiġi konsultat dwar deċiżjonijiet li xorta waħda jkunu sejrin jolqtu liċ-ċittadini tiegħu.

Qegħdin taraw l-arroganza tal-mexxejja ta’ l-Istat Federali ta’ l-Unjoni Ewropea meta jittrattaw ma’ l-Istati Membri tagħha u l-ogħla istituzzjonijiet tagħhom bħal ma huma l-Parlamenti nazzjonali?

Barra minn hekk, innutaw li għandu jiġi konsultat “**dwar l-aspetti prinċipali u dwar għażliet fundamentali”** tas-sigurta’ u difiża komuni, u mhux fuq id-dettalji ghaliex dawk tagħmilhom l-Aġenzija tad-Difiża Ewropea.

Innutaw ukoll li l-Parlament jiġi biss nfurmat kif din il-politika u ta’ sigurta’ komuni tevolvi, jiġifieri tiżviluppa.

Mela hawnhekk għandna prova oħra mill-aktar ċara li l-Parlament Ewropew fejn xi Membri Parlamentari Ewropej imorru jgħaddu ż-żmien u jieħdu flejjes li ma jkunx ħaqqhom kif ħareġ ċar kemm-il darba m’għandux is-saħħa li normalment Parlament nazzjonali jkollu.

Qegħdin taraw kemm jgħaddukom biż-żmien dawk li jgħidulkom kemm il-Membri Parlamentari Ewropew imorru jegħrqu l-għaraq tad-demm jiġġieldu għad-drittijiet tagħkom fil-Parlament Ewropew?

**ARTIKOLU I-42**
**Disposizzjonijiet speċifiċi dwar iż-żona ta’ liberta’ ta' sigurta’ u ta' ġustizzja**

**1. L-Unjoni għandha tkun żona ta’ liberta’ ta’ sigurta’ u ta’ ġustizzja:**

**a) billi tadotta liġijiet u l-liġijiet kwadru Ewropej maħsuba, fejn ikun meħtieġ, biex japprossimaw disposizzjonijiet leġislattivi jew regolatorji ta’ l-Istati Membri fl-oqsma previsti fil-Parti III;**

**b) billi tippromwovi fiduċja reċiproka bejn l-awtoritajiet kompetenti ta’ l-Istati Membri, b’mod partikolari fuq bażi tar-rikonoxximent reċiproku ta’ deċiżjonijiet ġudizzjarji u extraġudizzjarji;**

**c) bil-koperazzjoni operattiva bejn l-awtoritajiet kompetenti ta’ l-Istati Membri, inklużi l-pulizija, s-servizzi doganali u servizzi oħra speċjalizzati fil-qasam tal-prevenzjoni u l-kxif ta’ reati.**

**<u>Territorju ta’ l-Unjoni Ewropea</u>**

Innutaw li dan kollu qiegħed jingħad li jrid isir biex l-Unjoni Ewropea tkun spazju ta’ liberta’, sigurta’ u ġustizzja. Dan ifisser, u huwa mill-aktar ċar, li l-Unjoni Ewropea tqis li l-ispazju u t-territorju ta’ l-Istati Membri tagħha hija tqisu bħala spazju u territorju tagħha.

L-ewwel subinċiż ifisser li l-Unjoni Ewropea qiegħda tingħata l-jedd li tagħmel liġijiet u l-famużi liġijiet kwadru Ewropej biex, fejn ikun meħtieġ, iqarrbu lejn xulxin liġijiet nazzjonali fl-oqsma li jinsabu fil-Parti III, li aktar 'il quddiem narawha wkoll.

Dan ifisser li l-Unjoni Ewropea qiegħda tingħata l-jedd li tagħmel il-liġijiet kollha li jkun jidrilha meħtieġa biex il-liġijiet fl-oqsma msemmija fil-Parti III jsiru l-istess jew l-effett tagħhom ikun l-istess fl-Istati Membri kollha tagħha.

Innutaw li dan kollu qiegħed jingħad li jrid isir biex l-Unjoni Ewropea tkun spazju ta' liberta', sigurta' u ġustizzja. Dan ifisser, u huwa mill-aktar ċar, li l-Unjoni Ewropea tqis l-ispazju u t-territorju ta' l-Istati Membri bħala spazju u territorju tagħha u mhux ta' l-Istati Membri.

Qegħdin taraw kemm l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea jibqalhom il-jedd li jagħmlu l-liġijiet tagħhom kif ikun jidrilhom xieraq u fl-aħjar interess taċ-ċittadini tagħhom?

Dan huwa wkoll telfien, kif għedna aktar qabel, tal-jedd li kull **Stat Indipendenti, Ħieles u Sovran** għandu skond il-liġi internazzjonali.

Dwar it-tieni subinċiż ma kienx hemm ħtieġa li tiġi l-Unjoni Ewropea u tgħid x'għandu jsir dwar l-għarfien ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji bejn l-Istati Membri, għaliex dan ilu jsir. Imma issa l-Unjoni Ewropea qiegħda tingħata dan il-jedd li tkun hija li tmexxi 'il quddiem fiduċja f'xulxin, li diġa' teżisti, ta' l-għarfien tad-deċiżjonijiet msemmija.

Dwar it-tielet subinċiż li huwa xi ħaġa tajba, anki hawnhekk kien hemm diġa' ħafna ftehim, kemm bejn l-Istati Membri u Stati oħra biex jaħdmu flimkien biex iħarsu l-interessi finanzjarji li kull Stat għandu jedd għalihom u jintlaħqu l-għanijiet imsemmija.

Madankollu, dan issa qiegħed isir mill-Unjoni Ewropea għaliex issa d-dazju u l-levies li qabel kienu jidħlu fil-kaxxa ta' l-Istati Membri, kif kienu jidħlu wkoll fil-kaxxa ta' Malta, imorru għand l-Unjoni Ewropea.

Huwa għalhekk li l-Unjoni Ewropea trid li jkun hemm koperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-awtoritajiet tagħhom, biex tkun żgura li jitħarsu l-interessi tagħha u mhux dawk ta' l-Istati Membri.

**<u>Ewropol</u>**

It-tieni subartikolu jgħid li,
**2. Il-Parlamenti nazzjonali jistgħu, fil-qafas taż-żona ta' liberta' ta' sigurta' u ta' ġustizzja, jipparteċipaw fil-mekkaniżmi ta' valutazzjoni previsti fl-Artikolu III-260. Għandhom ikunu assoċjati fil-kontroll politiku tal-europol u fil-valutazzjoni ta' l-attivitajiet tal-Eurojust skond l-Artikoli III-276 u III-273.**

Dan is-subartikolu qiegħed jagħti xi jeddijiet lill-Parlamenti nazzjonali biex jieħdu sehem fl-oqsma imsemmija kif maħsuba fl-Artikolu msemmi u jaraw xi jkun qiegħed

isir mil-**Ewropol**, li hija pulizija ta' l-Unjoni Ewropea bħal ma l-**FBI** hija l-pulizija federali ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika.

Dan sar biex taparsi l-Parlamenti nazzjonali ma spiċċawx għal kollox, imma kulħadd jaf li dawn ma baqgħalhom saħħa ta' xejn għaliex spiċċaw qishom, bir-rispett kollu, il-Kunsilli Lokali, li jistgħu jagħmlu biss dak li jħallihom l-Istat u jobdu dak kollu li jordnalhom.

Tajjeb li niġbdu l-attenzjoni tagħkom li t-tradutturi li tħallsu eluf ta' liri biex qalbu l-Kostituzzjoni bil-Malti ma kienux jafu li bil-Malti tajjeb ngħidu "**jieħdu sehem**" u mhux "**jipparteċipaw**".

Is-subartikolu 3 jgħid li,
**3. L-Istati Membri għandhom id-dritt ta' inizjattiva fil-qasam tal-koperazzjoni ġudizzjarja u tal-pulizija f'materji kriminali, skond l-Artikolu III-264.**

Dan il-jedd ta' inizjattiva, jiġifieri li jibdew jieħdu azzjoni l-Istati Membri, narawh aktar 'il quddiem meta naraw l-Artikolu III-264.

## ARTIKOLU I-43
## Klawżola ta' solidarjetà

**1. L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha għandhom jaġixxu flimkien fi spirtu ta' solidarjeta' jekk xi Stat Membru jkun il-vittma ta' attakk terroristiku jew il-vittma ta' diżastru naturali jew magħmul mill-bniedem.**

<u>**L-Istati Membri Marbuta**</u>

Din il-parti ta' dan is-subartikolu hija ċara daqs il-kristall li l-Istati Membri qegħdin jintrabtu li jridu jaġixxu flimkien u jieħdu sehem biex jiddefendu xi Stat Membru jekk dan ikun vittma ta' attakkat terroristiku jew diżastru naturali jew magħmul mill-bniedem.

Hawnhekk trid issir differenza, għaliex waqt li kulħadd jaqbel li kull Stat għandu jingħata l-għajnuna jekk ikun vittma ta' diżastru naturali jew magħmul mill-bniedem kemm jekk ikun membru ta' l-Unjoni Ewropea u kemm jekk le għaliex is-solidarjeta' bejn il-bnedmin m'għandhiex tiddependi fuq jekk intix membru jew le, ma jistax jingħad l-istess jekk dan ikun riżultat ta' attakk terroristiku minħabba l-avventuri militari tiegħu.

Dan ifisser li l-Istati Membri qegħdin jintrabtu li minkejja li huma ma jkollhomx x'jaqsmu ma l-azzjonijiet li jista' jkun ħa xi Stat Membru li kaġun tagħhom jisfa' taħt attakk terroristiku, huma jridu jiġġieldu u jagħmlu dak kollu meħtieġ biex jiddefenduh.

Anki li tgħin lin-nies ċivili mod u li tgħin militarment huwa mod ieħor. Għaliex anki jekk Stat ieħor li jkun vittma ta' attakk terroristiku tgħinu militarment tkun qed tidħol bejn il-basla u qoxritha, aħseb u are jekk ikun xi Stat li jħobb jindaħal fl-affarijiet interni ta' pajjiżi oħra anki forsi militarment.

Tinsewx x'jgħid il-qawl Malti li "**Min jidħol bejn il-basla w qoxritha jibqa' b'riħitha**".

Trid tkun tassew arroganti bħall-Unjoni Ewropea biex tippretendi li l-ewwel tħalli Stati Membri tiegħek jidħlu f'avventuri militari minħabba li tħeġġiġhom biex jieħdu sehem fil-politika tiegħek li tista' twassal għal azzjonijiet militari f'pajjiżi oħra, kif ukoll minħabba li huma wkoll membri fl-organizzazzjoni militari **NATO**, imbagħad tippretendi li l-Istati Membri l-oħra kollha jaqbżu jekk xi ħadd minnhom jisfa vittma ta' xi attakk terroristiku bħala tpattija.

Bil-Malti ngħidu wkoll li "**min jikriha jkollu joqgħod għaliha**", u li "**min jilgħab man-nar jinħaraq**."

Għalhekk m'għandha l-ebda jedd l-Unjoni Ewropea li tippretendi li jekk Stat Membru jew Stati Membri tagħha jilgħabu man-nar u jinħarqu, għandhom jinħarqu magħhom ukoll Stati Membri oħra li ma jkunux lagħbu man-nar.

Madankollu, dak huwa dak li qiegħed jordna dan l-Artikolu tal-Kostituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea, u rridu niftakru dak li kien intqal li "**la l-Unjoni Ewropea trid hekk ikollu jsir hekk**."
Tridu li nibqgħu f'dan il-periklu kbir li s-sħubija fl-Unjoni Ewropea daħħlitna fih jew infittxu nitilqu minn taħt il-ħakma kolonjali tal-barrani arroganti, kolonjalista u imperjalista ta' l-Unjoni Ewropea kif għandna kull jedd u setgħa li nagħmlu?

__**L-Użu tar-Riżorsi Militari u Okkupazzjoni**__

Dan is-subartikolu jkompli jgħid li,
**L-Unjoni għandha tuża l-istrumenti kollha li għandha għad-disposizzjoni tagħha, inklużi r-rizorsi militari magħmula disponibbli mill-Istati Membri, sabiex:**

**a)**
- **tipprevjeni t-theddida ta' l-att terroristiku fit-territorju ta' l-Istati Membri;**
- **tħares l-istituzzjonijiet demokratiċi u l-popolazzjoni ċivili minn kull attakk terroristiku;**
- **tassisti li xi Stat Membru fit-territorju tiegħu fuq talba ta' l-awtoritajiet politiċi tiegħu f'kaz ta' attakk terroristiku;**

Innutaw kif qiegħed jingħad li l-Unjoni tibgħat dak kollu li jkollha għad-dispożizzjoni tagħha, inklużi r-riżorsi militari, sabiex ma tħallix li sseħħ theddida ta' l-att terroristiku fit-territorju ta' l-Istati Membri.

Innutaw ukoll li ma jingħadx li dan isir fuq talba ta' l-Istat Membru nnifsu, u għaldaqstant l-Unjoni Ewropea sejra jkollha l-jedd li tibgħat il-forzi militari tagħha fi Stat Membru jekk tgħid li għandha jew b'xi mod taf b'theddida li fi Stat Membru partikolari sejjer ikun hemm, jew jista' jkun hemm, attakk terroristiku.

Dan ifisser ukoll li bi skuża ta' attakk terroristiku, l-Unjoni Ewropea sejra tkun tista' tibgħat lit-truppi tagħha fi Stat Membru għal kull skuża li jidrilha u ġġib l-iskuża li hemm theddida terroristika.

Dan ifisser ukoll li minkejja li Malta mhux suppost li tħalli forzi militari barranin fuq territorju Malti, l-Unjoni Ewropea sejra tkun tista' tibgħat forzi militari kemm trid għaliex ikollha l-iskuża li trid tiddefendi lill-Malta minħabba theddid terroristiku.

Qegħdin taraw kemm l-affarijiet jinħadmu bizzilla biex l-Unjoni Ewropea tkun tista' mhux biss iddur ma l-affarijiet, inkluża l-Kostituzzjoni ta' Stati Membri, imma tingħata jeddijiet u setgħat li jingħata biss Stat Federali biex iżomm il-ħakma tiegħu b'id tal-ħadid fuq l-Istati Membri?

## Indħil u Okkupazzjoni Militari mill-Unjoni

Ikompli jingħad li l-Unjoni Ewropea tista' tibgħat anki r-riżorsi militari biex **"tħares l-istituzzjonijiet demokratiċi u l-popolazzjoni ċivili minn kull attakk terroristiku"**

Anki hawn ma jingħadx min sejjer jieħu din id-deċiżjoni. fuq liema kriterji tittieħed, u min jiddeċiedi li hemm periklu ta' attakk terroristiku, kif lanqas ma jingħad jekk dan isirx fuq talba ta' l-Istat Membru partikolari.

Dan ifisser li l-Unjoni Ewropea sejra tkun tista' tibgħat anki r-riżorsi militari minn Stati Membri oħra f'dak l-Istat Membru biex tokkupah bl-iskuża li tkun qiegħda tħares l-istituzzjonijiet demokratiċi u l-popolazzjoni ċivili minn attakk terroristiku.

Din ma tkun xejn ħlief okkupazzjoni militari mill-Istat Federali ta' Stat Membru tiegħu li l-Unjoni Ewropea forsi tkun qed tara li l-poplu tiegħu ddejjaq bil-ħakma kolonjali tagħha u jkun se jqum kontra l-mexxejja tiegħu li jkunu pulċinelli mmexxijja minn Brussell.

Huwa biss fit-tielet parti li jingħad li l-Unjoni Ewropea sejra tkun tista' tibgħat anki r-riżorsi militari tagħha fi Stat Membru biex, kif jingħad, "**tassisti li xi Stat Membru fit-territorju tiegħu fuq talba ta' l-awtoritajiet politiċi tiegħu f'kaz ta' attakk terroristiku."**

Madankollu, innutaw li huwa biss f'din il-parti u għal din ir-raġuni li jingħad li dawn jintbagħtu fit-territorju ta' Stat Membru fuq talba tiegħu stess, imma ma jingħadx hekk fil-każi l-oħra li rajna qabel.

Dan ifisser li jekk fi Stat Membru iqumu kwistjonijiet kbar, speċjalment minħabba s-sħubija tiegħu fl-Unjoni Ewropea, u jkun hemm xi ħadd li jista anki jkun mixtri jew ikun aġent sigriet ta' l-Unjoni Ewropea u jagħmel xi attakk terroristiku apposta, dak l-attakk jista' jinġieb bħala skuża biex gvern pupu u mexxejja pulċinelli ta' l-Unjoni Ewropea f'dak l-Istat Membru jitolbu lill-Unjoni Ewropea tibgħat it-truppi tagħha.

Wieħed m'għandux jiskanta li affarijiet bħal dawn isiru, għaliex Hitler hekk kien għamel biex ikollu skuża ħalli jattakka lill-Polonja fil-bidu tat-tieni gwerra dinjija, kif ukoll fin-Norveġja fejn poġġa Gvern pulċinell mmexxi minn wieħed li kien jismu **QUISLING**.

Huwa għalhekk li min ikun imexxi f'xi pajjiż imma kull ma jkun qiegħed jagħmel huwa li jobdi l-ordnijiet ta' xi Stat ieħor, anki Stat Federali bħall-Unjoni Ewropea,

jissejjaħ **QUISLING**, għax ikun **QUISLING** u **ĠUDA** ta' niesu u ta' pajjiżu u jkun qiegħed imexxi biss fl-interess tal-barrani.

Anki Klaus Kinkel tal-Ġermanja kien akkużat li kien jaħdem biex jimmina l-Jugoslavja sakemm irnexxilhom ifarrkuha, ħaġa li qatt ma ġiet miċħuda

Qegħdin taraw kif l-affarijiet jinħadmu bizzilla biex l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea tibqa' taħkem b'id tal-ħadid fuq l-Istati Membri tagħha?

__**Għajnuna f'Diżastri**__

**b) - tassisti li xi Stat Membru fit-territorju tiegħu, fuq talba ta' l-awtoritajiet politiċi tiegħu, f'każ ta' diżastru naturali jew magħmul mill-bniedem.**

Ara dwar dan m'hemmx x'wieħed jgħid, anżi kull Stat huwa fid-dmir li jgħin Stat ieħor mill-aħjar li jista' f'każ ta' diżastru, kif dejjem għamlet Malta mill-aħjar li setgħet u qatt ma kien hemm ħtieġa li tiġi l-Unjoni Ewropea tgħidilna biex nagħmlu hekk.

Imma anki hawn trid toqgħod attent, għaliex diżastru naturali huwa mod, imma diżastru magħmul mill-bniedem jista' jkun xi ħaġa li marret żmerċ bħal ma kien ġara f'Ċernobil fejn sar aċċident nukleari, u jista' jkun riżultat ta' sabutaġġ, bħal ngħidu aħna, sabutaġġ fuq xi diga, fuq xi impjant ta' l-elettriku, nukleari, u affarijiet oħra li kulħadd jista' jaħseb fuqhom.

Qegħdin taraw kif anki fuq affarijiet li jkunu jidhru mingħajr l-ebda komplikazzjonijiet trid taħseb daqsxejn b'moħħok ħalli tara x'jista' jiġri li jidħol taħt dak li jkun qiegħed jingħad?

**2. L-arranġamenti fid-dettall għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu huma previsti fl-Artikolu III-329.**

Aktar 'il quddiem naraw dawn l-arranġamenti x'inhuma meta naraw l-Artikolu III-329.

## KAPITOLU III
## KOPERAZZJONI MSAĦĦA

### ARTIKOLU I-44
### Koperazzjoni msaħħa

**1. L-Istati Membri li jixtiequ jistabbilixxu koperazzjoni msaħħa bejniethom fil-qafas tal-kompetenzi mhux esklużivi ta' l-Unjoni jistgħu jagħmlu użu mill-istituzzjonijiet tagħha u jistgħu jeżerċitaw dawk il-kompetenzi billi japplikaw id-disposizzjonijiet rilevanti tal-Kostituzzjoni, fil-limiti u skond il-proċeduri stabbiliti f'dan l-Artikolu u fl-Artikoli III-416 sa III-423.**

**<u>L-Unjoni Ewropea Tikkontrolla Kollox</u>**

Li qiegħed jingħad f'dan is-subartikolu huwa biss li fejn l-Unjoni Ewropea m'għandhiex kompetenzi esklussivi, jiġifieri li taġixxi u tieħu azzjonijiet hija biss, l-Istati Membri jistgħu jaġixxu u jieħdu azzjonijiet billi jużaw l-istituzzjonijiet tagħha, dejjem fil-limiti u skond proċeduri kif jingħad.

Innutaw li dawk il-kompetenzi jridu jintużaw jew jiġu eżerċitati billi jintużaw l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea. B'hekk, l-Unjoni Ewropea tkun ċerta minn dak kollu li jkunu qegħdin jagħmlu l-Istati Membri tagħha minkejja li huma jkunu qegħdin jeżerċitaw kompetenzi li ma jkunux ta' l-Unjoni Ewropea biss.

Qegħdin taraw kif il-mexxejja ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea jridu jżommu kontroll sħiħ fuq kollox u għal kollox fuq kull ma jagħmlu l-Istati Membri minkejja li huma jkunu qegħdin jeżerċitaw kompetenzi li jistgħu jeżerċitawhom huma?

**<u>Għall-Għanijiet u fl-Interess ta' l-Unjoni</u>**

Il-kumplament ta' dan is-subartikolu jgħid li,
**Il-koperazzjoni msaħħa għandha timmira biex tiffavorixxi li jinkisbu l-għanijiet ta' l-Unjoni, tħares l-interessi tagħha u ssaħħah il-proċess ta' l-integrazzjoni tagħha. Din il-koperazzjoni għandha tkun miftuħa għall-Istati Membri kollha f'kull hin, skond l-Artikolu III-418.**

Innutaw kif qiegħed jingħad ċar u tond li l-koperazzjoni imsaħħa għandha timmira biex tiffavorixxi li jinkisbu l-għanijiet ta' l-Unjoni, tħares l-interessi tagħha u saħħah il-proċess ta' l-integrazzjoni tagħha, u mhux fl-interessi ta' l-Istati Membri u taċ-ċittadini tagħhom.

Qegħdin taraw kif kollox irid isir fl-interess ta' l-Unjoni Ewropea u kif min qalilkom li kien sejjer jaħdem għalikom u li qiegħed jaħdem għalikom fl-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea kien u għadu qiegħed jgħaddikom biż-żmien u jqarraq bikom?

**<u>Terz mill-Membri Jiddeċiedu</u>**

**2. Id-deċiżjoni Ewropea li tawtorizza koperazzjoni msaħħa għandha tiġi adottata mill-Kunsill bħala l-aħħar għażla, meta jkun ġie stabbilit li l-għanijiet ta' dik il-koperazzjoni ma jistgħux jintlaħqu fi żmien raġonevoli mill-Unjoni bħala unita'**

**waħda, u sakemm mill-inqas terz mill-Istati Membri jipparteċipaw fiha. Il-Kunsill għandu jaġixxi skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu III-419.**

Dan is-subartikolu jgħid li din il-koperazzjoni msaħħa għandu tkun l-aħħar għażla, eċċ. eċċ., imma nnutaw li jingħad li "**l-koperazzjoni msaħħa għandha tiġi adottata mill-Kunsill bħala l-aħħar għażla**", għaliex anki f'dan il-każ l-Unjoni Ewropea tippreferi li kollox ikun f'idejha u mhux f'idejn l-Istati Membri.

Innutaw ukoll li jekk terz ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea jiddeċiedu u jikkonvinċu lill-Kunsill li hemm ħtieġa biex issir din il-koperazzjoni msaħħa, huma jkunu wasslu għal deċiżjon minkejja li jkunu biss terz ta' l-Istati Membri.

Fi kliem ieħor, minħabba li bħalissa hemm 25 Stat Membru fl-Unjoni Ewropea, 9 minnhom se jkunu biżżejjed biex jitolbu u t-talba tagħhom tintlaqa' ħalli l-Kunsill jiddeċiedi li għandu jkun hemm koperazzjoni msaħħa.

Taħsbu li l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea li dejjem kellhom u għad għandhom ambizzjonijiet militari, espansjonistiċi u kolonjalistiċi ma jirnexxilhomx jikkonvinċu lill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea li hija stess għandha ambizzjonijiet militari kbar li jkun hemm ħtieġa ta' koperazzjoni msaħħa?

Qegħdin taraw kif il-jedd tal-veto, jiġifieri li Stat Membru wieħed ikun jista' jwaqqaf dak li jidhirlu li ma jkunx fl-interessi tiegħu spiċċa fix-xejn?

**<u>Mhux Kulħadd Jivvota</u>**

**3. Il-membri kollha tal-Kunsill jistgħu jipparteċipaw fid-deliberazzjonijiet tiegħu, iżda l-membri tal-Kunsill li jirrappreżentaw l-Istati Membri li jkunu qed jipparteċipaw fl-operazzjoni msaħħa biss jistgħu jivvotaw.**

Innutaw kif minkejja li l-Istati li minħabba fihom tkun saret il-kooperazzjoni msaħħa jkunu biss terz, jiġifieri 9 minn 25, huma biss jistgħu jieħdu sehem fid-deċiżjonijiet dwar l-atti li jiġi adottati.

L-Istati Membri l-oħra jistgħu jieħdu sehem biss fit-taħdidiet tal-Kunsill tal-Ministri, imma ma jistgħux jivvutaw.

Dan minkejja li l-atti li jiġi adottati jistgħu jirriflettu fuq xi azzjonijiet li jkollhom jieħdu huma aktar 'il quddiem u anki jkollhom joqgħodu għall-atti adottati jekk aktar 'il quddiem huma jidħlu f'din is-sistema.

**<u>Il-Maġġoranza Kwalifikata</u>**

Dan is-subartikolu jkompli jgħid li,
**L-unanimita' tkun kostitwita mill-voti tar-rapprezentanti biss ta' l-Istati Membri li jipparteċipaw.**

**Maġġoranza kwalifikata għandha tkun definita bħala li hija ugwali għal mill-inqas 55% tal-membri tal-Kunsill li jirrappreżentaw lill-Istati Membri**

**parteċipanti li flimkien jinkludu mill-inqas 65% tal-popolazzjoni ta' dawn l-Istati.**

Innutaw kif kollox qiegħed jingħata mhux biss lil dawk il-ftit Stati Membri li jiddeċiedu li għandha ssir il-kooperazzjoni msaħħa, imma li saħansitra d-deċiżjonijiet u l-atti kollha li jiġi adottati lanqas ma hemm ħtieġa li jgħaddu b'unanimita' imma b'maġġoranza kwalifikata ta' dawk l-Istati Membri.

Innutaw ukoll kif jingħad li fejn il-Kostituzzjoni ma tinħtieġx li l-Kunsill tal-Ministri jaġixxi fuq l-inizjattiva tal-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni Ewropea, il-maġġoranza kwalifikata tkun biss ta' 55% ta' dawk l-Istati Membri li jieħdu sehem u li jkunu jirrappreżentaw għall-inqas 65% tal-popolazzjoni ta' dawk l-Istati Membri **u mhux ta' l-Istati Membri kollha ta' l-Unjoni Ewropea**.

Dan ifisser li 6 Stati Membri li jiddeċiedu li għandu jkun hemm kooperazzjoni msaħħa u li jkollhom il-kriterji msemmija jkunu jistgħu idaħħlu dik il-kooperazzjoni msaħħa, li jkun ifisser li anqas minn kwart ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea jkunu iddedċidew din il-kwistjoni.

Qegħdin taraw kif ftit Stati Membri, speċjalment dawk fuq quddiem fid-deċiżjonijiet fl-Unjoni Ewropea, sejrin ikunu jistgħu jiddeċiedu affarijiet li jistgħu jkollhom riperkussjonijiet fuq il-kumplament ta' l-Istati Membri l-oħra?

Qegħdin taraw kif l-Unjoni Ewropea qiegħda tippjana biex ftit Stati Membri tal-qalba jkunu jistgħu jiddeċiedu l-affarijiet minkejja li Stati oħra ma jkunux jaqblu magħhom u li aktar tard jew jidħlu minn jeddhom jew ikollhom pressjoni biex jidħlu fis-sistema bil-fors?

**Maġġoranza Kwalifikata fil-Kunsill**

Dan is-subartikolu jkompli jgħid li,
**B'deroga mit-tielet u r-raba subparagrafi, fejn il-Kunsill ma jkunx qed jaġixxi fuq proposta tal-Kummissjoni jew fuq proposta tal-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni, il-maġġoranza kwalifikata meħtieġa għandha tkun definita bħala li hija ugwali għal mill-inqas 72% tal-membri tal-Kunsill li jirrappreżentaw lill-Istati Membri parteċipanti, li flimkien jinkludu mill-inqas 65% tal-popolazzjoni ta' dawn l-Istati.**

Hawnhekk naraw li fil-każ imsemmi, il-maġġoranza kwalifikata titla ftit għal dak li għandu x'jaqsam ma l-Istati Membri, imma tibqa' fejn kienet dwar il-popolazzjoni.

Madankollu, li jinteressana huwa li titla jew ma titlax il-maġġoranza kwalifikata, xorta waħda intilef il-jedd tal-veto u xorta waħda Malta m'hijiex sejra tkun tista' twaqqaf xi ħaġa li ma tkun taqbel magħha u ma tkunx fl-interess tagħna.

**Jorbtu Stati Membri li Jieħdu sehem**

Subartikolu 4 jgħid li,

**4. Atti adottati fil-qafas ta' koperazzjoni msaħħa għandhom biss jorbtu l-Istati Membri li jipparteċipaw. M'għandhomx jiġu meqjusa bħala parti mill-acquis li għandu jiġi aċċettat mill-Istati li huma kandidati għall-adeżjoni ma' l-Unjoni.**

Minkejja li dan is-subartikolu qiegħed jgħid li l-atti adottati għandhom jorbtu lill-Istati li jieħdu sehem biss, il-fatt li Stati Membri oħra jistgħu aktar 'il quddiem jidħlu fis-sistema jkunu jorbtuhom ukoll.

Dan jgħodd ukoll għall-kandidati biex jidħlu fl-Unjoni Ewropea, li minkejja li ma jiġux sfurzati biex jaċċettaw dak li jkunu ddeċiedew l-Istati Membri l-oħra f'dan il-qasam biex isiru membri, xorta waħda jkunu suġġetti għal dak kollu li jkun ġie adottat jekk aktar 'il quddiem huma jissieħbu fis-sistema.

Fuq kollox, kulħadd jaf kif issir pressjoni biex kull Stat Membru jimxi skond ix-xewqa ta' dak li jkunu ddeċiedew l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea.

Tajjeb li ngħidu li minflok il-kelma "**adeżjoni**", bil-Malti ngħidu "**jingħaqad**" jew "**jingħaqdu**", jew anki "**jissieħeb**" jew "**jissieħbu**" skond kif tkun titlob l-istruttura tas-sentenza.

## TITOLU VI
## ĦAJJA DEMOKRATIKA TA' L-UNJONI

### ARTIKOLU I-45
### Il-prinċipju ta' l-ugwaljanza demokratika

**Fl-attivitajiet kollha tagħha, l-Unjoni għandha tosserva l-prinċipju ta' l-ugwaljanza taċ-ċittadini tagħha, li għandhom jingħataw attenzjoni ugwali mill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tagħha.**

**Ċittadini Ugwali**

Innutaw kif bħal Artikoli oħra, ir-referenza m'hijiex għaċ-ċittadini ta' l-Istati Membri, imma għaċ-ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea. Infakkru li huwa Stat biss li jista' jagħti ċ-ċittadinanza tiegħu lil xi ħadd.

Għaldaqstant, din hija prova oħra li l-Unjoni Ewropea hija Stat Federali li tqis iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri bħala ċittadini tagħha bħal ma l-Istati Uniti ta' l-Amerika tqis iċ-ċittadini ta' kull Stat tagħha bħala ċittadini Amerikani.

Qegħdin taraw kif għandna raġun ngħidu li l-Unjoni Ewropea hija Stat Federali kif kien maħsub mill-fundaturi tiegħu u li din il-Kostituzzjoni li qiegħda tiġi proposta hija l-aħħar pass fit-twaqqif ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea bħala l-Istati Uniti ta' l-Ewropa?

### ARTIKOLU I-46
### Il-prinċipju ta' demokrazija rappreżentattiva

**1. Il-ħidma ta' l-Unjoni għandha tkun bbażata fuq id-demokrazija rappreżentattiva.**

**Demokrazija Falza**

Li jingħad hawn dwar id-demokrazija ma jfisser xejn, għaliex l-Unjoni Ewropea dejjem sabet mezzi kif dejjem iddur ma l-affarijiet, anki permezz ta' l-għajnuna tal-Qorti tagħha, biex tinterpreta t-Trattat kif ikun jaqbel lilha. Għal dawn l-affarijiet addio d-demokrazija, rappreżentattiva u m'hijiex

Fuq kollox, kif tista' tkun demokrazija rappreżentattiva jekk l-istituzzjoni li l-aktar toħroġ regolamenti ta' l-Unjoni Ewropea jew tkun il-perċimes tagħhom, jiġifieri l-Kummissjoni, ħadd mill-Kummissarji ma huwa mtella miċ-ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea?

**Rappreżentanza**

**2. Fil-livell ta' l-Unjoni, iċ-ċittadini huma rappreżentati direttament fil-Parlament Ewropew.**

**L-Istati Membri huma rrappreżentati fil-Kunsill Ewropew mill-Kap ta' l-Istat jew tal-Gvern tagħhom u fil-Kunsill mill-gvernijiet tagħhom, li huma demokratikament responsabbli jew lejn il-Parlamenti nazzjonali tagħhom, inkella lejn iċ-ċittadini taghhom.**

Innutaw kif dan is-subartikolu jkompli juru s-sistema Federali fejn fuq nett hemm l-Istituzzjonijiet imsemmija ta' l-Unjoni Ewropea biċ-ċittadini ta' l-Istati Membri jiġu dejjem l-aħħar.

Li ma jingħadx huwa li ċ-ċittadini ta' l-Istati Membri tant huma mxebba' bil-Parlament Ewropew li l-aħħar elezzjoni kienet l-agħar waħda minn kemm ilu jeżisti, tant li l-ewwel li se jagħmlu huwa li jaraw kif jirranġaw din is-sitwazzjoni ta' nuqqas ta' nteress.

Daqshekk jemmnu fl-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea ċ-ċittadini ta' l-Istati Membri, u daqshekk huma mxebba minnhom u mill-korruzzjoni li dejjem kien fihom.

Dwar il-Kunsill Ewropew u l-Kunsill tal-Ministri m'hemmx x'wieħed ikompli jgħid, għaliex kif diġa' rajna, il-lealta' tagħhom hija lejn l-Unjoni Ewropea u l-għanijiet tagħha u mhux lejn iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri, kif fuq kollox huma l-istituzzjonijiet kollha ta' l-Unjoni Ewropea.

**<u>Sehem iċ-Ċittadini</u>**

**3. Kull ċittadin għandu d-dritt li jipparteċipa fil-ħajja demokratika ta' l-Unjoni. Id-deċiżjonijiet għandhom jittieħdu b'mod kemm jista' jkun miftuh u kemm jista' jkun qrib iċ-ċittadin.**

Dan is-subartikolu lanqas jistħoqqlu kummenti għaliex kulħadd jaf kif id-deċiżjonijiet jittieħdu fl-Unjoni Ewropea mingħajr l-iċken qies taċ-ċittadini ta' l-Istati Membri u l-interessi tagħhom.

Infakkarkom li ċ-ċittadini ta' l-Istati Membri huma tajba biss biex iħallsu t-taxxi ordnati mill-Unjoni Ewropea u jobdu l-liġijiet u l-politika tagħha ta' suq ħieles mingħajr l-ebda rażan li qiegħda ttellfilhom xogħolhom u ħobż il-familji tagħhom.

Dan ma jfissirx li ma sarux xi affarijiet favur iċ-ċittadini biex jippruvaw jagħmuhom, imma tant huma ftit hdejn il-ħafna li saru favur l-Unjoni Ewropea u l-istituzzjonijiet tagħha, u tant saru affarijiet bi ħsara għaċ-ċittadini, li dawk favur iċ-ċittadini kważi lanqas jidhru ħdejn l-oħrajn.

**<u>Il-Partiti Politiċi</u>**

**4. Il-partiti politiċi fil-livell Ewropew jikkontribwixxu għall-formazzjoni ta' kuxjenza politika Ewropea u għall-espressjoni tar-rieda taċ-ċittadini ta' l-Unjoni.**

Qegħdin taraw kif anki l-partiti politiċi jridu jaħdmu u jagħtu sehemhom biex tiġi ffurmata kuxjenza politika Ewropea, għalkemm jingħad li għandhom jagħtu sehemhom ukoll biex tiġi murija r-rieda taċ-ċittadini ta' l-Unjoni.

Tgħid il-partiti politiċi hawn Malta jikkontribwixxu għall-formazzjoni ta' kuxjenza politika Ewropea?

Innutaw kif dawk li kienu jgħidulkom li fl-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea sejrin jaħdmu għalikom u li qegħdin jaħdmu għalikom dejjem riedu jgħaddukom biż-żmien u jqarrqu bikom, għaliex minn dak kollu li rajna huwa ċar daqs il-kristall li kollha jridu jaħdmu fl-interess ta' l-Unjoni Ewropea u mhux għalikom.

Innutaw ukoll kif jingħad li l-partiti politiċi jridu jaħdmu biex tiġi murija r-rieda taċ-ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea, imma ma jingħadx kif tiġi murija.

Tgħid kif ġara fl-Awstrija meta kien imtella Partit li l-Unjoni Ewropea ma rieditux u għamlet bojkott lill-Awstrija?

Dik hija d-demokrazija ta' l-Unjoni Ewropea?

Innutaw ukoll kif jingħad li l-partiti jridu jaħdmu biex tiġi murija r-rieda taċ-ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea, u mhux taċ-ċittadini ta' l-Istati Membri.

Dan juri kif l-Unjoni Ewropea ma tqisx iċ-ċittadini bħala ċittadini ta' l-Istati Membri, imma bħala ċittadini tagħha, u għalhekk anki dan juri kif l-Unjoni Ewropea diġa' tqis lilha nfisha bħala Stat Federali.

## ARTIKOLU I-47
## Il-prinċipju ta' demokrazija parteċipattiva

**1. L-istituzzjonijiet għandhom, permezz tal-mezzi xierqa, jagħtu liċ-ċittadini u lill-assoċjazzjonijiet rapprezentattivi l-opportunita' li jgħarrfu u li jiskambjaw pubblikament l-opinjonijiet tagħhom fl-oqsma kollha ta' l-azzjoni ta' l-Unjoni.**

### Mezzi u Opinjonijiet

Hawnhekk qiegħed jingħad li l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea għandhom, permezz tal-mezzi xierqa, jagħtu liċ-ċittadini u għaqdiet, l-opportunita biex jagħmlu magħrufa u jibdlu, pubblikament l-opinjonijiet tagħhom.

Madankollu, la jingħad x'inhuma l-mezzi xierqa, u lanqas ma jingħad li l-opinjonijiet tagħhom sejjer jingħata każ tagħhom jew li jiġu aċċettati mill-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea.

Qegħdin taraw kif fl-Unjoni Ewropea l-affarijiet jitħallew, bħal fil-każ ta' dan l-Artiklu, mingħajr ma jiġi mfisser kif u x'mezzi għandhom jintużaw, ħalli l-istituzzjonijiet dejjem ikollhom minfejn joħorġu u jgħidu li mhux biss iqisu l-mezzi li pprovdew huma biżżejjed, imma li huma m'humiex marbuta x'mezzi jużaw.

Naħsbu li issa ndunajtu li fl-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea l-Istati Membri u ċ-ċittadini tagħhom dejjem marbutin waħda sewwa, waqt li l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea dejjem marbutin rabta ċoff.

**Jgħaddu ż-Żmien bin-Nies**

**2. L-istituzzjonijiet għandhom iżommu djalogu miftuh, trasparenti u regolari ma' assoċjazzjonijiet rappreżentattivi u mas-soċjeta' ċivili.**

Li żżomm djalogu ma jfisser xejn jekk inti ma tagħtix każ, kif dejjem sar mill-Unjoni Ewropea, ta' dak li jingħad matul id-djalogu u tibqa' tagħmel dak li kellek f'moħħok li tagħmel. Fi kliem ieħor tkun qiegħed biss tgħaddi ż-żmien bin-nies.

**Kummissjoni Mhux Marbuta**

**3. Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta fil-wisa' minn qabel ma' partijiet konċernati sabiex tiżgura li l-azzjonijiet ta' l-Unjoni jkunu koerenti u trasparenti.**

Hawnhekk għandna l-istess kummenti li għamilna għas-subartikolu ta' qabel dan. X'jiswa li inti trid tikkonsulta lill-partijiet konċernati minnn qabel, jekk inti m'intix marbut li tagħti każ u tiddeċiedi skond ma jkunu qalulhek.

X'jiswa li tiżgura li l-azzjonijiet tiegħek ikunu koerenti, jiġifieri jaqblu ma xulxin, u trasparenti jekk inti ma tkunx tajt każ dak li jkunu qalulhek? Qed taraw kif f'kull ma jsir l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea m'humiex marbuta.

**Miljun Ċittadin**

**4. Mhux inqas minn miljun ċittadin, li jkunu ċittadini ta' numru sinifikanti mill-Istati Membri, jistgħu jieħdu l-inizjattiva li jitolbu lill-Kummissjoni, fil-qafas tas-setgħat tagħha, biex tissottometti xi proposta xierqa fuq kwistjonijiet fejn iċ-ċittadini jikkunsidraw li att ġuridiku ta' l-Unjoni jkun meħtieġ biex tiġi implimentata l-Kostituzzjoni. Il-liġi Ewropea għandha tiddetermina id-disposizzjonijiet għall-proċeduri u l-kondizzjonijiet meħtieġa għal inizjattiva bħal din taċ-ċittadini, inkluż in-numru minimu ta' Stati Membri li minnhom għandhom jiġu dawn iċ-ċittadini.**

Waqt li dan is-subartikolu jidher li qiegħed jagħti xi jeddijiet liċ-ċittadini ta' l-Istati Membri, innutaw li l-proposta li jistgħu jagħmlu hija dwar att ġuridiku ta' l-Unjoni Ewropea, u nnutaw dak li għedna qabel li tissemma biss Unjoni u mhux Unjoni Ewropea, biex tiġi mplimentata l-Kostituzzjoni.

Dan ifisser li miljun ċittadin sejrin jkunu jistgħu jintużaw bħala skuża mill-Unjoni Ewropea biex iddaħħal xi ħaġa li sa dak iż-żmien kellha diffikulta biex iddaħħlha minħabba oppożizzjoni għaliha.

Taħsbu li l-Unjoni Ewropea m'hijiex sejra ssib miljun ċittadin minn fost il-miljuni ta' ċittadini li huma ffissati u jridu li jkomplu jgħaġġlu fit-twaqqif ta' Stat Federali Ewropew li jiffirmaw biex l-Unjoni Ewropea tkompli tgħaġġel il-mixja tagħha lejn it-twaqqif ta' dan l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea?

Taħsbu li l-Unjoni Ewropea m'hijiex sejra ssib miljun ċittadin li huma ffissati militarment li jiffirmaw biex l-Unjoni Ewropea tagħmel liġi dwar il-lieva, azzjonijiet

militari, u dak kollu li l-Unjoni Ewropea minn taħt jew bil-miftuh tkun qiegħda tħeġġeġ li jsir biex tħares l-interessi tagħha u affarijiet oħra bħal dawn bl-iskuża biex tiġi mplimentati l-Kostituzzjoni.

Taħsbu li l-Unjoni Ewropea m'hijiex sejra ssib miljun ċittadin li għadhom joħolmu bl-imperi li kellhom qabel li jkunu jridu li tittieħed xi azzjoni militari f'xi pajjiż ieħor biex tintlaħaq il-politika barranija u ta' sigurta' u difiża komuni meta l-maġġoranza ta' l-Istati Membri mhux biss għandhom storja ta' okkupazzjoni u esplojtazzjoni kolonjali ta' pajjiżi oħra, imma huma wkoll membri fin-**NATO**?

Innutaw ukoll kif l-affarijiet jiġu mħollija miftuħa beraħ, għaliex imkien ma jingħad x'inhuwa jew xi jfisser numru sinjifikanti ta' Stati Membri, imma tkun il-liġi Ewropea li tiddeċiedi dan.

Minn kemm Stati Membri jridu jkunu l-miljun ċittadin biex jitqies li jkun hemm numru sinjifikanti ta' Stati Membri?

Min sejjer jddeċiedi jekk hemmx numru sinjifikanti ta' Stati Membri?

Mhux l-istituzzjonijiet l-Unjoni Ewropea fuq proposta tal-Kummissjoni li sejrin jiddeċiedu?

Min-naħa l-oħra, huwa ċar daqs il-kristall li lanqas jekk il-poplu kollu ta' Malta jingħaqad u jkun irid li xi ħaġa fil-Kostituzzjoni tiġi mplimentata ma tkun tista' tgħaddi jekk ma jkunx hemm aktar minn sitt mitt elf ċittadin minn numru konsiderevoli ta' Stati Membri oħra li jaqblu miegħu.

Qegħdin taraw kif dejjem iħallu bieb, tieqa, ventilatur jew rewwieħa biex l-istituzzjonijiet ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea jkunu jistgħu jinterpretaw l-affarjiet huma u jkollhom dejjem min fejn joħorġu wkoll?

## ARTIKOLU I-48
## Sħab soċjali u djalogu soċjali awtonomu

**L-Unjoni Ewropea tirrikonoxxi u timpromwovi r-rwol tas-sħab soċjali fil-livell tagħha, filwaqt li tqis d-diversita' tas-sistemi nazzjonali. Għandha tiffaċilita djalogu bejn sħab soċjali, waqt li tirrispetta l-awtonomija tagħhom.**

**Il-Laqgħa Għolja Soċjali Tripartita dwar it-Tkabbir u l-Impjiegi għandha tikkontribwixxi għad-djalogu soċjali.**

### Xejn ta' Sustanza

Ħafna kliem sabiħ li meta' tagħsru ssib li m'għandek xejn ta' sustanza, kollox duħħan fl-ajru, u li l-ebda istituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea ma hija marbuta li għandha tagħmel xi ħaġa li tista' tkun mixtieqa mis-sħab soċjali.

X'diversita' jista' jkollok jekk kollox irid ikun l-istess, l-istess qies għal kulħadd? Xi tfisser tirrispetta l-awtonomija tagħhom jekk ma tagħtix każ ta' dak li jkunu qalu?

Fuq kollox, xi djalogu soċjali jista' jkollok u x'passi jistgħu jittieħdu fl-Unjoni Ewropea li temmen fl-Alla falz tagħha tas-suq ħieles mingħajr l-ebda rażan biex iżżid l-impjiegi li dejjem jonqsu bil-politika tagħha favur il-kapitalisti l-kbar tagħha li bil-provi kollha kif kulħadd jista' jara dejjem qegħdin ifarrku lill-ħaddiema u jerdulhom demmhom?

## ARTIKOLU I-49
## Ombudsman Ewropew

**Ombudsman Ewropew elett mill-Parlament Ewropew għandu jirċievi, jeżamina u jirrapporta dwar ilmenti dwar amministrazzjoni ħażina fl-attivitajiet ta' l-istituzzjonijiet, il-korpi jew l-aġenziji ta' l-Unjoni, kif stabbiliti fil-Kostituzzjoni. L-Ombudsman Ewropew għandu jkun kompletament indipendenti fl-eżerċizzju tad-dmirijiet tiegħu.**

### Oqbra Mbajjda

Wieħed ma jistax jgħid li ma jaqbilx ma din l-istituzzjoni ta' l-Ombudsman, imma li jgħodd huwa kemm jingħata każ ta' l-Ombudsman u ta' dak li jiddeċiedi, għaliex kien hemm każi fejn mhux biss ma ingħatax każ ta' dak li qal l-Ombudsman, talli ġie kkritikat għal dak li qal bħal ma ġara lill-Ombudsman hawn Malta.

L-affarijiet mhux li tagħmilhom jgħodd, imma, bħal fil-każ ta' l-Ombudsman, li tagħmilhom sewwa u tagħti każ ta' dak li jiddeċiedi, għaliex inkella kull ma tkun qiegħed tagħmel huwa biss li tgħaddi ż-żmien bin-nies biex taparsi tkun għamilt xi ħaġa.

Hawnhekk niftakru f'dak li kien qal Kristu meta għajjar lil xi wħud bħala "**oqbra mbajjda**", għaliex waqt li jidhru sbieħ minn barra għaliex ikunu mbajjda, minn ġewwa tgħidx x'intejjen ikun hemm.

Hekk hija l-Unjoni Ewropea u l-istituzzjonijiet tagħha. Xejn anqas u xejn aktar.

## ARTIKOLU I-50
## Trasparenza fix-xogħol ta' l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji ta' l-Unjoni

**1. Sabiex tiġi promossa amministrazzjoni tajba u sabiex tiġi żgurata l-parteċipazzjoni tas-socjetà ċivili, l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji ta' l-Unjoni għandhom iwettqu x-xogħol tagħhom b'mod kemm jista' jkun miftuh.**

**2. Il-Parlament Ewropew għandu jiltaqa' fil-pubbliku, kif għandu jagħmel il-Kunsill meta jkun qiegħed jikkunsidra u jivvota dwar abbozz ta' att legislattiv.**

### Makakkerija

Waqt li huwa tajjeb li l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea, u jekk niġu f'dan kull istituzzjoni f'kull pajjiż u f'kull qasam għandha tkun hekk, innutaw li jingħad li dan għandu jsir "**kemm jista' jkun**" bil-miftuħ.

Hawnhekk tidher il-makakkerija tal-mexxejja ta' l-Unjoni Ewropea għaliex b'hekk dejjem tista' tinstab skuża li dak li jkunu qed jitħaddtu dwaru ma jistax isir bil-miftuh

Innutaw ukoll li kemm il-Parlament Ewropew u kemm il-Kunsill għandhom jiltaqgħu fil-pubbliku meta jkunu qegħdin jikkunsidraw u jivvutaw dwar abbozz ta' att leġislattiv, u mhux dejjem.

Dan ifisser li bħas-soltu, dejjem qiegħda titħalla tieqa biex l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea jkunu marbuta lanqas possibbli, waqt li meta jkun jaqblilhom ikollhom minn fejn joħorġu u jwettqu xogħolhom bil-magħluq biex ma jagħtux sodisfazzjoni ta' dak li jkunu qegħdin jagħmlu bi skuża jew oħra.

**<u>Aċċess għad-Dokumenti</u>**

**3. Kull ċittadin ta' l-Unjoni, u kull persuna fiżika jew ġuridika li tirrisjedi jew li jkollha l-uffiċċju reġistrat tagħha fi Stat Membru, kif stabbilit mill-Parti III, għandha d-dritt ta' aċċess għad-dokumenti ta' l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji ta' l-Unjoni, tkun xi tkun il-forma li fiha jkunu saru.**

**Il-liġi Ewropea għandha tistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-limiti li, għal raġunijiet ta' interess pubbliku jew privat, jirregolaw id-dritt ta' aċċess għal dawn id-dokumenti.**

Ħafna affarijiet biex jidhru sbieħ, imma għad irridu naraw kemm din sejra titwettaq, għaliex l-esperjenza wriet li minkejja li diġa' kien jingħad hekk, il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea mhux l-ewwel darba li ma rieditx turi u ma ħallietx li jintwerew dokumenti b'xi skuża jew oħra.

Hawnhekk wieħed mill-ewwel jinduna dwar is-sewwa ta' dak li għedna għas-subartikolu ta' qabel, għaliex il-jeddijiet taċ-ċittadini li jaraw id-dokumenti jistgħu jiġu regolati mil-liġi Ewropea msemmija.

Imma nnutaw li mhux biss imkien ma jingħad li din il-liġi trid tagħti jedd li kull persuna tkun tista' tara d-dokumenti kollha, anzi qiegħed jingħad bl-aktar mod ċar, u hawnhekk l-Artikolu qiegħed ikun ċar ħafna, li dan l-aċċess irid ikun regolat.

Fi kliem ieħor, min-naħa waħda qegħdin jgħidulek li inti għandek jedd li tara d-dokumenti, imma min-naħa l-oħra qegħdin jgħidulek li l-jedd tiegħek irid ikun regolat biex inti ma tkunx tista' tara dak li trid. B'hekk, dejjem tkun tista' tinstab xi skuża biex inti ma titħalliex tara xi dokument li tkun trid tara.

Qegħdin taraw kif l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea u l-Unjoni Ewropea jkunu juruk li qegħdin jagħtuk xi ħaġa, imma fil-fatt b'id waħda qegħdin jagħtuk jedd u bl-oħra qegħdin jeħduhulek lura?

**<u>Jirregolaw Huma Stess</u>**

**4. Kull istituzzjoni, korp jew aġenzija għandu jiddetermina r-regoli ta' proċedura tiegħu u disposizzjonijiet speċifiċi li għandhom x'jaqsmu ma' l-aċċess għad-dokumenti tiegħu, skond il-liġi Ewropea prevista fil-paragrafu 3.**

Qegħdin taraw kif lanqas ma sejjer ikun hemm liġi jew regolament wieħed li japplika għall-istituzzjonijiet kollha ta' l-Unjoni Ewropea, imma kull istituzzjoni sejra tkun tista' tagħmel regoli ta' proċedura differenti biex wieħed ikun jista' jara xi dokumenti?

Kieku tassew riedu jitwemmnu li riedu jkunu trasparenti u li riedu li ċ-ċittadini jkunu jistgħu jaraw id-dokumenti tagħhom, l-istituzzjonijiet ma kienx imissu jingħatalhom il-jedd li jillimitaw il-jeddijied taċ-ċittadini skond l-liġi Ewropea li tissemma u li tkun għad trid issir jekk tgħaddi din il-kostituzzjoni.

## ARTIKOLU I-51
## Protezzjoni ta' data personali

**1. Kull persuna għandha d-dritt għall-protezzjoni ta' data personali li jirrigwardaha.**

**2. Liġi jew liġi kwadru Ewropea għandha tistabbilixxi r-regoli li għandhom x'jaqsmu mal-protezzjoni ta' l-individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji ta' l-Unjoni, u mill-Istati Membri meta jwettqu attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' l-applikazzjoni tad-dritt ta' l-Unjoni, u r-regoli li għandhom x'jaqsmu mal-moviment liberu ta' din id-data. Il-ħarsien ta' dawn ir-regoli għandha tkun soġġetta għall-kontroll ta' awtoritajiet indipendenti.**

<u>**Ipokrezija ta' l-Unjoni Ewropea**</u>

Hawnhekk tidher l-ipokrezija ta' l-Unjoni Ewropea, għaliex filwaqt li qiegħda tgħid li d-data, jiġifieri l-informazzjoni fuq kull persuna li l-istituzzjonijiet ikollhom għandha titħares u l-persuna għandha l-jedd li din l-informazzjoni tkun imħarsa, l-Unjoni Ewropea ftehmet ma' l-Amerika li tibgħat l-informazzjoni li jkollha fuq kull persuna li tkun sejra lejn l-Amerika.

U għalfejn għandu jkun hemm moviment liberu ta' din id-data, jew aħjar bil-Malti, "**informazzjoni**" dwar iċ-ċittadini?

Għalfejn trid tiġbor l-**informazzjoni fuq iċ-ċittadini** ta' l-Istati Membri l-Unjoni Ewropea?

X'inhija l-**informazzjoni** li trid tiġbor?

Min sejjer jiġbor l-**informazzjoni**?

Dan ma huwa xejn ħlief **spjunaġġ** fuq iċ-ċittadini, inklużi aħna l-Maltin u Għawdxin, li qabel kienu jgħajjru lill-Unjoni Sovjetika bih.

Infakkru li kif jgħid il-qawl Malti, **"il-kelma tqanqal, imma l-eżempju jkaxkar",** kif ukoll li sewwa jgħid il-qawl Malti li **"l-qaħba milli jkollu tagħtik".** Fi kliem ieħor, mard ikollha u mard tista' ttik, waqt li l-Ispiżjar itik biex tfieq.

Hawnhekk qegħdin ngħidu l-qawl Malti kif għandu jkun għaliex ma nafux għaliex għandu jeħel l-ispiżjar mingħajr ħtija biex xi wħud li jippretendu u jaħsbu li huma puliti ma jsemmux il-kelma qaħba.

**ARTIKOLU I-52**
**Stat ta' knejjes u ta' organizzazzjonijiet mhux konfessjonali**

**1. L-Unjoni tirrispetta u ma tippreġudikax l-istat li jgawdu, taħt il-liġi nazzjonali, il-knejjes u l-assoċjazzjonijiet jew il-komunitajiet religjużi fl-Istati Membri.**

**2. L-Unjoni tirrispetta ugwalment l-istatus taħt il-liġi nazzjonali ta' organizzazzjonijiet filosofiċi u mhux konfessjonali.**

**3. Waqt li tirrikonoxxi l-identita' u l-kontribuzzjoni speċifika tagħhom, l-Unjoni għandha żżomm djalogu miftuh, trasparenti u regolari ma' dawn il-knejjes u dawn l-organizzazzjonijiet.**

**<u>Knejjes u Setet</u>**

Dan l-Artikolu wieħed kien jistennih minħabba li fl-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea għandhom ruxxmata knejjes, setet u organizzazzjonijiet oħra u anki hemm min ma jemmen b'xejn, u kieku ma jingħadx hekk, l-Unjoni Ewropea kienet tiġi akkużata b'diskriminazzjoni reliġjuża.

Hemm ukoll il-kwistjoni jekk tiddaħħal it-Turkija Musulmana, għaliex jekk issemmi lill-Alla tkun trid issemmi wkoll lill-Allaħ għax inkella jingħad li qed issir diskriminazzjoni, mhux hekk?

Huwa għalhekk ukoll li l-Unjoni Ewropea baqgħet tinsisti li ma ssirx referenza għal Alla fil-Kostituzzjoni tagħha, għaliex barra li hemm nies li jemmnu f'Allat oħra, hemm nies li ma jemmnux fl-ebda Alla, bħal ma hemm nies li jaduraw lix-xitan.

Din il-kostituzzjoni qed tgħid li "**l-Unjoni għandha żżomm djalogu miftuh, trasparenti u regolari ma' dawn il-knejjes u dawn l-organizzazzjonijiet",** jiġifieri anki ma dawk li jaduraw lix-xitan. Mhux ta' b'xejn li l-morali fl-Unjoni Ewropea tant marret lura li lanqas għadha teżisti.

## TITOLU VII
## FINANZI TA’ L-UNJONI

### ARTIKOLU I-53
### Prinċipji finanzjari u ta’ budget

**1. Il-partiti kollha tad-dħul u l-ħruġ ta’ l-Unjoni għandhom ikunu inklużi fl-estimi mħejjija għal kull sena finanzjarja u għandhom jidhru fil-budget ta’ l-Unjoni, skond il-Parti III.**

**2. Għandu jkun hemm bilanċ fil-budget bejn id-dħul u l-ħruġ.**

**3. Il-ħruġ muri fil-budget għandu jkun awtorizzat għall-perjodu annwali ta’ budget skond il-liġi Ewropea prevista fl-Artikolu III-412.**

**4. L-implimentazzjoni tal-ħruġ muri fil-budget jeħtieġ l-adozzjoni minn qabel ta’ att ta’ l-Unjoni li jorbot legalment u li jipprovdi bażi legali għall-azzjoni tagħha u għall-implimentazzjoni tal-ħruġ korrispondenti skond il-liġi Ewropea prevista fl-Artikolu III-412, minbarra f’każijiet li għalihom tipprovdi dik il-liġi.**

**5. Biex tinżamm dixxiplina fuq il-budget, l-Unjoni ma għandha tadotta l-ebda att li x’aktarx jista’ jkollu implikazzjonijiet ta’ importanza fuq il-budget mingħajr ma tagħti assigurazzjoni li l-ispiża li tirriżulta minn dawn l-atti tista’ tiġi ffinanzjata fil-limitu tar-riżorsi proprji ta’ l-Unjoni u skond il-qafas finanzjarju pluriennali previst fl-Artikolu I-55.**

**6. Il-budget għandu jkun implimentat skond il-prinċipju ta’ amministrazzjoni finanzjarja tajba. L-Istati Membri għandhom jikkoperaw ma’ l-Unjoni sabiex jiżguraw li l-approprazzjonijiet imdaħħla fil-budget jiġu wżati skond dan il-prinċipju.**

**7. L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom, skond l-Artikolu III-415, jikkumbattu l-frodi u kull attivita’ oħra illegali li tolqot l-interessi finanzjarji ta’ l-Unjoni.**

**<u>Flejjes Jisparixxu</u>**

Il-kummenti li rridu nagħmlu dwar dan l-Artikolu huma li dak ipprovdut huwa kif suppost għandhom ikunu l-affarijiet.

Li wieħed irid jara huwa kemm se jinżamm dak li qiegħed jingħad għaliex l-esperjenza turi li dejjem sar il-kontra, kif jixhdu l-azzjonijiet tal-Qorti ta’ l-Awdituri li ilha għal dawn l-aħħar snin ma tapprova l-infieq tal-Kummissjoni minħabba nuqqas ta trasparenza, ħlasijiet mingħajr riċevuti, kif ukoll mijiet ta’ miljuni li jisparixxu kull sena mingħajr l-ebda traċċa.

Ħallas il-VAT u ruxxmata taxxi oħra u ibqa’ dejjem tgħabba b’aktar taxxi biex mhux biss il-kbarat ta’ l-Unjoni Ewropea jixxalaw minn fuq dahrek, imma l-mijiet ta’ miljuni kull sena jisparixxu mingħajr ħadd ma jkun jista’ jgħid x’sar minnhom.

**Fejn Qed Imorru?**

**Tgħid fi bwiet min imorru?**
**Tgħid qegħdin jintużaw biex jimminaw xi pajjiżi oħra?**
**Tgħid qiegħda ssir xi riċerka militari sigrieta?**
**Tgħid qegħdin jiintużaw beix isir spjunaġġ fuq iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri?**
**Min jaf?**

Għall-Unjoni Ewropea l-ebda spiża ma hija problema, għaliex hija tordna kemm għandu jkun l-infieq u l-Istati Membri u ċ-ċittadini tagħhom idaħħlu jdejhom fi bwiethom, jissallbu u jħallsu t-taxxi biex jagħmlu tajjeb għall-infieq ta' l-Unjoni Ewropea u tal-mexxejja sinjuruni tagħha.

**ARTIKOLU I-54**
**Rizorsi proprji ta' l-Unjoni**

**1. L-Unjoni għandha tara li jkollha l-mezzi neċessarji biex tilħaq l-għanijiet tagħha u timplimenta l-politika tagħha.**

**2. Il-budget ta' l-Unjoni għandu jkun iffinanzjat kollu kemm hu mir-riżorsi tagħha, mingħajr preġudizzju għal dħul ieħor.**

**Il-Mezzi Finanzjarji Tagħha**

Qabel ngħaddu għall-bqija, tajjeb li naraw l-ewwel żewġ subartikoli ta' dan l-Artikolu.

Huwa ċar daqs il-kristall li biex l-Unjoni Ewropea jkollha l-mezzi meħtieġa biex tilħaq il-miri tagħha u timplimenta l-politika tagħha trid iddaħħal il-mezzi finanzjarji tagħha mingħand iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri li jkomplu jitgħabbew u jbatu bit-taxxi aktar milli huma issa.

Mhux biss, imma nnutaw li dak kollu li tonfoq l-Unjoni Ewropea jrid ikun ġej minn riżorsi tagħha. Dan ifisser li l-Unjoni Ewropea jrid ikollha dħul biżżejjed u l-ħin kollu biex tiffinanzja l-politika tagħha, liema dħul bilfors irid jiġi mit-taxxi mposti fuq iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri.

Dan huwa eżempju l-aktar ċar fejn indirettament l-Unjoni Ewropea qiegħda tingħata l-jedd li tagħmel taxxi kemm tkun tinħtieġ biex hija jkollha l-mezzi kollha meħtieġa biex tkun tista' tilħaq il-miri tagħha u timplimenta l-politika tagħha.

Mhux biss, imma nnutaw li barra r-riżorsi tagħha, jingħad li dan huwa "**mingħajr preġudizzju għal dħul ieħor".**

Mela l-Unjoni Ewropea trid li jkollha dħul ieħor li f'dan il-paragrafu la jingħad x'inhu u lanqas ma jingħad minn fejn jiġi.

Tgħid se tordna li tiżdied l-inqas taxxa tal-VAT biex l-inqas taxxa issir l-istess fl-Istati Membri kollha?

Tgħid se tordna taxxi oħra?

Minn fejn irid jiġi d-dħul l-ieħor?

Qegħdin taraw kemm affarijiet li normalment taqrahom u tibqa għaddej mingħajr ma toqgħod taħseb fuqhom ikun fihom riperkussjonijiet li ma l-ewwel daqqa t'għajn ma taħsibx fuqhom?

__Liġi Ewropea biex Jinġabru il-Flus__

**3. Il-liġi Ewropea tal-Kunsill għandha tistabbilixxi d-disposizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-sistema ta' riżorsi proprji ta' l-Unjoni. F'dan il-kuntest tista' tistabbilixxi kategoriji ġodda ta' riżorsi proprji jew tabolixxi kategorija eżistenti. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu wara li jikkonsulta l-Parlament Ewropew. Dik il-liġi m'għandhiex tibda sseħħ qabel ma tkun approvata mill-Istati Membri skond il-ħtiġiet kostituzzjonali rispettivi tagħhom.**

**4. Liġi Ewropea tal-Kunsill għandha tistabbilixxi miżuri li jimplimentaw is-sistema tar-riżorsi proprji ta' l-Unjoni safejn dan hu previst fil-liġi Ewropea adottata fuq bażi tal-paragrafu 3. Il-Kunsill għandu jaġixxi wara li tinkiseb l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew.**

Dak li qiegħed jingħad f'dawn iż-żewġ subartikoli jkompli juri dak li għedna għaż-żewġ subartikoli ta' qabel, li l-Unjoni Ewropea qiegħda tingħata l-jedd li tagħmel kategoriji ta' taxxi ġodda, għaliex ir-riżorsi tagħha ġejjin mit-taxxi, dazji u l-levies li jħallsu ċ-ċittadini ta' l-Istati Membri u minn dak li jagħtuha l-Gvernijiet ta' l-Istati Membri li kollha joħorġu sehemhom skond ma jipproduċi pajjiżhom.

Innutaw ukoll kif l-Unjoni Ewropea qiegħda tingħata l-jedd li mhux biss tagħmel kategoriji ġodda ta' riżorsi, li kif fissirna huma taxxi fuq iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri u jista' jkun ukoll ħlasijiet iżjed bħala sehem mill-Istati Membri li bilfors jiġu mit-taxxi taċ-ċittadini tagħhom, imma qiegħda tingħata l-jedd li tagħmel l-arranġamenti fid-dettal, u dan kollu permezz ta' liġi Ewropea.

Dak huwa li jfisser dan l-Artikolu.

Xejn aktar u xejn anqas.

Taxxi u forom oħra ta' dħul għall-Unjoni Ewropea biex il-kbarat tagħha jixxalaw minn fuq dahar iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri u ċ-ċittadini dejjem jitgħaffġu u jiftaqru taħt it-toqol tat-taxxi ta' l-Unjoni Ewropea.

**ARTIKOLU I-55**
**Qafas finanzjarju pluriennali**

**1. Il-qafas finanzjarju pluriennali għandu jiżgura li l-ħruġ ta' l-Unjoni jiżviluppa b'mod ordinat u fil-limiti tar-riżorsi proprji tagħha. Għandu jiddetermina l-ammonti tal-limiti massimi annwali ta' approprjazzjonijiet għal impenji skond il-kategoriji ta' ħruġ skond l-Artikolu III-402.**

Dan is-subartikolu ma huwa qiegħed jgħid xejn għajr li l-infiq ta' l-Unjoni Ewropea għandu jkun skond ir-riżorsi li jkollha, u mhux tagħmel bħal ma jagħmlu ħafna u jmorru jiddejnu.

Fl-istess waqt, għandu jkun ukoll skond ma jkun ġie maħsub minn qabel skond ma jipprovdi l-Artikolu III-308. Pluriennali jiġifieri ta iktar minn sena waħda.

Imma tinsewx li l-Unjoni Ewropea tordna t-taxxi li għandhom jitħallsu miċ-ċittadini ta' l-Istati Membri, u għalhekk anki aħna, u għaliha mhux problema li tordna taxxi biżżejjed biex ikollha l-"**limiti massimi annwali ta' approprjazzjoni"** li tkun trid.

<u>**Liġi, Budget u Maġġoranza Kwalifikata**</u>

**2. Liġi Ewropea tal-Kunsill għandha tistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu wara l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew, li għandha tingħata b'maġġoranza tal-membri komponenti tiegħu.**

**3. Il-budget annwali ta' l-Unjoni għandu jaqbel mal-qafas finanzjarju pluriennali.**

**4. Il-Kunsill Ewropew jista' jadotta, b'mod unanimu, deċiżjoni Ewropea li tippermetti li l-Kunsill jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata meta jadotta l-liġi Ewropea tal-Kunsill prevista fil-paragrafu 2.**

Li qegħdin jgħidu dawn is-subartikoli huwa li kollox irid ikun skond ma jkun iddeċieda l-Kunsill tal-Ministri bil-qbil tal-Parlament Ewropew.

Madankollu, innutaw li għalkemm għall-ewwel darba wara d-dħul fis-seħħ tal-Kostituzzjoni l-Kunsill tal-Ministri irid jaqbel unanimament, wara jista' jaqbel b'maġġoranza b'deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew.

Tgħid dan sar għaliex jafu li minħabba l-mijiet ta' miljuni li jisparixxu kull sena u minħabba li l-Qorti ta' l-Awdituri ilha għal dawn l-aħħar snin ma tapprova l-infiq tal-Kummissjoni, il-Kunsill tal-Ministri ma kienx se jkun unanimu biex japprova l-estimi finanzjarji ta' l-Unjoni Ewropea u għalhekk l-Unjoni Ewropea kienet tispiċċa mingħajr il-qafas finanzjarji u b'hekk kull infieq kien ikun illegali għaliex ma jkunx hemm il-qbil dwaru?

Qegħdin taraw kemm ikun hemm raġunijiet moħbija wara kull pass li tagħmel l-Unjoni Ewropea u l-istituzzjonijet tagħha, u kif pass wara pass wara pass jimxu bil-mod biex jilħqu dak li jkunu jridu jagħmlu, u jimxu bil-mod apposta biex dak li jkun ma jindunax u l-affarijiet jindraw li jidħlu ftit ftit? Jew kif ngħidu bil-Malti, **minflok mill-bieb jidħlu mit-tieqa**?

**ARTIKOLU I-56**
**Budget ta' l-Unjoni**

**Il-liġi Ewropea għandha tistabbilixxi l-budget annwali ta' l-Unjoni skond l-Artikolu III-404.**

**<u>Liġi kull Sena</u>**

Dan huwa sempliċi Artikolu ta' proċedura ta' kif għandhom jiġu ppreżentati l-estimi finanzjarji ta' kull sena, jiġifieri b'liġi.

Fi kliem ieħor, dak li l-Unjoni Ewropea tkun trid tonfoq skond l-estimi finanzjarji tagħha jiġi ppreżentat b'liġi bħal ma jsir fi Stat normali biex il-Gvern ikun awtorizzat li jiġbor it-taxxi kollha li jkun jinħtieġ biex iwettaq l-estimi finanzjarji tiegħu.

Jidher jew le kemm l-Unjoni Ewropea qiegħda taġixxa bħala Stat Federali fejn bħal kull Stat tressaq l-estimi finanzjarji tagħha u tkun tista' tagħmel it-taxxi u dak kollu meħtieġ biex ikollha l-finanzi biex tagħmel dak li tkun ippreżentat fl-estimi finanzjarji tagħha?

# TITOLU VIII
# L-UNJONI U L-ĠIRIEN TAGĦHA

## ARTIKOLU I-57
## L-Unjoni u l-Ġirien tagħha

**1. L-Unjoni għandha tiżviluppa relazzjoni privileġġjata mal-pajjiżi ġirien tagħha, bil-ħsieb li tistabbilixxi żona ta' prosperita' u rapporti tajbin mal-ġirien, fondati fuq il-valuri ta' l-Unjoni u karatterizzata minn relazzjonijiet mill-qrib u paċifiċi bbażati fuq il-koperazzjoni.**

Qegħdin taraw kif ikunu l-ipokrezija, il-qerq u t-tradimenti?

Tiftakru kemm il-Ġudiet Maltin mixtrija tal-barrani kienu jgħaddu ż-żmien bil-Partnership?

Tiftakru kemm Verheugen kien qal li ma jafx x'inhu Partnership.

Issa hemm Partnership, għaliex dak li jingħad f'dan is-subartiklu dak li jfisser.

Xejn aktar u xejn anqas.

Qegħdin taraw kif ikunu l-qarrieqa, l-ipokriti u l-oqbra mbajjda?

Innutaw ukoll kif jingħad l-**Unjoni u l-Ġirien Tagħha**, u mhux il-ġirien ta' l-Istati Membri, għaliex l-importanza dejjem qed tingħata lill-Unjoni Ewropea bħala Stat federali u mhux lill-Istati Membri.

**<u>Ftehim ma' dawn il-Pajjiżi mill-Unjoni</u>**

**2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-Unjoni tista' tikkonkludi arranġamenti speċifiċi mal-pajjiżi konċernati. Dawn il-ftehim jistgħu jġibu magħhom drittijiet u obbligi reċiproċi kif ukoll il-possibbiltà li jittieħdu azzjonijiet flimkien. L-implimentazzjoni tagħhom għandha tkun soġġetta għal konsultazzjonijiet perjodiċi.**

Araw kif issa qiegħed jingħad li l-Unjoni Ewropea tista' tagħmel ftehim ma dawk l-Istati Ġirien tagħha.

Mela issa jista' jsir ftehim?

Ma' Malta ma kienx jista' jsir ftehim ta' Partnership?

Qegħdin taraw kif ikun il-gideb u l-qerq ta' l-ipokriti u l-oqbra mbajjda Maltin u barranin ta' l-Unjoni Ewropea?

X'ma ngħidux li t-Trattat tas-Sħubija ta' Malta ma' l-Unjoni Ewropea kien kollu msejjes fuq il-gideb, qerq, wegħdi foloz, nofs veritajiet, theddid u ħafna affarijiet oħra li kollha jagħmlu l-kunsens tiegħu difettuż u għalhekk ma jorbotx lill-Malta u meta trid Malta tista' tgħid li m'hijiex marbuta ma' l-Unjoni Ewropea u tibgħata tixxejjer.

**Ipokrezija Ewropea**

L-ipokrezija qiegħda wkoll għaliex filwaqt li qabel kull Stat Membru meta kien **Indipendenti, Ħieles u Sovran** u mhux taħt il-kolonjaliżmu ta' l-Unjoni Ewropea kien jista' jagħmel ftehim ma liema Stat ieħor kien irid fl-interess tiegħu, issa l-Unjoni Ewropea tagħmel ftehim hi, u dak il-ftehim jorbot lill-Istati Membri tagħha kollha.

Mhux biss, imma nnutaw kif qiegħed jingħad ukoll li dawn il-ftehim jistgħu jkollhom drittijiet u obbligi reċiproċi, jiġifieri lejn xulxin, kif ukoll il-possibilita' li jittieħdu azzjonijiet flimkien.

X'inhuma dawn l-azzjonijiet li jistgħu jittieħdu?

Tgħid jistgħu jkunu wkoll azzjonijiet militari?

F'dan il-każ, x'se jiġri mill-Kostituzzjoni ta' Stati Membri li jkunu newtrali?

X'jiġri jekk kawża ta' xi azzjoni militari mill-Unjoni Ewropea u pajjiżi oħra mhux Stati Membri, Stat Membru jiġi attakkat?

Tinsewx li l-Istati Membri l-oħra huma marbuta li jiddefenduh.

Tgħid dan qiegħed isir biex, bħala eżempju, minkejja li t-Turkija għad m'hijiex membru imma hija membru tan-**NATO**, u l-Unjoni Ewropea flimkien mat-Turkija jieħdu xi azzjoni fil-Lvant Nofsani, ngħidu aħna kontra l-Iraq, l-Iran, jew xi pajjiż ieħor, l-Istati Membri l-oħra jkunu jistgħu jiddaħħlu bħal Pilatu fil-kredu?

Tinsewx li l-bażijiet militari ta' l-ajru tat-Turkija, u l-aktar il-bażi ta' Inċirlik, kienu ntużaw mill-Amerikani biex jattakkaw lill-Iraq u jintużaw biex iġorru s-suldati u t-tagħmir Amerikan. Qegħdin taraw kif kollox jibda jorbot ħaġa ma' l-oħra bħal ħoloq ta' katina?

Jingħad ukoll li l-implimentazzjoni ta' dawn id-drittijiet, obbligi u azzjonijiet għandha tkun suġġetta għal-konsultazzjonijiet perjodiċi, jiġifieri kull tant żmien. Għalkemm wieħed jista' jgħid jew jaħseb li dawn isiru bejn l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi li magħhom ikun hemm ftehim minħabba li dawn jinsabu fl-istess Artikolu, innutaw kif ma jingħadx b'mod ċar minn min u ma min isiru dawn il-konsultazzjonijiet.

Qegħdin taraw kemm l-affarijiet jitħallew miftuħa apposta biex l-Unjoni Ewropea jkollha tieqa minn fejn toħroġ u tagħmel x'tagħmel tkun tista' tgħid li dak li għamlet huwa skond il-Kostituzzjoni?

Qegħdin taraw jekk huwiex tassew li l-Unjoni Ewropea diġa' saret Stat Federali li dak kollu li jagħmel jorbot lill-Istati Membri tiegħu u dak kollu li tordna jrid jiġi obdut, kemm mill-Istati Membri u kemm miċ-ċittadini tagħha inkella jeħlu l-multi sakemm jobdu?

Daqshekk jibqgħu **Indipendenti, Ħielsa u Sovrani** l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea.

## TITOLU IX

## SĦUBIJA FL-UNJONI

### ARTIKOLU I-58
### Kriterji ta' eliġibilita' u proċedura għall-adeżjoni ma' l-Unjoni

**1. L-Unjoni għandha tkun miftuħa għall-Istati Ewropej kollha li jirrispettaw il-valuri previsti fl-Artikolu I-2, u li jimpenjaw ruħhom li jipromwovuhom flimkien.**

**2. Kull Stat Ewropew li jixtieq isir membru ta' l-Unjoni għandu jindirizza l-applikazzjoni tiegħu lill-Kunsill. Il-Parlament Ewropew u l-Parlamenti nazzjonali għandhom jiġu notifikati dwar din l-applikazzjoni. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu wara li jikkonsulta l-Kummissjoni u wara li jikseb il-kunsens tal-Parlament Ewropew, li għandu jaġixxi b'maġġoranza tal-membri komponenti tiegħu. Il-kondizzjonijiet u l-arranġamenti għall-ammissjoni għandhom ikunu materja ta' ftehim bejn l-Istati Membri u l-Istat kandidat. Dak il-ftehim għandu jiġi sottomess għar-ratifika mill-Istati kontraenti kollha, skond il-ħtiġiet kostituzzjonali rispettivi tagħhom.**

**<u>Kif Stat isir Membru</u>**

Dan huwa Artikolu li jfisser liema Stati jistgħu jsiru membri u x'għandu jsir jew x'għandhom jagħmlu biex isiru membri. Innutaw li jgħid li l-Istati kollha Ewropej jistgħu japplikaw biex jissieħbu.

Madankollu, argument li jinġieb minn dawk li huma kontra li t-Turkija ssir membru huwa li t-Turkija għandha parti żgħira biss fl-Ewropa, u l-bqija hija fl-Asja. Ma rridux niftehmu li qegħdin ngħidu li t-Turkija għandha jew m'għandhiex issir membru, imma dak huwa l-argument li jinġieb.

Tinsewx, li għalkemm din il-kostituzzjoni qed jintalab il-qbil dwarha mill-Istati Membri u trid tgħaddi mill-Parlamenti nazzjonali u f'xi Stati Membri jrid ikun hemm il-qbil taċ-ċittadini tagħhom permezz ta' referendum, dawn jistgħu jinqabżu u tiġi emendata kif naraw aktar 'il quddiem mingħajr ma ċ-ċittadini jerġgħu jiġu kkonsultati.

Hawnhekk infakkrukom dak li għedna li minħabba li fil-Kostituzzjoni inqatghet il-kelma "**Ewropea**" u tissemma l-"**Unjoni**", dan jista' sar apposta biex ma jibqgħux biss Stati Ewropej il jiddaħħlu membri, imma anki oħrajn fil-Lvant Nofsani u forsi anki aktar 'il bogħod fl-interessi militari u espansjonistiċi ta' l-Unjoni.

Innutaw ukoll li jingħad li l-kundizzjonijiet u l-arranġamenti għandhom ikunu materja ta' ftehim bejn l-Istati Membri u l-Istat Kandidat.

Qegħdin taraw dak li dejjem għedna f'dan il-ktieb li l-Unjoni Ewropea ħadet il-jedd li jinnegozjaw mingħand l-Istati Membri għaliex ikunu l-istituzzjonijiet tagħha li jinnegozjaw ma' l-Istati Kandidati, u dak li tiddeċiedi hija jkun jorbot lill-Istati Membri?

Il-fatt li jingħad li l-ftehim jiġi sottomess għar-ratifika mill-Istati kontraenti kollha ma jfisser xejn, għaliex ħadd ma jimmaġina li jkun hemm il-ftehim mill-istituzzjonijiet ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri ma jirratifikawħx.

Dan kollu m'huwa xejn ħlief arroganza mingħajr limitu ta' l-Istat Federali Ewropew ta' l-Unjoni Ewropea li qiegħed jieħu d-drittijiet kollha li normalment jiġu eżerċitati minn Stati li jkunu Stati **Indipendenti, Ħielsa u Sovrani**?

## ARTIKOLU I-59
## Sospensjoni ta' ċerti drittijiet li jirriżultaw mis-sħubija fl-Unjoni

**1. Fuq inizjattiva motivata ta' terz ta' l-Istati Membri, jew fuq inizjattiva motivata tal-Parlament Ewropew, jew fuq proposta mill-Kummissjoni, il-Kunsill jista' jadotta deċiżjoni Ewropea li tiddetermina li hemm riskju ċar ta' ksur serju minn Stat Membru tal-valuri previsti fl-Artikolu I-2. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'maġġoranza ta' erba' minn ħamsa tal-membri tiegħu, wara l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew.**

**Qabel ma jiddikjara dan, il-Kunsill għandu jisma' lill-Istat Membru in kwistjoni, u waqt li jaġixxi bl-istess proċedura, jista' jindirizza rakkomandazzjonijiet lil dak l-Istat.**

**Il-Kunsill jivverifika regolarment jekk il-motivi li għalihom tkun saret tali determinazzjoni jibqgħux japplikaw.**

**2. Il-Kunsill Ewropew, fuq l-inizjattiva ta' terz ta' l-Istati Membri jew fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jadotta deċiżjoni Ewropea li tiddetermina l-eżistenza ta' ksur gravi u persistenti minn Stat Membru tal-valuri previsti fl-Artikolu I-2, wara li jkun stieden lil dan l-Istat Membru konċernat biex jissottometti l-osservazzjonijiet tiegħu fuq il-kwistjoni. Il-Kunsill Ewropew għandu jaġixxi b'mod unanimu wara li jkollu l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew.**

**3. Meta tkun saret determinazzjoni taħt il-paragrafu 2, il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jista' jadotta deċiżjoni Ewropea li tissospendi ċerti drittijiet li joħorġu mill-applikazzjoni tal-Kostituzzjoni lill-Istat Membru in kwistjoni, inkluż id-dritt tal-vot tal-membru tal-Kunsill li jirrappreżenta lil dak l-Istat. Il-Kunsill għandu jieħu in kunsiderazzjoni l-konsegwenzi possibbli li din is-sospensjoni jista' jkollha fuq id-drittijiet u l-obbligi ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi.**

**Fi kwalunkwe każ, dak l-Istat jibqa' marbut bl-obbligi tiegħu skond il-Kostituzzjoni.**

**4. Il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jista' jadotta deċiżjoni Ewropea li tvarja jew tħassar miżuri adottati taħt il-paragrafu 3 bħala riżultat ta' bidliet fis-sitwazzjoni li wasslet biex ikunu imposti.**

**5. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, il-membru tal-Kunsill Ewropew jew tal-Kunsill li jirrappreżenta l-Istat Membru in kwistjoni m'għandux jieħu sehem fil-**

**vot u l-Istat Membru in kwistjoni ma jingħaddx fil-kalkolu tat-terz jew ta' l-erba' minn ħamsa ta' l-Istati Membri previsti fil-paragrafi 1 u 2. Astenzjonijiet minn membri preżenti jew rappreżentati m'għandhomx iżommu l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet Ewropej previsti fil-paragrafu 2.**

**Għall-adozzjoni ta' deċiżjonijiet Ewropej previsti fil-paragrafi 3 u 4, maġġoranza kwalifikata għandha tkun definita bħala li hija ugwali għal mill-inqas 72% tal-membri tal-Kunsill li jirrappreżentaw lill-Istati Membri parteċipanti, li flimkien jinkludu mill-inqas 65% tal-popolazzjoni ta' dawn l-Istati.**

**Meta, wara deċiżjoni li tissospendi d-dritt tal-vot adottata skond il-paragrafu 3, il-Kunsill jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq bażi ta' disposizzjoni tal-Kostituzzjoni, dik il-maġġoranza kwalifikata għandha tkun definita kif imsemmi fit-tieni subparagrafu, jew, meta l-Kunsill jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni jew mill-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Unjoni, bħala li hija ugwali għal mill-inqas 55% tal-membri tal-Kunsill li jirrappreżentaw lill-Istati Membri parteċipanti, li flimkien jinkludu mill-inqas 65% tal-popolazzjoni ta' dawn l-Istati. F'dan l-aħħar każ, minoranza li timblokka għandha tinkludi mill-inqas in-numru minimu ta' membri tal-Kunsill li jirrappreżentaw iktar minn 35% tal-popolazzjoni ta' l-Istati Membri parteċipanti, u membru ieħor, u fin-nuqqas ta' dan, il-maġġoranza kwalifikata tkun meqjusa li nkisbet.**

**6. Għall-għanijiet ta' dan l-Artikolu, il-Parlament Ewropew għandu jaġixxi b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-voti espressi, li jirrappreżentaw il-maġġoranza tal-Membri tiegħu.**

**<u>Kastigi għall-Istati Membri</u>**

Dan l-Artikolu qiegħed jitkellem dwar deċiżjoni Ewropea meta jitqies li hemm periklu ta' ksur serju minn xi Stat Membru ta' l-Artikolu I-2. Ħalli niftakru x'jgħid Artikolu 2. Dan jgħid li,

**L-Unjoni hija mibnija fuq il-valuri ta' rispett ghad-dinjita' tal-bniedem, ta' liberta', ta' demokrazija, ta' ugwaljanza, ta' l-istat tad-dritt u tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi. Dawn il-valuri huma komuni ghall-Istati Membri f'soċjetà karatterizzata mill-pluralizmu, in-non-diskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjeta' u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irgiel.**

Li rridu niftakru huwa li l-Unjoni Ewropea għandha l-valuri tagħha li jissemmew anki f'din il-Kostituzzjoni. Innutaw li jingħad li f'dan l-Artikolu tissemma wkoll in-non-diskriminazzjoni, jiġifieri li wieħed ma jistax jagħmel xi diskriminazzjoni kontra xi ħadd.

Dan ifisser li jekk jiġi barrani mill-Unjoni Ewropea hawn Malta u jkun hemm applikazzjonijiet għal xi xogħol, huwa għandu jedd daqs kull ċittadin Malti li mhux biss japplika, imma anki li jingħata dak ix-xogħol jew kull xogħol ieħor. Dan jgħodd ukoll għas-servizzi soċjali kollha.

Fi kliem ieħor, il-Gvern Malti ma jistax ma jaċċettax li ma jimpjegax barrani biex ma jħallix ċittadin Malti mingħajr xogħol minħabba li jkun hawn qgħad kbir hawn Malta, għaliex inkella jkun qiegħed jagħmel diskriminazzjoni kontra dak iċ-ċittadin barrani u jkun qiegħed jikser l-Artikolu I-2 tal-Kostituzzjoni ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea.

L-istess isir jekk immigranti illegali jkunu daħlu Malta u ingħataw status ta' refuġjat jew umanitarju u b'xi mad ma jingħatawx drittijiet jew aħjar jeddijiet daqs iċ1-ċittadini Maltin.

Hekk sewwa. ċittadini Maltin u Għawdxin mingħajr xogħol, il-familji tagħhom jitilfu ħobżhom, biex il-barrani ta' l-Unjoni Ewropea u l-immigranti illegali ma ssirx diskriminazzjoni kontra tagħhom. Ara l-Unjoni Ewropea l-qawl li jgħid li "**Il-karita' tibda d-dar**" ma tafux.

Iċ-ċittadini Maltin u Għawdxin diġa' qegħdin iduqu dawn l-affarijiet meta qegħdin jaraw eluf ta' ħaddiema barranin ta' kull ġens jeħdulhom xogħolhom, ħobżhom u ħobż il-familja tagħhom waqt li huma jintefgħu 'l barra.

Sejrin nibqgħu hekk b'idejna fuq żaqqna bil-ħaddiema ħutna Maltin u Għawdxin jitilfu ħobżhom u ħobż il-familji tagħhom jew se nerġgħu nqumu waħda sewwa fuq tagħna, nerġgħu nieħdu rajna f'idejna u nibgħatu lill-Unjoni Ewropea u lill-barranin kollha ta' l-Unjoni Ewropea jixxejjru flimkien mal-Maltin **ĠUDIET**, **QUISLINGS** u qaddejja tal-barrani?

## ARTIKOLU I-60
## Ħruġ volontarju mill-Unjoni

**1. Kull Stat Membru jista' jiddeċiedi, skond ir-regoli kostituzzjonali proprji, li jirtira mill-Unjoni Ewropea.**

**<u>Artikolu Importantissmu</u>**

Qegħdin taraw kemm dawk li jgħidulkom li l-ebda Stat Membru ma jista' joħroġ mill-Unjoni Ewropea qegħdin jigdbu u jridu jgħaddukom biż-żmien?

Anki qabel Stat Membru dejjem kien jista' joħroġ, għaliex jekk il-poplu tiegħu jiddeċiedi li joħroġ, ħadd u xejn ma jkun jista' jżommu għaliex is-sovranita' hija tal-poplu u qiegħda għand il-poplu u mhux għand il-politiċi.

Jekk poplu jidhirlu li xi deċiżjoni li jkun ħa qabel jew ittieħdet minn ċittadini oħra qabel tkun qiegħda tagħmillu ħsara, għandu kull jedd li jdawwar id-deċiżjoni li tkun ittieħdet qabel. **Il-poplu huwa dejjem Sovran.**

Madankollu, dan l-Artikolu sar għaliex l-Unjoni Ewropea taf li ċ-ċittadini ta' l-Istati Membri tagħha huma mxebba sal-ponta' ta' mnieħirhom biha u jridu jitilqu, u taf ukoll li hemm Stati Membri li għad jitilqu minnha u minn magħha.

Huma l-**politiċi** li qed ipappuha tajjeb li jaqblu ma' l-Unjon Ewropea, mhux il-popli tagħhom.

Għaldaqstant, l-Unjoni Ewropea riedet li tagħmilha aktar possibbli li Stat Membru jitlaq bil-kwiet u bi ftehim milli jaqbad u jqatta l-karti u jibgħat lill-Unjoni Ewropea ssaqqi l-ħass tal-Marsa jew ta' Brussell.

Huwa għalhekk li dawk kollha li jgħidulkom li Stat Membru ma jistax jitlaq mill-Unjoni Ewropea qegħdin jigdbu, riedu u jridu jkomplu jqarrqu bikom u jridu jkomplu jgħaddukom biż-żmien biex jaqtgħulkom qalbkom u biex ikomplu jistagħnew minn fuqkom.

Imma ma jafux li l-Maltin, speċjalment il-ħaddiema li qegħdin jaraw xogħolhom u ħobżhom jinsteraq mill-barranin ta' l-Unjoni Ewropea, u li huma mifnija bit-taxxi tort ta' l-Unjoni Ewropea, m'humiex baħrin tal-bnazzi biss bħal ċerti mexxejja tagħhom.

Dan għad juruh aktar 'il quddiem meta jerġgħu jqumu fuq tagħhom, jieħdu rajhom f'idejhom u b'idejhom stess jieħdu u jagħtu l-**Indipendenza u l-Ħelsien sħiħ u s-Sovranita'** lill-għażiża Malta tagħna minn taħt il-ħakma imperjalista u kolonjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Lil min iġibilkom l-iskuża li jsir tħarbit u jkollna nbatu, wieġbuhom li nbatu bi nbatu, aħjar ħielsa u nbatu milli lsira tal-barrani ta' l-Unjoni Ewropea u nbatu xorta.

Aħjar rajna f'idejna u nagħmlu li jaqblilna, milli nbatu xorta waħda jew aktar u nkunu maħkuma u lsiera tal-barrani ta' l-Unjoni Ewropea.

Xejn xejn ma nibqgħux kolonja ta' l-Unjoni Ewropea bil-barrani jeħdilna artna u jagħmel li jrid f'artna.

## Kif Stat Membru Jitlaq

**2. Stat Membru li jiddeċiedi li jirtira għandu jinnotifika lill-Kunsill Ewropew bl-intenzjoni tiegħu. Fid-dawl tal-linji gwida provduti mill-Kunsill Ewropew, l-Unjoni għandha tinnegozja u tikkonkludi ma' dak l-Istat ftehim li jirregola l-kondizzjonijiet ta' l-irtirar tiegħu, filwaqt li jittieħed in kunsiderazzjoni l-qafas tar-relazzjonijiet futuri tieghu ma' l-Unjoni. Dak il-ftehim għandu jiġi nnegozjat skond l-Artikolu III-325(3); għandu jigi konkluż mill-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, wara li jikseb il-kunsens tal-Parlament Ewropew.**

Dan is-subartikolu qiegħed jgħid x'inhija l-proċedura biex Stat Membru jitlaq mill-Unjoni Ewropea, imma nnutaw ukoll kif, skond is-subartikolu li jmiss, jekk wara sentejn ikun għadu ma ntlaħaqx ftehim, dak l-Istat Membru jitqies li jkun telaq mill-Unjoni Ewropea.

Għaldaqstant, jekk Stat Membru jrid jitlaq u ma jridx jagħmel ftehim ma' l-Unjoni Ewropea, jew jaqbad u jitlaq u jibgħata ssaqqi l-ħass tal-Marsa jew ta' Brussell, jew jgħidilha li jrid jitlaq u jistenna s-sentejn jgħaddu mingħajr ma jipprova jilħaq ftehim u jkun telaq mingħajr l-ebda rbit.

Minkejja dan, dak l-Istat xorta waħda jista', jekk aktar 'il quddiem ikun irid, jerġa' jidħol membru, imma jkun irid jagħmel il-proċeduri kollha bħal ma jagħmel kull Stat ieħor li jkun irid jidħol membru kif jingħad fis-subartiklu 5.

Qegħdin taraw kif jekk f'Malta jkollna Gvern sod li ma jibżax jieħu deċiżjonijiet favur Malta u l-ħaddiema Maltin, jekk tassew jemmen li huwa kapaċi jmexxi, jista' jibgħat lill-Unjoni Ewropea ssaqqi l-ħass tal-Marsa u ta' Brussell u jiddikjara li Malta m'għadhiex membru ta' l-Unjoni Ewropea?

## Jitlaq Awtomatikament

**3. Il-Kostituzzjoni għandha tieqaf tapplika għal dak l-Istat in kwistjoni mid-data tal-bidu fis-seħħ tal-ftehim dwar l-irtirar jew, fin-nuqqas ta' dan, sentejn wara n-notifika prevista fil-paragrafu 2, sakemm il-Kunsill Ewropew, bi qbil ma' l-Istat Membru in kwistjoni, ma jiddeċidix b'mod unanimu li jestendi dan il-perijodu.**

Fi kliem ieħor, il-Kostituzzjoni li qiegħda ssir minflok it-Trattati kollha li kellha qabel l-Unjoni Ewropea tispiċċa u ma tibqax jgħodd wara sentejn, kif ma jibqgħux jgħoddu t-Trattati tas-Sħubija minħabba li dawn qegħdin jiġu salvati b'din l-istess Kostituzzjoni.

Barra minn hekk, minkejja dak li jingħad li l-Kostituzzjoni tibqa' fis-seħħ sakemm jidħol fis-seħħ il-ftehim ta' l-irtirar ma jfisser xejn, għaliex jekk dak l-Istat Membru li jkun irid jitlaq ikun irid jinjoraha, l-Unjoni Ewropea ma tista' tagħmillu xejn, aktar w aktar jekk ikun sejjer jitlaq.

Jekk dak l-Istat ikun irid li jagħti x-xogħol lill-ħaddiema ċittadini tiegħu u ma jagħtix xogħol jew anki jibgħat lill-ħaddiema ta' Stati Membri oħra 'l barra biex jagħti xogħol lill-ħaddiema ċittadini tiegħu, ħadd u xejn ma jkun jista' jżommu, tgħid x'tgħid l-Unjoni Ewropea u tgħid x'tgħid il-Kostituzzjoni tagħha.

Bil-pulit, jista' jgħid lill-mexxejja arroganti, federalisti, kolonjalisti u imperjalisti ta' l-Unjoni Ewropea li jafu x'għandhom jagħmlu bil-Kostituzzjoni u l-liġijiet tagħha.

## Aktar Arroganza ta' l-Unjoni Ewropea

**4. Għall-finijiet tal-paragrafi 2 u 3, il-membru tal-Kunsill Ewropew jew tal-Kunsill li jirrappreżenta l-Istat Membru li jkun qiegħed jirtira m'għandux jippartecipa fid-diskussjonijiet tal-Kunsill jew tal-Kunsill Ewropew jew f'deċiżjonijiet Ewropej li jkunu jikkonċernaw lilu.**

Dan is-subartikolu huwa eżempju ta' l-arroganza ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea. B'liema jedd ir-rappreżentant ta' dak l-Istat Membru li jkun irid jitlaq mill-Unjoni Ewropea ma jieħux sehem fid-diskussjonijiet u fid-deċiżjonijiet li jkollhom x'jaqsmu mat-tluq ta' l-Istat tiegħu?

Arroganza mill-akbar stil ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea u l-mexxejja arroganti, federalisti, imperjalisti u kolonjalisti tagħha.

**Wiċċhom Agħar mill-Għatba tal-Klistanija**

Dan is-subartikolu jkompli jgħid li,
**Maġġoranza kwalifikata għandha tkun definita bħala li hija ugwali għal mill-inqas 72% tal-Membri tal-Kunsill li jirrappreżentaw lill-Istati Membri parteċipanti li flimkien jinkludu mill-inqas 65% tal-popolazzjoni ta' dawn l-Istati.**

Din il-parti hija wkoll arroganti u turi kemm il-mexxejja at' l-Unjoni Ewropea għandhom wiċċhom agħar mill-għatba tal-Klistanija, għaliex jekk jingħad li Stat Membru jista' jitlaq, japprovaw u ma japprovawx l-Istati Membri l-oħra xorta waħda jitlaq.

Dan diġa' rajnih aktar qabel fejn jingħad li anki jekk ma jintlaħaqx ftehim fi żmien sentejn, xorta waħda ma tibqax tgħodd il-Kostituzzjoni li jfisser li dak l-Istat ma jkunx għadu marbut ma' l-Unjoni Ewropea għaliex il-Kostituzzjoni qiegħda tiddaħħal minflok it-Trattati l-oħra.

Għaldaqstant, la draba l-Kostituzzjoni ta' l-Unjoni Ewroprea tispiċċa milli tapplika f'dak l-Istat Membru li jkun irid jitlaq, ma jkun hemm xejn x'jorbtu ma' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea.

Qegħdin taraw kif jekk ikollna gvern sod, patrijott, irid iħares l-interessi tal-Maltin u l-Għawdxin u kapaċi jmexxi jkun jista' mingħajr l-ebda xkiel, speċjalment bil-ħtif illegali ta' Malta mill-Istat Federali ta' Unjoni Ewropea, jiddikjara li Malta m'għadhiex aktar membru u jitlaq anki minnufih mill-Unjoni Ewropea mingħajr ebda rbit ta' xejn?

**Jista' Jerġa' Japplika**

**5. Jekk Stat li jkun irtira mill-Unjoni jitlob li jerga' jaderixxi mill-ġdid, it-talba tiegħu għandha tkun soġġetta għall-proċedura prevista fl-Artikolu I-58.**

Inutaw li kif għedna aktar qabel, Stat li jkun telaq mill-Unjoni Ewropea jista' jerġa' japplika biex jerġa' jsir membru.

Dan ma jfissirx li aħna qegħdin ngħidu li Malta għandha tagħmel hekk, għaliex nemmnu u sejrin nibqgħu naħdmu biex **Malta titlaq darba għal dejjem mill-Unjoni Ewropea** u ngħallmu lill-uliedna biex qatt aktar ma jerġgħu jagħmlu l-iżball li jerġgħu jidħlu taħt il-madmad tal-ħakkiem barrani ta' l-Unjoni Ewropea u taħt l-ebda ħakkiem barrani ieħor.

Ngħallmuhom ukoll biex malli jkun hemm xi **ĠUDA** Malti li jipprova jerġa' jbiegħhom lill-barrani bħal ma għamlu llum il-**ĠUDIET** li għandna jiġri ma saqajna u l-**QUISLINGS** li lesti jiggvernaw skond ma jordnalhom il-barrani ta' l-Unjoni Ewropea, ifittxu jeħilsu minnhom minn ma saqajhom, għaliex **l-Indipendenza, il-Ħelsien u s-Sovranita'** tkun taf xi jfissru meta' titlifhom kif qegħdin naraw illum.

## PARTI II
## KARTA TAD-DRITTIJIET FUNDAMENTALI TA' L-UNJONI
## PREAMBOLU

**Il-popli ta' l-Ewropa waqt li jistabbilixxu bejniethom unjoni dejjem iktar maghquda, ddeċidew li jipparteċipaw f'ġejjieni ta' paċi mibni fuq il-valuri komuni.**

**Konxja tal-patrimonju spiritwali u morali tagħha, l-Unjoni hi mibnija fuq il-valuri indiviżibbli u universali tad-dinjita' umana, tal-liberta' ta' l-ugwaljanza u tas-solidarjeta' hi bbażata fuq il-prinċipji ta' demokrazija u l-istat tad-dritt. Tqiegħed il-persuna fil-qalba ta' l-attivitajiet tagħha, billi tistabbilixxi ċ-ċittadinanza ta' l-Unjoni u billi toħloq żona ta' liberta' ta' sigurta' u ta' ġustizzja.**

Dwar dawn l-ewwel żewġ paragrafi, il-prinċipji dejjem huma sbieħ, imma hija l-azzjoni jew dak li jsir li jgħodd u mhux biss il-prinċipji, għaliex kif jgħid il-qawl, "**il-kelma tqanqal, imma l-eżempju jkaxkar**".

L-eżempji ta' l-Unjoni Ewropea ma tantx huma tajbin, għaliex waqt li tippriedka t-trasparenza tara kif tagħmel u taħbi l-affarijiet, kif tagħmel meta mijiet ta' miljuni jisparixxu mingħajr l-ebda traċċa u kull meta jkun sejjer iqum xi skandlu fuq l-uffiċjali tagħha li tipprova li jekk jista' jkun taħbih.

Mhux biss, imma min jipprova jikxef xi skandli u serq jispiċċa li jitkeċċa minflok ma jittieħdu passi kontra min għamel l-iskandlu u s-serq biex ipatti ta' għemilu.

Infakkru li anki l-Ombudsman jiġi attakkat għaliex jaqdi dmiru, u elf ħaġa oħra li kull min jaqra jista' jkun jaf u jiftakar.

Innutaw ukoll kif qiegħda twaqqaf iċ-ċittadinanza tagħha fil-Kostituzzjoni.

Dan ifisser li kif għedna aktar qabel, l-Unjoni Ewropea trid issir, anzi diġa' saret, Stat Federali, għaliex huwa biss Stat li jista' jagħti ċittadinanza.

Mhux biss, imma din iċ-ċittadinanza qiegħda tiġi nfurzata fuq iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri għaliex tingħatalhom bilfors u mhux jekk iridu.

Xejn ħlief impożizzjonijiet minn Stat Federali u l-mexxejja tiegħu arroganti fuq l-Istati Membri tiegħu u ċ-ċittadini tagħhom.

<u>**Valuri Komuni**</u>

**L-Unjoni tikkontribwixxi għall-preservazzjoni u għall-iżvilupp ta' dawn il-valuri komuni filwaqt li tirrispetta d-diversita' tal-kulturi u tat-tradizzjonijiet tal-popli ta' l-Ewropa kif ukoll ta' l-identità nazzjonali ta' l-Istati Membri u l-organizzazzjoni ta' l-awtoritajiet pubbliċi fil-livelli nazzjonali, regjonali u lokali; tfittex li tippromwovi żvilupp bilanċjat u sostenibbli u tiżgura l-moviment liberu ta' persuni, ta' servizzi, ta' merkanzija u ta' kapital, u l-liberta' ta' stabbiliment.**

Taħsbux li l-moviment ħieles ta' persuni, affarijiet, servizzi u kapital l-Unjoni Ewropea tridhom għaliex għandha għal qalba l-ħaddiema, imma tridhom biss biex il-kapitalisti jkollhom minn fejn jagħżlu u jwaqqgħu l-pagi u l-kundizzjonijiet tax-xogħol għaliex isibu ħaddiema li jkunu marru minn Stat Membru fi Stat Membru ieħor li jkunu lesti li jaċċettaw pagi u kundizzjonijiet tax-xogħol inqas mill-ħaddiema ta' dak l-Istat Membru.

Dwar il-moviment ħieles tal-kapital, l-Unjoni Ewropea tridu biex jekk il-kapitalisti jaraw li l-ħaddiema f'xi Stat Membru jkunu qed jingħaqdu u minkejja l-moviment ħieles tal-ħaddiema jkollhom inaqqsu mill-qligħ tagħhom, huma jkunu jistgħu jitilqu u l-kapital jieħduh xi mkien mingħajr l-ebda xkiel.

Anki dawk li jaħdmu għal rashom ifarrku l-ħaddiema li jaħdmu għal rashom f'dak l-Istat Membru li jmorru fih, għaliex anki huma jkunu lesti li jaħdmu b'inqas flus u anki mingħajr serħan biex jaqilgħu x'jieklu, u b'hekk iwaqqu l-prezzijiet li l-ħaddiema ta' dak l-Istat Membru ma jkunux jistgħu jaħdmu bihom.

Dan kollu qiegħed jiġri anki hawn Malta minħabba li issa sirna membri, u jistgħu jixduh dawk kollha li għandhom għajnejhom f'wiċċhom jew li tilfu xogħolhom u ħobżhom li ttieħed mill-ħaddiema barranin ta' l-Unjoni Ewropea.

Aktar 'il quddiem aktar jittieħed jekk ma nqumux waħda sewwa fuq tagħna, nibgħatu lill-Unjoni Ewropea u l-qaddejja tagħha jixxejjru, nerġgħu nieħdu rajna f'idejna u nitilqu mill-Unjoni Ewropea kif għandna kull dritt u setgħa li nagħmlu.

## Karta

**Għal dan l-għan, hu meħtieġ li tiġi msaħħa il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali fid-dawl ta' l-evoluzzjoni tas-soċjeta' l-progress socjali u l-izviluppi xjentifiċi u teknoloġiċi, billi dawk id-drittijiet isiru iktar viżibbli f'Karta.**

**Din il-Karta tafferma mill-ġdid, b'rigward ghall-kompetenzi u l-kompiti ta' l-Unjoni kif ukoll għall-prinċipju ta' sussidjarjeta' id-drittijiet kif jirriżultaw, b'mod partikolari, mit-tradizzjonijiet kostituzzjonali u mill-obbligi internazzjonali komuni għall-Istati Membri, il-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali, il-Karti Soċjali adottati mill-Unjoni u mill-Kunsill ta' l-Ewropa kif ukoll il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea u tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. F'dan il-kuntest il-Karta għandha tkun interpretata mill-qrati ta' l-Unjoni u ta' l-Istati Membri b'rigward xieraq ta' l-ispjegazzjonijiet imħejjija taħt l-awtorita' tal-Praesidium tal-Konvenzjoni li abbozza l-Karta u aġġornati taħt ir-responsabbiltà tal-Praesidium tal-Konvenzjoni Ewropea.**

## Iridu Jqarrqu

Innutaw li qiegħed jingħad li din il-Karta ta' dawn id-drittijiet, jew aħjar jeddijiet, tissemma ukoll il-Konvenzjoni Ewropea għall-ħarsien tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali tal-Kunsill ta' l-Ewropa.

Tajjeb li tkunu tafu li mal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem twaqqaf ukoll Qorti, jiġifieri l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill ta' l-Ewropa li ċ-ċittadini ta' l-Istati Membri ta' din il-Konvenzjoni għandhom jedd imorru quddiemha bħala l-aħħar mezz jekk ikunu nkisru l-jeddijiet tagħhom.

Madankollu, il-paragrafu qiegħed jirreferi għall-Karta ta' l-Unjoni Ewropea u qiegħed jagħti l-kompetenza u l-jedd li tkun il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea stess li tiddeċiedi każi bħal dawn li jaqgħu taħt din il-karta.

Biex wieħed jifhem aħjar nistgħu nieħdu l-eżempju hawn Malta.

Jekk xi ħadd f'Malta jallega li d-drittijiet fundamentali tiegħu kif imħarsa mill-Konvenzjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropa hemm periklu li jinkisru, qegħdin jinkisru jew ġew miksura, dik il-persuna mhux biss għandha jedd għall-rimedju quddiem il-Qrati tagħha, imma għandha jedd ukoll li tibqa' sejra quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem.

Issa, minħabba li l-Unjoni Ewropea għandha l-Karta tagħha dwar dawn il-jeddijiet, dan il-paragrafu fil-Kostituzzjoni qiegħed jagħti l-jedd u s-setgħa li jkunu l-Qrati ta' l-Istati Membri u l-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea li jkollhom jedd li jiddeċiedu dwar każi taħt din il-Karta.

Issa fi mkejjen oħra f'din il-Kostituzzjoni jingħad li l-Unjoni Ewropea tista' tiffirma l-Konvenzjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropa, imma dan ma jfissirx li ċ-ċittadini ta' l-Istati Membri sejrin ikunu jistgħu jieħdu lill-Unjoni Ewropea quddiem il-Qorti tal-Kunsill ta' l-Ewropa, għaliex biex jagħmlu hekk iridu jingħataw dan il-jedd.

Mhux biss, imma l-Unjoni Ewropea sejra tkun tista' tgħid li jekk kien hemm xi jeddijiet fundamentali li nkisru dawn jaqgħu taħt il-provvedimenti tal-Karta tagħha, u għalhekk il-Qorti tagħha stess, jiġifieri ta' l-Unjoni Ewropea għandha l-jedd, is-setgħa u l-kompetenza biex tittratta dak il-każ.

Qegħdin taraw kif l-Unjoni Ewropea qiegħda tidħol fil-qasam tal-jeddijiet fundamentali tal-bniedem biex taqta' barra lill-Qorti tal-Kunsill ta' l-Ewropa biex ma jkollhiex toqgħod għal xi deċiżjoni meħuda kontriha minn Qorti barranija.

Ħaġa oħra li rridu niġbdu l-attenzjoni għaliha hija dwar dak li jingħad dwar l-iżviluppi xjentifiċi u teknoloġiċi. F'hiex jidħlu l-iżviluppi xjentifiċi u teknoloġiċi fil-jeddijiet fundamentali tal-bniedem?

Tgħid biex kif għamlet dwar il-passaporti fejn bi ftehim ma' l-Amerika jkun hemm dettalji elettroniċi fuq il-passaporti, marki tas-swaba u l-għajnejn, u jintbagħtu dettalji dwar kull min ikun sejjer l-Amerika u jingħad li dawn huma minħabba l-iżviluppi xjentifiċi u teknoloġiċi?

Tgħid ikun hemm dokumenti elettroniċi, jiġifieri bħal karti ta' l-identita' li jkollhom id-dettalji kollha dwar kull individwu, bħal ma huma kontijiet bankarji, kondotta tal-pulizija, u kull dettal ieħor taħt l-iskuża ta' l-iżviluppi xjentifiċi u teknoloġiċi, u anki minħabba l-iskuża tat-terroriżmu?

Qegħdin taraw kif daqsxejn ta' kelma mpoġġija f'Artikolu tagħmel differenza kbira li meta taqraha lanqas ma jgħaddilek minn moħħok xi ħsibijiet jista' jkun hemm arajha?

**Responsabbiltajiet u Dmirijiet**

**"It-tgawdija ta' dawn id-drittijiet iġġib magħha responsabbiltajiet u dmirijiet kemm fir-rigward ta' ħaddieħor, kif ukoll fir-rigward tal-Komunità tal-bnedmin u tal-ġenerazzjonijiet futuri.**

**L-Unjoni għaldaqstant tirrikonoxxi d-drittijiet, il-libertajiet u l-prinċipji elenkati hawn taħt.**

Qabel ngħaddu biex naraw il-jeddijiet fundamentali li jinsabu fl-Artikoli li jmiss, innutaw li jingħad li t-tgawdija ta' dawn id-drittijiet iġġib magħha risponsabbiltajiet u dmirijiet fir-rigward ta' ħaddieħor, imma mkien ma jingħad x'inhuma dawn ir-risponsabbiltajiet u dmirijiet.

Waqt li jedd jew dritt iġib miegħu d-dmir li tirrispetta dak l-istess jedd ta' persuni oħra, il-fatt li ma jingħadx x'inhuma r-risponsabbiltajiet u dmirijiet qiegħed isir apposta biex aktar 'il quddiem, l-Unjoni Ewropea permezz ta' l-istituzzjonijiet tagħha tkun tista' tgħabbi liċ-ċittadini ta' l-Istati Membri bi dmirijiet u b'risponsabbiltajiet li tgħid li joħorġu mit-tgawdija ta' dawn id-drittijiet.

Dawn huma affarijiet b'implikazzjonijiet serji ħafna u l-Unjoni Ewropea sejra tkun tista' tieħu dawk il-passi kollha li jkun jidrilhom il-mexxejja federalisti mhux maħtura tagħha u jimponuhom fuq iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri.

Jekk wieħed jara l-Artikoli li jmiss isib li dawn il-jeddijiet fundamentali kollha jinsabu jew fil-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali tal-Kunsill ta' l-Ewropa jew f'xi konvenzjoni oħra, kif ukoll f'kostituzzjonijiet bħal ma hija l-Kostituzzjoni ta' Malta. Barra minn hekk, huma ċari biżżejjed mingħajr ma hemm ħtieġa li jiġu mfissra wieħed wieħed.

Għaldaqstant, m'aħniex sejrin noqgħodu nikkummentaw fuqhom wieħed wieħed, sakemm ma nħossux il-ħtieġa li nagħmlu hekk jew biex infissru xi ħaġa.

**TITOLU I**
**DINJITÀ**

**ARTIKOLU II-61**
**Dinjita' umana**

**Id-dinjita' umana hija invjolabbli. Għandha tkun rispettata u protetta.**

**<u>Aħna Nistaqsu</u>**

Aħna nistaqsu jekk id-dinjita' umana tiġix rispettata u mħarsa, għaliex bil-Malti hekk ngħidu u mhux protetta, meta hemm faqar taqtgħu b'sikkina f'ħafna Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea.

Aħna nistaqsu jekk id-dinjita' umana tiġix rispettata u mħarsa meta wieħed jara eluf ta' nies mingħajr saqaf fuq rashom u jkollhom jorqdu fit-toroq fuq xi kartuna.

Aħna nistaqsu jekk id-dinjita' umana tiġix rispettata u mħarsa meta wieħed jara nies b'diżabilita' jittallbu fit-toroq anki tal-bliet kapitali ta' l-Istati Membri.

Aħna nistaqsu jekk id-dinjita' umana tiġix rispettata u mħarsa meta' skond kif riedet tagħmel l-Unjoni Ewropea permezz tal-***Corpus Juris*** li ġiet infissra bħala liġi kriminali embrijonika persuna tista' tiġi arrestata u tinżamm għal sitt xhur li jiġġeddu bi tliet xhur mingħajr ma titressaqa quddiem il-Qorti u tiġi akkużata.

Hemm ħafna aktar x'irridu nistaqsu, imma tant hemm li nkunu rridu enċiklopedija sħiħa u mhux ktieb biss.

**ARTIKOLU II-62**
**Dritt għall-ħajja**

**1. Kulħadd għandu d-dritt għall-ħajja.**

**2. Ħadd m'għandu jiġi kkundannat għall-piena tal-mewt, jew li titneħħielu ħajtu.**

**<u>Ipokrezija ta' l-Unjoni</u>**

Dak li jingħad f'dan l-Artikolu aħna nsejħulu ipokrezija ta' l-Unjoni. Dan għaliex waqt li jingħad li kulħadd għandu dritt għall-ħajja, insibu li mhux biss hemm l-abort fil-maġġoranza assoluta ta' l-Istati Membri, imma l-Unjoni Ewropea ma għamlet xejn biex jitneħħa.

Mhux biss, imma l-Unjoni Ewropea tmexxi 'l quddiem l-abort bħala soluzzjoni biex jiċċekknu l-familji fil-pajjiżi tat-tielet dinja.

Huwa għalhekk li sejjaħna dak li jingħad f'dan l-Artikolu bħala ipokrezija ta' l-Unjoni.

Dwar it-tieni parti naqblu mija fil-mija, għaliex kien hemm ħafna każi li persuna ġiet ikkundannata għal-mewt minħabba li tinstab ħatja u wara li tinqatel jinstab li kienet mingħajr ħtija.

Madankollu, anki f'din naraw ipokrezija grassa ta' l-Unjoni, għaliex waqt li jingħad li ħadd m'għandu jiġi kkundannat għall-mewt jew li titneħħilu ħajtu, naraw il-fabbriki ta' l-armamenti ta' l-Istati Membri jbiegħu eluf ta' miljuni ta' liri u ewros armamenti u bombi kull sena biex jintużaw fi gwerer fejn jinqatlu anki ħafna nies ċivili.

Tista' l-Unjoni Ewropea u l-mexxejja tagħha jkunu ipokriti aktar minn hekk?

## ARTIKOLU II-63
## Dritt ghall-integrita' tal-persuna

**1. Kull persuna għandha d-dritt għar-rispett ta' l-integrita' fiżika u mentali proprja.**

**2. Fl-oqsma tal-mediċina u tal-bijologija, dawn li ġejjin għandhom jiġu rispettati b'mod partikolari:**

**a) il-kunsens liberu u infurmat tal-persuna interessata, skond il-proċeduri stabbiliti mil-liġi;**

**b) il-projbizzjoni ta' prattiċi ewġeniċi, partikolarment dawk li jimmiraw għas-selezzjoni ta' persuni;**

**ċ) il-projbizzjoni li l-ġisem uman u l-partijiet tiegħu bħala tali jintużaw bħala mezz ta' gwadann finanzjarju;**

**d) il-projbizzjoni ta' klonaġġ riproduttiv tal-bnedmin.**

### <u>Tifsir u Kummenti</u>

Tajjeb li hawnhekk infissru xi kliem li jintużaw f'dawn il-paragrafi. Dawn huma l-kelma "**ewġeniċi**", bl-ilsien Ingliż "**eugenics**", u l-kelma "**klonaġġ**" li fl-ilsien Malti jista' jingħad li huma kliem ġodda.

Il-kelma "**ewġeniċi**" tfisser dik ix-xjenza li twassal għall-produzzjoni u għat-twelid ta' l-ulied bil-għan li ttejjeb il-ġenetika tal-bniedem.

Fi kliem ieħor, ix-xjenza li biha jsir logħob bil-ġenetika u għażla ta' l-ulied biex ikollhom karatteristiċi partikolari jew ma jkollhomx xi difetti li ma jkunux mixtieqa.

Dan ma huwa xejn ħlief logħob bin-natura li barra li m'hijiex etika għaliex l-esperimenti jkunu qegħdin isiru bi bnedmin, jistgħu jħallu effetti mhux mixtieqa fuq il-persuni li jistgħu jitwieldu jew ma jitħallewx jitwieldu minn dawn l-esperimenti.

Il-kelma **klonaġġ** tfisser l-esperimenti li jsiru biex bihom titwieled persuna oħra li tkun eżatt bħal xi persuna oħra. F'dan il-każ, naħsbu li l-kelma "**ikkuppjar**" kienet

toqgħod aktar. Biex nieħdu eżempju, kulħadd jiftakar bl-esperimenti fejn fihom ix-xjentisti rnexxilhom li jwelldu nagħaġa li semmewha "Dolly".

Dawn l-esperimenti li s'issa jidher li saru biss bl-annimali, għalkemm kien hemm min qal li esperimentaw ukoll bin-nies, isiru billi jittieħdu ċelluli mill-annimal li jkunu qegħdin jesperimentaw bih, u wara trattamenti speċjali jibdew jiffurmaw l-ewwel ċelloli ta' l-annimal li jitpoġġa fil-ġuf ta' l-annimal omm biex tkompli bit-tqala normali tagħha.

Għaldaqstant ma jkunx hemm il-ħtieġa li jkun hemm l-att normali bejn l-annimali jew bnedmin biex ikun hemm wild. L-annimal li jitwieled ikun eżatt bħal dak li jkunu ttieħdu ċ-ċelluli mingħandu.

Dwar subinċiż (**ċ**), huwa tajjeb li dawn l-affarijiet ma jitħallewx isiru, għaliex hemm min biex jgħix ikollu jbigħ parti minn ġismu, bħal ngħidu aħna parti mill-fwied, kilwa, jew xi organi ieħor. Li dan jagħmlu b'att ta' karita' m'hemm xejn ħażin, imma li jkollu jagħmel hekk biex ikollu biex jgħix huwa ta' min jistmerru.

Barra minn hekk, instemgħu ħafna stejjer dwar kif tfal jinsterqu u jinqatlu biex l-organi tagħhom jinbiegħu lil min huwa sinjur u jkun jeħtieġ xi organi għaliex ikun marid. Dan ma huwa xejn ħlief qtil ta' l-innoċenti.

Għaldaqstant, waqt li ma naqblux mal-Kostituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea għaliex iġġib lill-Kostituzzjoni ta' Malta ma tiswiex ħaqq il-karta li hija miktuba fuqha, naqblu mal-projbizzjonijiet li fih dan l-Artikolu, għalkemm bl-ebda mod ma nafdaw lill-Unjoni Ewropea speċjalment fejn jidħlu l-esperimenti fuq il-bniedmin bħal ma huma ċelloli u embrijuni.

Tant ma nafdawx lill-Unjoni Ewropea, jew aħjar il-mexxejja tagħha, li ma niskantaw b'xejn jekk jgħaddi ftit taż-żmien u jaraw kif isibu mezz biex jagħmlu l-kontra ta' dak kollu li jingħad hawnhekk.

Iż-żmien għad jagħtina parir kemm ghandna raġun kif dejjem kellna s'issa.

**ARTIKOLU II-64**
**Projbizzjoni ta' tortura jew pieni jew trattamenti inumani jew degradanti**

**Ħadd m'għandu jkun assoġġettat għal tortura jew għal trattament jew piena inumani jew degradanti.**

**<u>Aktar Ipokrezija</u>**

Hawnhekk naraw aktar ipokrezija mill-mexxejja ta' l-Unjoni Ewropea, għaliex waqt li hawnhekk qegħdin jgħidu li ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal tortura jew għal trattament jew piena inumani jew degradanti, niftakru fil-famuża liġi kriminali ta' l-Unjoni Ewropea il-***Corpus Juris***.

Aħna nistaqsu jekk li żżomm persuna arrestata għal sitt xhur u terġa' ġġedded l-arrest bi tliet xhur huwiex trattament inuman u degradanti.

Aħna nistaqsu jekk li tispjuna fuq iċ-ċittadini billi tissemma t-telefonati tagħhom, taqralhom l'e-mails tagħhom, taralhonm il-faxes u tuża mezzi oħra ta' spjunaġġ fuqhom huwiex trattament inuman u degradanti għaliex tkun tqishom bħala kriminali.

Aħna nistaqsu jekk il-fatt li ma tridx li jkun hemm sistema tal-Ġuri imma kollox jiġi deċiż minn Imħallfin huwiex trattament inuman u degradanti.

Dawn kollha jinsabu fil-liġi kriminali famuża ***Corpus Juris***, imma hemm ħafna aktar minn hekk.

Forsi xi darba jkollna ċans li nittrattawha ħalli l-poplu Malti kollu jkun jaf kemm għandhom għal qalbhom il-libertajiet li tant iħobbu jsemmu l-mexxejja at' l-Unjoni Ewropea.

**ARTIKOLU II-65**
**Projbizzjoni ta' skjavitu' u ta' xogħol forzat**

**1. Ħadd m'għandu jinżamm fi skjavitu' jew f'servitu'.**

**2. Ħadd m'għandu jiġi mġiegħel jagħmel xogħol forzat jew obbligatorju.**

**3. It-traffikar tal-bnedmin huwa projbit.**

**<u>Tortura u Jasar</u>**

Hawnhekk tajjeb li nfakkru li minkejja li ninsabu fit-tielet millennju, xorta waħda għadha ssir it-tortura, anki minn nies u pajjiżi li suppost għandhom għal qalbhom id-drittijiet fundamentali tal-bniedem kif sar ġewwa l-Iraq u f'pajjiżi oħra.

Anki l-affarijiet li jissemew fl-Artikolu II-65 għadhom isiru minkejja li suppost ilhom li spiċċaw, għaliex hemm irġiel, nisa u tfal li huma marbuta ma' sid u jridu jaħdmu għalih bilfors.

Dwar traffikar tal-bnedmin kulħadd jaf kif il-klandestini qegħdin jiġu traffikati. Din mhux biss hija prattika ta' min jistmerra, imma qegħda twassal għal problemi kbar fl-Istati kollha fejn qegħdin jispiċċaw il-klandestini.

## TITOLU II
## LIBERTAJIET

### ARTIKOLU II-66
### Dritt għal-liberta' u għas-sigurtà

**Kull persuna għandha d-dritt għal-liberta' u għas-sigurta'**

**<u>Mandat ta' Arrest Ewropew</u>**

L-aktar bil-mandat ta' arrest Ewropew fejn persuna tintbagħat fi Stat Membru ieħor mingħajr ma jsiru l-proċeduri ta' estradizzjoni li normalment isiru biex persuna li jkun hemm mandat ta' arrest għaliha f'xi pajjiż ieħor jiġi deċiż jekk għandhiex tintbagħat jew le.

### ARTIKOLU II-67
### Rispett għall-ħajja privata u tal-familja

**Kull persuna għandha d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja tagħha, ta' darha u tal-kommunikazzjonijiet tagħha.**

**<u>Spjunaġġ fuq iċ-Ċittadini</u>**

Infakkru li minkejja dak li qiegħed jingħad f'dan l-Artikolu, iċ-ċittadini f'ħafna Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea jinsabu suġġetti li dak li jgħidu fuq it-telefon, dak kollu li jaraw jew jibgħatu fuq l-internet u kull mezz ta' komunikazzjoni jkunu qegħdin jissemmulhom l-awtoritajiet ta' spjunaġġ u kontro spjunaġġ.

Anzi l-Unjoni Ewropea stess tordna li jsiru dawn l-affarijiet bl-iskuża tat-terroriżmu u minħabba l-biża li għandha li ċ-ċittadini ta' l-Istati Membri tant huma mdejjqin biha li jkunu qegħdin jippjanaw xi ħaġa kontra tagħha.

Dan ifisser ukoll li anki f'Malta ninsabu taħt l-ispjunaġġ mill-awtoritajiet ta' l-Istat biex jobdu dak kollu ordnat mill-Unjoni Ewropea, u l-awtoritajiet jistgħu jkunu qegħdin jissemmgħu fuq it-telefonati tagħna kif ukoll il-mezzi kollha tal-komunikazzjoni.

Għalhekk din għandha sservi ta' twissija għaċ-ċittadini Maltin biex joqgħodu attenti x'jgħidu fuq it-telefon u x'jiktbu fl'e-mails u l-faxes tagħhom għaliex hemm min qiegħed jssemma u jaqralkom kollox fuq l-ordnijiet ta' l-Unjoni Ewropea

Din hija l-Unjoni Ewropea li daħħluna fiha dawk il-**ĠUDIET** li rnexxilhom iqarrqu biċ-ċittadini Maltin u Għawdxin li belgħu l-lixka tagħhom u l-**QUISLINGS** li jmexxu skond l-ordnijiet tal-barrani ta' l-Unjoni Ewropea, sakemm nerġgħu nitilqu u nieħdu rajna f'idejna minn taħt il-ħakkiem barrani ta' l-Unjoni Ewropea kif għandna kull jedd u setgħa li nagħmlu.

Qum fuq tiegħek poplu Malti u erġa' aħtaf pajjiżek taħt idejk, ħu **l-Indipendenza, il-Ħelsien u s-Sovranita'** mill-ġdid minn taħt il-ħakma kolonjali ta' l-Unjoni Ewropea, u ibgħat lill-barrani jixxejjer bl-ordnijiet tiegħu kif għandek kull jedd u setgħa li tagħmel.

## ARTIKOLU II-68
## Protezzjoni ta' data personali

**1. Kull persuna għandha d-dritt għall-protezzjoni ta' data personali li tirrigwardaha.**

**2. Din id-data għandha tiġi trattata b'mod ġust għal skopijiet determinati u fuq bażi tal-kunsens tal-persuna konċernata jew fuq bażi oħra leġittima stabbilita mil-liġi. Kull persuna għandha d-dritt ta' aċċess għal data miġbura li għandha x'taqsam magħha u d-dritt li tirrettifikaha.**

**3. L-osservanza ta' dawn ir-regoli għandha titqiegħed taħt il-kontroll ta' awtorita' indipendenti.**

**<u>Il-Qerq ta' l-Unjoni Ewropea</u>**

Araw il-qerq ta' l-Unjoni Ewropea. Hawnhekk qiegħda tgħid li kulħadd għandu dritt għall-ħarsien ta' l-informazzjoni li xi ħadd ikollu dwaru, imma fl-istess ħin hija ftehmet ma' l-Istati Uniti ta' l-Amerika li tibgħatilha l-informazzjoni li jkollha fuq kull ċittadin minn kull Stat Membru li jkun sejjer l-Amerika.

Anki l-fatt li qiegħed jingħad li l-ħarsien ta' dawn ir-regoli għandu jitqiegħed taħt il-kontroll ta' awtorita' indipendenti ma jfisser xejn, għaliex xorta waħda qatt ma jista' jkun hemm kontroll assolut fuq l-informazzjoni miġbura.

Hawnhekk tajjeb li nfakkru li minkejja li l-Parlament Ewropew ma riedx li d-dettalji dwar dawk li jkunu sejrin lejn l-Amerika jingħataw, il-Kummissjoni xorta waħda ftehmet ma' l-Amerika.

Dan juri anki kemm għandu saħħa l-Parlament Ewropew, għaliex ġie njorat mill-Kummissjoni. Issa l-Parlament Ewropew kellu jara jieħux lill-Kummissjoni quddiem il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea, imma tinsewx x'rajna aktar qabel li anki l-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea trid taħdem mal-Kummissjoni.

Barra minn hekk, għalfejn l-Unjoni Ewropea trid tiġbor l-informazzjoni fuq iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri?

Qabel kienu jgħidu għall-Unjoni Sovjetika u l-pajjiżi kommunisti li kienu jispjunaw fuq iċ-ċittadini tagħhom, imma l-Unjoni Ewropea hija agħar minnhom għaliex mhux biss tiġbor l-informazzjoni fuq iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri, imma tispjuna fuqhom billi tissemmalhom it-telefonati u l-mezzi ta' komunikazzjoni tagħhom, waqt li l-informazzjoni fuqhom tibgħata wkoll lil ħaddieħor.

Qegħdin taraw kif fl-Unjoni Ewropea jsaltnu l-qerq u l-ipokrezija, u kif jgħid il-qawl Malti li "**bejn kliem u fatti hemm baħar jikkumbatti**"?

**ARTIKOLU II-69**
**Dritt għaż-żwieġ u dritt għat-twaqqif ta' familja**

**Id-dritt għaż-żwieġ u d-dritt għat-twaqqif ta' familja huma garantiti skond il-liġijiet nazzjonali li jirregolaw l-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet.**

**Mistoqsijiet Kbar**

Hawnhekk għandna Artikolu nteressanti fejn jingħad li d-dritt taż-żwieġ u għat-twaqqif ta' familja huma garantiti skond il-liġijiet nazzjonali li jirregolaw l-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet. Dan iqajjem mistoqsijiet kbar u interessanti li tajjeb li nistaqsuhom.

X'jiġri jekk koppja rġiel jew koppja nisa jiżżewwġu f'xi Stat Membru li jagħraf dan iż-żwieġ u jagħtihom ukoll il-jedd li jadottaw it-tfal, imbagħad imorru fi Stat Membru ieħor li ma jkunx jagħraf dak iż-żwieġ u dak il-jedd?

X'jiġri jekk dik il-koppja jiġu hawn Malta u japplikaw għal servizzi soċjali bħala koppja, u bħala eżempju nsemmu ċ-"***children allowance***", u ma jingħatawx dawn is-servizzi għaliex jingħad li f'Malta dan iż-żwieġ jew dik l-adozzjoni m'humiex magħrufa mil-liġi?

X'jiġri jekk Malta jew dak l-Istat Membru fejn ikunu marru jittieħed quddiem il-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea u jiġi akkużat li qiegħed jikser jedd li tahom Stat Membru ieħor legalment?

Tinsewx li għalkemm dan l-Artikolu jgħid li l-jedd għaż-żwieġ u għat-twaqqif ta' familja huma garantiti u regolati mil-liġijiet nazzjonali, jiġifieri ta' l-Istati Membri, niftakru li waqt li skond il-liġi Maltija m'għandniex divorzju, xorta waħda tagħraf divorzju li jkun ingħata f'xi pajjiż ieħor.

Tgħid għad naraw il-liġi Maltija mibdula biex waqt li koppji bħal dawn jibqgħu ma jkunux jistgħu jiżżewwġu u jadottaw tfal hawn Malta, żwieġ bejn dawn il-koppji magħmul fi Stat Membru ieħor jkun magħruf hawn Malta bħal fil-każ tad-divorzju?

Tgħid għad naraw il-liġi Maltija mibdula biex koppji bħal dawn ikunu jistgħu jiżżewwġu u jadottaw tfal hawn Malta?

Bl-ebda mod ma qegħdin ngħidu kontra dawn iż-żwieġijiet jew li għandu jsir hekk jew ma jsirx hekk, imma qegħdin inpoġġu quddiem kulħadd mistoqsijiet dwar affarijiet li jistgħu jqumu u jiġru fil-prattika u li jista' jkollhom riperkussjonijiet serji fuq il-liġijiet, il-kultura u l-finanzi tal-pajjiż.

Huwa għalhekk li dejjem għedna li trid toqgħod attent għal kull kelma li tingħad jew li ma tingħadx apposta, għaliex dan isir biex l-Unjoni Ewropea jkollha minn fejn toħroġ u tiddeċiedi skond ma jkun jaqblilha meta tqum xi kwistjoni.

**ARTIKOLU II-70**
**Liberta' tal-ħsieb, kuxjenza u reliġjon**

**1. Kull persuna għandha d-dritt għal-liberta' tal-ħsieb, kuxjenza u reliġjon. Dan id-dritt jimplika l-liberta' li wieħed ibiddel ir-reliġjon jew it-twemmin tiegħu, kif ukoll il-liberta' li juri r-reliġjon jew it-twemmin tiegħu, waħdu jew ma' oħrajn, fil-pubbliku kif ukoll fil-privat, fil-qima, fit-tagħlim, fil-prattika u fl-osservanza tar-riti.**

**2. Id-dritt għall-oġġezzjoni ta' kuxjenza hu rikonoxxut, skond il-liġijiet nazzjonali li jirregolaw l-eżerċizzju ta' dan id-dritt.**

<u>**Aktar Mistoqsijiet Kbar**</u>

X'jiġri jekk xi ħadd minħabba l-ewwel subartikolu jgħid li r-reliġjon tiegħu tħallih li jiżżewweġ aktar minn mara waħda jew raġel wieħed kif hemm f'xi nħawi tad-dinja u jgħid li l-fatt li għandu jedd li jimmanifesta fil-prattika r-reliġjon tiegħu skond il-Kostituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea jfisser li huwa jista' jiżżewweġ iktar minn mara jew raġel ieħor bħala manifestazzjoni tar-reliġjon tiegħu?

Tinsewx li għalkemm jista' jingħad li ż-żwiġijiet huma regolati mil-liġijiet ta' l-Istati Membri, hawnhekk ma jingħadx li dawn l-affarijiet huma regolati mil-liġijiet nazzjonali, u tista' tqum kwistjoni jekk jaqgħux taħt dan l-Artikolu dwar ir-Reliġjon jew l-Artikolu dwar iż-żwieġ.

X'jiġri jekk ikun hemm xi ħadd li jkun membru ta' knisja li tadura lix-xitan u jkun irid jibni knisja f'Malta biex membri ta' dik il-knisja jkunu jistgħu jimmanifestaw it-twemmin tagħhom kollettivament, fil-pubbliku, u bil-mod kif ikompli jingħad fl-ewwel subartikolu?

X'jiġri jekk kull reliġjon tkun trid twaqqaf il-knisja tagħha f'Malta u dik ir-reliġjon tkun kontra t-tagħlim nisrani, u minkejja dan il-Gvern Malti jkollu jagħtiha dan il-permess bilfors għaliex dan huwa jedd mogħti lilha bil-Kostituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea?

Tinsewx li dawn huma jeddijiet mogħtija mill-Kostituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea li sejra tkun aqwa minn kull liġi nazzjonali u anki mill-Kostituzzjoni ta' l-Istati Membri, u għaldaqstant l-ebda Stat Membru ma jkun jista' ma jimxix skond il-Kostituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea minkejja dak li jistgħu jkunu jgħidu l-liġijiet u l-Kostituzzjoni tiegħu.

Id-dritt, jew aħjar jedd ta' oġġezzjoni ta' kuxjenza msemmi fit-tieni subartiklu huwa dak il-jedd li fejn hemm il-lieva, persuna tkun tista' toġġezzjoni li skond il-kuxjenza tagħha ma tħossx li għandha tmur titħarreġ biex tiġġieled u toqtol lil ħaddieħor. Minflok, hija tagħti xi servizz ieħor lill-Istat jew komunita' li tkun fiha.

Innutaw id-differenza bejn iż-żewġ subartikoli. Dak li jingħad fit-tieni subartikolu jingħad li huwa regolat mil-liġijiet nazzjonali, imma ma jingħadx l-istess għall-ewwel subartikolu dwar ir-reliġjon. Anzi aħna ċerti li f'dan il-każ tgħodd il-Kostituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea u mhux il-liġijiet ta' l-Istati Membri. Qegħdin taraw għalfejn għamilna dawk il-mistoqsijiet?

## ARTIKOLU II-71
## Liberta' ta' l-espressjoni u ta' informazzjoni

**1. Kull persuna għandha d-dritt għal-liberta' ta' l-espressjoni. Dan id-dritt jinkludi l-liberta' ta' opinjoni u l-liberta' li tirċievi jew tagħti informazzjonijiet u ideat mingħajr indħil mill-awtorità pubblika u indipendentement mill-fruntieri.**

**2. Il-liberta' u l-pluralizmu tal-mezzi tal-komunikazzjoni għandhom ikunu rispettati.**

### L-Eżempju ta' l-Awstrija

Innutaw li waqt li fl-ewwel subartikolu qiegħed jingħad ħafna kliem dwar il-liberta' li wieħed għandu, niftakru dak li ġara fl-Awstrija li wara li l-poplu Awstrijak tella partit partikolari, l-Unjoni Ewropea għamlitlu bojkott minħabba li ma kinitx taqbel ma dak il-partit jew il-prinċipji tiegħu.

Għalkemm wieħed jista' ma jaqbilx ma dak il-partit jew l-ideoloġija tiegħu, kif tista' tgħid u tiftaħar li wieħed għandu dawk il-libertajiet, imbagħad wara li l-poplu jkun qabel magħhom ma tħalliħx jieħu sehem fil-gvern ta' dak il-pajjiż?

Infakkru ukoll fis-smiegħ tat-telefonati taċ-ċittadini ta' l-Istati Membri u dwar dak kollu li jaraw u jiktbu fuq l-internet, u hafna affarijiet bħal dawn.

Kif jista' jkollok il-liberta' jew ħelsien li inti tirċievi u tikkomunika l-informazzjoni u l-ideat mingħajr indħil mill-awtoritajiet pubbliċi jekk l-Unjoni Ewropea stess tordna li jsiru dawn l-affarijiet u spjunaġġ fuq iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri, inklużi aħna, fuqna, hawn Malta?

## ARTIKOLU II-72
## Liberta' ta' assemblea u ta' assoċjazzjoni

**1. Kull persuna għandha d-dritt għal-liberta' li titlaqqa' paċifikament u għal-liberta' ta' assoċjazzjoni ma' oħrajn f'kull livell, b'mod partikolari f'materji politiċi, ta' sindakali, u ċiviċi, li jimplika d-dritt ta' kull persuna li tifforma u tidħol f'sindakali għall-protezzjoni ta' l-interessi tagħha.**

**2. Il-partiti politiċi f'livell ta' l-Unjoni jikkontribwixxu għall-espressjoni tal-volonta' politika taċ-ċittadini ta' l-Unjoni.**

### Għaqdiet

L-ewwel ma rridu ngħidu li bil-Malti ma ngħidux **sindakali**, imma **għaqdiet tal-ħaddiema**, jew biex jifhem kulħadd it-"***Trade Unions***". Imma jekk it-tradutturi ma jippruvawx jimpressjonaw ma jkunux huma.

Dan l-Artikolu ma qiegħed jgħid xejn ġdid li ma kienx diġa' jeżisti f'Malta. Għaldaqstant, il-kummenti li għamilna dwar Artikoli oħra jgħoddu wkoll għal dan l-Artikolu.

Madankolli ma nistgħux ma ninnutawx li kif għedna dwar Artikoli oħra, dan l-Artikolu ma jgħidx ċittadini ta' l-Istati Membri, imma jsejħilhom ċittadini ta' l-Unjoni.

Infakkru li dan ifisser li la l-Unjoni Ewropea qiegħda tagħti ċ-ċittadinanza tagħha hija saret Stat, f'dan il-każ Stat federali, għaliex huwa biss Stat li jagħti ċ-ċittadinanza tiegħu.

La hija Stat federali jfisser li l-Istati Membri jkollhom joqgħodu għal dak kollu li tiddeċieda hija u ma jistgħu jagħmlu xejn ħlief jobdu kollox flimkien maċ-ċittadini tagħhom.

Għandna raġun ngħidu li dan huwa forma ta' kolonjaliżmu ġdid li għandna jedd u setgħa li nitilqu minnu meta rridu għaliex huwa jedd u setgħa ta' kull poplu, anki skond il-Ġnus Magħquda, li jeħilsu mill-kolonjaliżmu u jieħdu **l-Indipendenza, il-Ħelsien u s-Sovranita'** tagħhom.

Dan barra li kif dejjem għedna, l-Unjoni Ewropea serqet lil Malta mill-Indipendenza, il-Ħelsien u s-Sovranita' tagħha bil-qerq, gideb u dak kollu li għedna fid-Dikjarazzjoni Solenni tagħna u għalhekk it-Trattat tas-Sħubija huwa null u bla effett.

## ARTIKOLU II-73
## Liberta' ta' l-arti u x-xjenzi

**L-arti u r-riċerka xjentifika huma liberi. Il-liberta' akkademika għandha tiġi rispettata.**

**<u>Kummenti</u>**

Huwa tajjeb li jingħad li l-liberta' akkademika għandha tiġi rispettata, imam aħna nistaqsu.

Jista' jkollok liberta' akkademika jekk ikollok biss Universitajiet bil-ħlas minflok ma jkunu b'xejn kif huma hawn Malta u ma tkunx tista' tħallas?

U jekk ikollok tagħti t-tagħlim b'xejn lil kull ċittadin ta' kull Stat Membru li japplika fl-Universita' ta' Malta għax it-tagħlim huwa b'xejn u ma tistax tagħmel diskriminazzjoni magħhom, dan ma jfissirx li se jkun hemm spejjeż enormi li l-poplu Malti ma jkunx jiflaħ iġorrhom?

U jekk ma jkunx jiflaħ iġorr l-ispejjeż ma jfissirx li l-Universita jkollha ssir bil-ħlas u b'hekk ikun hemm diffikulta għal min ma jkunx jista' jħallas?

Qed taraw kemm effetti jista' jkun hemm b'sempliċi Artikolu ta' ftit kliem jekk wieħed joqgħod jaħseb ftit?

## ARTIKOLU II-74
## Dritt għall-edukazzjoni

**1. Kull persuna għandha d-dritt għall-edukazzjoni u li jkollha aċċess għall-formazzjoni professjonali u kontinwa.**

**2. Dan id-dritt jinkludi l-possibilita' li wieħed jirċievi edukazzjoni obbligatorja bla ħlas.**

**3. Il-liberta' li jiġu mwaqqfa stabbilimenti ta' tagħlim b'rispett għall-prinċipji demokratiċi kif ukoll id-dritt tal-ġenituri li jiżguraw l-edukazzjoni u t-tagħlim tat-tfal tagħhom, skond it-twemmin reliġjuż, filosofiku u pedagoġiku għandhom jiġu rispettati, skond il-liġijiet nazzjonali li jirregolaw l-eżerċizzju ta' din il-liberta' u ta' dan id-dritt.**

**<u>Aktar Piżijiet fuq il-Poplu Malti</u>**

Tajjeb li jingħad li skond ir-regolamenti ta' l-Unjoni Ewropea, mhux biss kull min ikun mar joqgħod f'xi Stat Membru ieħor u jkollu t-tfal iridu jingħataw it-tagħlim b'xejn fl-ilsien tiegħu, imma anki fil-kultura tagħhom.

Dan ifisser li jekk f'Malta jiġu Franċiżi, Finlandiżi, Ġermaniżi u ċittadini minn Stati Membri oħra, il-Gvern Malti, jew aħjar aħna mit-taxxi tagħhna, irridu nipprovdulhom tagħlim fl-ilsien u l-kultura tagħhom.

Jekk ma jkollniex għalliema rridu nġibu minn barra spejjeż tagħna biex dan it-tagħlim jieħduh għaliex għandhom jedd għalih skond ir-regolamenti ta' l-Unjoni Ewropea.

Ara dawn l-affarijiet ħadd qatt ma qalhom liċ-ċittadini Maltin qabel ir-referendum u l-elezzjoni għaliex ma kienx jaqbel li jkunu jafuhom.

Issa lestu ruħkom biex tkomplu tħallsu aktar taxxi biex ulied il-barrani ta' l-Unjoni Ewropea li jiġu oqgħodu hawn Malta jingħataw it-tagħlim fl-ilsien u l-kultura tagħhom għaliex hekk jordna l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea sakemm nibqgħu taħt il-ħakma kolonjali tiegħu.

## ARTIKOLU II-75
## Liberta' ta' l-għażla tal-mestjier u d-dritt għax-xogħol

**1. Kull persuna għandha d-dritt li taħdem u li twettaq xogħol magħżul jew aċċettat liberament.**

**2. Kull ċittadin ta' l-Unjoni għandu d-dritt li jfittex impjieg, li jaħdem, li jeżerċita d-dritt ta' stabbiliment u li jagħti servizzi f'kull Stat Membru.**

**3. Ċittadini ta' pajjiżi terżi li huma awtorizzati li jaħdmu fit-territorji ta' l-Istati Membri huma intitolati għall-kondizzjonijiet ta' xogħol ekwivalenti għal dawk li jgawdu ċ-ċittadini ta' l-Unjoni.**

**L-Ewwel irid ikun hemm ix-Xogħol**

Dan l-Artikolu mhux biss qiegħed jagħti jedd għax-xogħol f'kull Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea liċ-ċittadini ta' l-Istati Membri tagħha, imma jagħti wkoll l-istess jedd lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma ntitolati li jaħdmu f'xi Stat Membru l-istess jeddijiet biex jaħdmu f'kull Stat Membru ieħor.

Dan ifisser li ċ-ċittadini Maltin mhux biss sejrin isibu u diġa' qegħdin isibu ħaddiema minn Stati Membri oħra ta' l-Unjoni Ewropea li qegħdin jeħdulhom xogħolhom u ħobżhom, imma sejrin isibu wkoll nies minn pajjiżi oħra li m'humiex membri at' l-Unjoni Ewropea imma li għandhom jedd jaħdmu fi Stati Membri oħra li sejrin u qegħdin jiġu hawn Malta jeħdulhom xogħolhom ukoll.

Huwa għalhekk li fi Stati Membri oħra sikwit jinstemgħu aħbarijiet dwar inkwiet razzjali, għaliex ħadd ma jkun irid li f'pajjiżu jiġu l-barranin jeħdulu xogħolu, ħobżu u ħobż il-familja tiegħu, speċjalment meta huwa jitkeċċa għaliex il-ħaddiema barranin jaċċettaw pagi u kundizzjonijiet tax-xogħol ħafna agħar milli jkun jista' jaċċetta huwa.

B'hekk, mhux biss ikunu qegħdin jitfarrku l-pagi u l-kundizzjonijiet tax-xogħol li bi tbatijiet, sagrifiċċji u ġlied kbir il-ħaddiema ta' dak il-pajjiż ikunu kisbu, imma xogħolhom u ħobżhom ikun ittieħed mill-barranin f'arthom stess.

Innutaw ukoll li kull ċittadin jista' jeżerċita d-dritt ta' stabbiliment, jiġifieri jistabilixxu ruħu fi Stat Membru ieħor u jagħti s-servizzi tiegħu f'kull Stat Membru.

Fi kliem ieħor, iħaddem lilu nnifsu f'kull Stat Membru. B'hekk, anki dawk li jħaddmu lilhom infushom, jiġifieri self-employed, huma mhedda mis-sħubija ta' l–Unjoni Ewropea.

Mhux ta' b'xejn hemm dik il-mibgħeda razzjali kollha fl-Unjoni Ewropea u mhux ta' b'xejn li hemm ħafna jsostnu li l-Unjoni Ewropea m'għandhiex ħajja twila qabel tqum xi rivoluzzjoni kontra l-ħakkiema ta' Brussell u l-barranin fl-Istati Membri.

## ARTIKOLU II-76
## Liberta' ta' intrapriża

**Il-liberta' ta' intrapriża skond id-dritt ta' l-Unjoni u l-liġijiet u l-prattiċi nazzjonali hija rikonoxxuta.**

**Skond id-Dritt ta' l-Unjoni**

Innutaw li l-liberta' ta' intrapriża mhux biss tingħaraf mil-liġijiet u prattiċi nazzjonali, imma wkoll skond id-dritt, jew aħjar jedd, ta' l-Unjoni.

Dan ifisser li jekk l-Unjoni Ewropea tagħti xi jedd li l-liġijiet nazzjonali ma jkunux jagħtuh, tkun tgħodd il-liġi ta' l-Unjoni Ewropea u mhux il-liġi ta' l-Istati Membri.

Qegħdind taraw kemm jibqgħu **Indipendenti, Ħielsa u Sovrani** l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea biex jaħdmu fl-interess ta' pajjizhom u taċ-ċittadini tagħhom?

**ARTIKOLU II-77**
**Dritt ghall-proprjetà**

**1. Kull persuna għandha d-dritt li tgawdi l-possedimenti tagħha li tkun akkwistat legalment, li tużahom, u li tiddisponi minnhom f'ħajjitha jew wara mewtha. L-ebda persuna ma tista' tiġi mċaħħda mill-possedimenti tagħha, ħlief fl-interess pubbliku u fil-każijiet u skond il-kondizzjonijiet previsti mil-liġi, bi ħlas ta' kumpens xieraq għat-telf tagħhom fi żmien utli. L-użu ta' proprjeta' jista' jiġi regolat bil-liġi safejn ikun meħtieġ mill-interess pubbliku.**

**2. Il-proprjeta' intellettwali hi protetta.**

**<u>Il-Gvern Jieħu l-Akbar Sehem</u>**

Waqt li anki hawn Malta għadek tista' tiddisponi mill-ġid u l-proprjeta' tiegħek wara mewtek, min jiret sejjer ikollu jħallas taxxa ta' 35 fil-mija, li jfisser li jekk għandek żewġ ulied, il-Gvern sejjer jieħu iktar milli jieħdu huma, għaliex il-Gvern jieħu 35% u huma jieħdu 32.5% kull wieħed.

Jekk ma jkollhomx biex iħallsu jridu jbiegħu l-proprjeta' biex iħallsu t-taxxa. Dik kuxjenza soċjali u nisranija!

Barra minn hekk, tinsewx li hemm min ilu snin kbar li ttieħditlu l-proprjeta' tiegħu u għadu lanqas ħa xi kumpens mingħand il-gvern. Staqsu lil min ittieħditlu l-proprjeta' u jgħidilkom.

Ara għal fanfarunati bħal ma hija l-Ambaxxata ġewwa Brussell il-gvern għandu, imma biex iħallas lil min ittieħditlu l-proprjeta' m'għandux.

Hawnhekk tajjeb li niġbdu l-attenzjoni li minħabba s-sħubija fl-Unjoni Ewropea il-proprjeta' f'Malta diġa' għoliet sewwa u aktar ma jmur aktar tkompli togħla minħabba li kull ċittadin ta' kull Stat Membru jista' jixtri proprjeta' hawn Malta.

Għaldaqstant, kif se jkunu jistgħu ċ-ċittadini Maltin ilaħħqu mal-prezzijiet tal-proprjeta', għaliex l-ewwel irid ikollok il-flus biex tixtri l-proprjeta' biex tkun tista' tgawdiha?

Anzi l-ewwel irid ikollok ix-xogħol biex ikollok il-flus.

Imma kif jista' jkollok ix-xogħol jekk hawn eluf ta' ħaddiema barranin jieħdu x-xogħol tal-ħaddiema Maltin għax jaċċettaw pagi u kundizzjonijiet li l-ebda ħaddiem Malti ma jista' jaċċetta?

Qed taraw kemm tfisser għawġ is-sħubija fl-Unjoni Ewropea li ħadd ma qalilkom bih qabel?

## ARTIKOLU II-78
## Dritt għall-asil

**Id-dritt għall-asil għandu jkun garantit b'rispett għar-regoli tal-Konvenzjoni ta' Ginevra tat-28 ta' Lulju 1951 u l-Protokoll tal-31 ta' Jannar 1967 dwar l-istatus ta' refuġjati u skond il-Kostituzzjoni.**

### Se Nintradmu mill-Immigranti Illegali

Anki hawnhekk għandna għorrief li għamlu taħwida u meta qalbu għall-ilsien Malti ivvintaw il-kelma "**asil**" billi qabdu l-kelma Taljana "**asilo**", qatgħu barra l-o, u għamluha "**asil**", meta bil-Malti tajjeb għandna l-kelma "**kenn**" jew "**refuġju**", imma aktar hija Maltija l-kelma "**kenn**".

Imma l-aktar li rridu ninnutaw huwa li l-jedd ta' kenn m'huwiex biss regolat mill-Konvenzjoni ta' Ġinevra u l-Protokoll imsemmi, imma nnutaw li jingħad ukoll skond il-Kostituzzjoni, jiġifieri l-Kostituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea.

Għaldaqstant, dak li hemm imniżżel fil-Kostituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea dwar ir-refuġjati jorbot lill-Istati Membri minkejja li huma ma jkunux jaqblu miegħu jew ikun qiegħed joħolqilhom problemi kbar, bħal ma qiegħed ikollna aħna u anki l-Italja issa bl-eluf ta' klandestini li jridu jmorru lejn l-Unjoni Ewropea li jqisuha bħala l-art imwegħda fejn se jsibu xortihom.

Li ma jafux huwa li mhux biss ħafna minnhom jitilfu ħajjithom, imma li jekk u meta jaslu fl-Unjoni Ewropea jew jintbagħtu lura għaliex ma jkollhomx jedd u ma jkunux jikkwalifikaw biex jingħataw kenn, jew jitħaddmu fl-ekonomija s-sewda, jiġifieri mingħajr permess, fejn jingħataw pagi miżeri u jkomplu jeqirdu x-xogħol tal-ħaddiema ta' l-Istat Membru li jkunu marru fih bħal ma diġa' qiegħed jiġri f'Malta.

Oħrajn jispiċċaw bil-ġuħ mitluqa fit-toroq u jorqdu taħt l-art, fuq xi bankina mgħottijin bil-kartun, jew fejn isibu, għaliex ikunu qegħdin mingħajr permess, la jkollhom xogħol u lanqas fejn joqgħodu. Kull min mar f'xi pajjiż ta' l-Unjoni Ewropea dan jista' jixhdu.

Morru fi Brussell li hija meqjusa bħala l-belt kapitali ta' l-Unjoni Ewropea u ssibu li anki madwar il-Grand Place u l-knisja ta' San Nikola u fl-inħawi ta' madwar fejn ikun hemm ħafna turisti, ħdejn il-Kattidral ta' San Mikiel u Santa Gudula, Rue Neuve li hija triq popolari fejn hemm ħafna ħwienet, quddiem u madwar il-Knisja ta' Notre Dame de Finisterre fl-istess triq u ħdejn il-biċċa l-kbira tal-knejjes u toroq oħra fejn wieħed isib ukoll numru kbir ta' tallaba, xi wħud b'xi tarbija f'idejhom, kif ukoll persuni ħandikappati jittallbu biex forsi jiksbu xi ħaġa biex ikollhom x'jieklu.

Dawn ukoll huma parti mill-Unjoni Ewropea mmexxija min-nies mingħajr kuxjenza li kienet tiġi mpinġija bħala xi ġenna ta' l-art mill-**ĠUDIET** u l-mixtrija tal-barrani.

Anki f'Malta għad nibdew naraw tallaba li kienu nqatgħu snin ilu u faqar li għadna ma rajniex bħalu s'issa. Stennew u taraw kif dak li qegħdin ngħidulkom huwa s-sewwa u li ż-żmien għad jagħtina raġun.

Infakkru wkoll li l-Unjoni Ewropea għandha regolamenti oħra dwar liema Stat Membru jrid iżomm l-immigranti illegali, fosthom il-Konvenzjoni ta' Dublin.

Barra minn hekk, meta Malta kienet iffirmat il-Konvenzjoni tar-refuġjati tal-Ġnus Magħquda kienet għamlet riserva li taċċetta biss refuġjati mill-Ewropa.

**Matul it-taħdidiet tas-sħubija, l-Unjoni Ewropea ġielhet lill-Gvern Malti jneħħi dik ir-riserva u b'hekk ikollu jaċċetta refuġjati minn kull pajjiż għaliex il-mexxejja qarrieqa ta' l-Unjoni Ewropea kienu jafu bil-miljuni ta' refuġjati Afrikani mill-ex-kolonji tagħhom li riedu jmorru fl-Unjoni Ewropea.**

B'hekk, Malta kienet se tkun fuq il-fruntiera ta' l-Unjoni Ewropea u tkun wieħed mill-Istati Membri u jkollna nitqannew bihom aħna minflok jibqgħu sejrin fi Stati Membri oħra fiċ-ċentru ta' l-Ewropa.

Aktar 'il quddiem taraw kif għandna raġun meta nibdew nintradmu bl-eluf ta' immigranti illegali li jsallbuna bl-ispejjeż, bl-arroganza tagħhom u bil-mard li jġibu magħhom.

Dawn huwa l-qerq tal-mexxejja arroganti, wiċċhom mingħajr l-iċken qatra żejt u agħar mill-għatba tal-Klistanija ta' l-Unjoni Ewropea.

## ARTIKOLU II-79
## Protezzjoni f'każ ta' tneħħija, tkeċċija jew estradizzjoni

**1. It-tkeċċijiet kollettivi huma projbiti.**

**2. Ħadd ma jista' jitneħħa, jitkeċċa jew jkun estradit lejn Stat fejn hemm riskju serju li jkun soġġett għall-piena tal-mewt, għal tortura jew għal pieni jew trattament ieħor inuman jew degradanti.**

**<u>Problemi</u>**

Bi tkeċċijiet kollettivi jiftiehem tkeċċija ta' nies partikolari, bħala eżempju, jitkeċċew it-Taljani jew Franċiżi kollha minn xi pajjiż, jiġifieri nies ta' razza, kulur jew reliġjon partikolari, jew anki l-barranin kollha.

Dwar li xi ħadd jintbagħat fejn jista' jingħata l-piena tal-mewt m'hemmx x'jingħad, għaliex anki hawn Malta neħħejna l-piena tal-mewt, waqt li, bħala eżempju, għadha tingħata fl-Istati Uniti ta' l-Amerika u f'pajjiżi oħra.

Madankollu, ma rridux ninsew li minħabba li aħna ninsabu fuq il-fruntiera ta' l-Unjoni Ewropea, din se toħolqilna problemi kbar minħabba l-eluf ta' immigranti illegali li jippruvaw jitfgħu sieqhom fl-Unjoni Ewropea billi jinżlu f'Malta għax jaħsbu li jistgħu jibqgħu sejrin fi Stati Membri oħra u jkomplu jħarbtulna l-ftit xogħol li għad għandhom il-ħaddiema Maltin barra l-problemi kbar l-oħra li dejjem ħolqu kull fejn marru.

Iż-żmien għad jagħtina parir u tindunaw li dak li qed ngħidulkom għad iseħħ kif seħħ s'issa dak kollu li għednilkom qabel.

L-unika triq biex neħilsu minn das-saram kollu huwa li nfittxu nitilqu mill-Unjoni Ewropea kif għandna kull dritt u setgħa li nagħmlu, jgħidu x'jgħidu l-**ĠUDIET** u l-**QUISLINGS** mixtrija tal-barrani ta' l-Unjoni Ewropea.

## TITOLU III
## UGWALJANZA

### ARTIKOLU II-80
### Ugwaljanza f'għajnejn il-liġi

**Kull persuna hija ugwali f'għajnejn il-liġi.**

**Prinċipju Bażiku**

Dan huwa prinċipju bażiku kull fejn hemm ir-regola tal-liġi. Fi kliem ieħor, kull persuna nistgħu ngħidu li jekk tikser xi liġi titressaq quddiem il-Qorti u tiġi akkużata. Madankollu, dan il-prinċipju mhux dejjem huwa mħares sewwa kif jista' jixhed kull min jgħix f'Malta.

Dan ma jfissirx li huwa f'Malta biss li jsiru dawn l-affarijiet, imma f'kull pajjiż fid-dinja, għalkemm hemm fejn isiru ftit u hemm fejn isiru aktar.

Jekk imbagħad nieħdu l-eżempju fejn persuna tiġi akkużata quddiem il-Qorti, huwa prinċipju fejn is-sistema fil-Qorti kriminali hija dik imsejħa akkużatorja bħal ma hija f'Malta, li l-persuna hija meqjusa mingħajr ħtija, jiġifieri innocenti, sakemm jiġi ppruvat li hija ħatja.

Min-naħa l-oħra, fejn is-sistema hija inkwiżitorja, bħal ma nsibu fil-biċċa l-kbira ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea, il-persuna hija meqjusa ħatja sakemm hija tipprova li hija mingħajr ħtija, jiġifieri innoċenti.

Fiż-żewġ sistema suppost li dawn l-affarijiet japplikaw għal kull persuna, u għalhekk jingħad li kull persuna hija ugwali quddiem il-liġi.

Dan japplika wkoll għal kull jedd mogħti lil kull persuna, u għalhekk suppost li kulħadd jingħata l-istess jeddijiet skond il-liġi mingħajr ma jkun hemm diskriminazzjoni msejsa fuq xi twemmin reliġjuż, politiku, sess, eċċ.

### ARTIKOLU II-81
### Non-diskriminazzjoni

**1. Kull diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, ir-razza, l-kulur, l-oriġini etnika jew soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-opinjoni politika jew xi opinjoni oħra, l-appartenenza għal minoranza nazzjonali, il-proprjeta', it-twelid, id-disabilita', l-eta' jew l-orjentazzjoni sesswali hi projbita.**

**Il-Karita' Tibda d-Dar ma Tgħoddx**

Waqt li kulħadd jaqbel li m'għandhiex issir diskriminazzjoni għall-ebda raġuni, issa wasalna fl-assurdita' li l-ebda Stat Membru ma jista' jħares liċ-ċittadini tiegħu milli jitilfu xogħolhom, għaliex ma jistax jirriserva x-xogħol għaċ-ċittadini tiegħu għaliex b'hekk ikun qiegħed jiddiskrimina kontra ċ-ċittadini ta' l-Istati Membri l-oħra.

Fi kliem ieħor, ma jistax jagħmel kif jgħid dak il-qawl li jgħid li "**l-karita' tibda' d-dar**", jiġifieri li l-ewwel għandhom jiġu tal-familja tiegħek, jiġifieri ċ-ċittadini tiegħek imbagħad jiġu l-barranin.

Mhux biss, imma anki l-liġijiet ta' l-Unjoni Ewropea ma jħallux Stat Membru jagħti għajnuna biex industriji tiegħu jibqgħu jaħdmu u jħaddmu n-nies għaliex għall-Unjoni Ewropea li Stat Membru jagħti għajnuna lill-industriji tiegħu jew li jkunu jaħdmu fit-territorju tiegħu jfisser li jkun qiegħed jgħawweġ il-kompetizzjoni tas-suq ħieles mingħajr rażan li huwa l-Alla falz tagħha.

Ftakru li għall-Unjoni Ewropea, il-prinċipju tas-suq ħieles mingħajr rażan tagħha huwa aqwa mill-ħaddiema li kaġun ta' dan il-prinċipju u tagħha jitilfu xogħolhom, ħobżhom u ħobż il-familja tagħhom.

Bl-istess mod, l-immigranti illegali li diġa' qed joħolqulna problemi kbar se jkollna problemi akbar aktar 'il quddiem bihom, għaliex malajr niġu akkużati minnhom u mill-Unjoni Ewropea b'diskriminazzjoni razzjali jekk ma nagħtuhomx dak kollu li jitolbuna. Stennew u taraw kif dak li qegħdin ngħidu għad isir.

**<u>Kulħadd l-Istess</u>**

**2. Fil-kamp ta' l-applikazzjoni tal-Kostituzzjoni u mingħajr preġudizzju għal kull disposizzjoni speċifika tagħha, kull diskriminazzjoni bbażata fuq nazzjonalita' hi projbita.**

Dan juri dak li għedna li jekk ċittadin ta' Stat Membru ieħor u anki dawk minn pajjiżi li m'humiex membri ta' l-Unjoni Ewropea imma li għandhom permess jaħdmu fl-Unjoni Ewropea jiġu hawn Malta, huma jridu jingħataw ix-xogħol u l-benefiċċji kollha li kull ċittadin Malti huwa ntitolat għalihom minkejja li qatt ma jkunu ħallsu ċenteżmu taxxa hawn Malta.

Dan nistgħu narawh anki fl-aħħar skema dwar l-għajnuna għal min ikun sejjer jixtri l-ewwel dar tiegħu li ħarġet l-Awtorita' tad-Djar, fejn ċittadini ta' Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea qegħdin jingħataw ukoll dan il-jedd li jingħataw l-għajnuna għal-ewwel dar tagħhom minkejja li jkunu għadhom ġejjin u qatt ma jkunu ħallsu ċenteżmu taxxa hawn Malta, għalkemm jingħad li jista' jkun hemm ukoll xi kundizzjonijiet.

Barra minn hekk, tinsewx li hemm ċittadini ta' pajjiżi oħra li m'humiex membri ta' l-Unjoni Ewropea imma li l-Unjoni Ewropea tagħtihom id-dritt li jmorru joqgħodu u jaħdmu fl-Istati Membri kollha.

L-istess problema se tinqala bl-immigranti illegali li l-indikazzjonijiet kollha huma li se jibdew ġejjin bl-eluf għax sirna membri ta' l-Unjoni Ewropea u jekk ma nagħtuhomx dak li jkunu jridu jakkużawna b'diskriminazzjoni razzjali. Il-quddiem taraw kemm dak li qed imbassru jiġri jekk nibqgħu fl-Unjoni Ewropea.

Ħallsu t-taxxi ċittadini Maltin, biex jiġi l-barrani u l-immigranti illegali li qatt ma ħallsu ċenteżmu taxxa u jingħataw l-istess jeddijiet bħalkom u daqskom u minn fuq jieħdulna artna. Dak huwa li tfisser is-sħubija fl-Unjoni Ewropea.

## ARTIKOLU II-82
## Diversita' kulturali, reliġjuża u lingwistika

**L-Unjoni tirrispetta d-diversita' kulturali, reliġjuża u lingwistika.**

**Kummenti**

Huwa tajjeb li ma ssirx diskriminazzjoni, la jekk tkun imsejsa fuq kultura, reliġjon jew minħabba l-ilsien.

Madankollu, tant qegħdin isiru eċċessi bl-iskuża biex ma ssirx diskriminazzjoni u biex jidhru li jirrispettaw id-diversita' kulturali li n-nies fl-Istati Membri qegħdin jiddejqu għaliex għal kull ħaġa ta' xejn qiegħed jitqajjem ilment kontrihom minn kulturi differenti li jallegaw li l-kultura tagħhom mhijiex tiġi rispettata u ma l-iċken ilment jaqilgħu l-kundanni.

L-istess jista' jingħad għar-reliġjonijiet li bl-iskuża tagħġhom kien hemm min ried li jneħħi l-kurċifissi mill-iskejjel u anki li jgħatti wiċċu biex ma jidhirx, ħaġa li ma tistax tiġi tollerata speċjalment minħabba t-terroriżmu.

Min imur f'kultura oħra għandu jaddatta ruħu għal dik il-kultura mhux jippretendu li l-oħrajn għandhom jaddottaw ruħhom għalih.

Dwar id-diversita' lingwistika nfakkru li fl-Avis, jiġifieri l-opinjoni maħruġa mill-Unjoni Ewropea dwar l-applikazzjoni ta' Malta għas-sħubija fl-Unjoni Ewropea, kien hemm miktub bl-iswed fuq l-abjad li l-fatt li f'Malta hawn ukoll l-ilsien Ingliż, l-Unjoni Ewropea tittama li tiskansa d-dħul ta' lsien ieħor, jiġifieri ta' l-ilsien Malti.

Dan ma seħħx għaliex kien qam storbju sħiħ u ma kienx jaqbel għall-Unjoni Ewroepa li ma tibdilx it-triq li kienet qabdet.

Madankollu, dan juri kemm tassew l-Unjoni Ewropea tagħmel dak li tippriedka, għaliex li kien għaliha l-ilisien Malti ma kienx isir ilsien uffiċjali tagħha.

Daqshekk tirrispetta l-ilsna differenti l-Unjoni Ewropea, għaliex biex daħal l-ilsien Malti kellha tagħmel kif jingħad fil-Malti, li "**tieħu paċenzja la x-xitan irid hekk**"

## ARTIKOLU II-83
## Ugwaljanza bejn in-nisa u l-irgiel

**L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel għandha tiġi żgurata fl-oqsma kollha, inkluż l-impjieg, ix-xogħol u l-paga.**

**Il-prinċipju ta' l-ugwaljanza m'għandux jimpedixxi li jinżammu fis-seħħ jew jiġu adottati miżuri maħsuba biex jagħtu vantaġġi speċifiċi lis-sess l-anqas rappreżentat.**

**Malta Ilna bl-Ugwaljanza**

Infakkru li ma kienx hemm ħtieġa li tiġi l-Unjoni Ewropea tgħidilna dawn l-affarijiet, għaliex in-nisa ilhom jiġu stmati daqs l-irġiel u ingħataw l-istess jeddijiet ta' mpjiegi, xogħol u pagi ndaqs sa mis-snin sebgħin minn gvern tal-ħaddiema.

Dan biex ma nsemmux il-jedd tal-vot li ingħatalhom ftit wara l-aħħar gwerra dinjija, kif ukoll ir-riserva ta' numru ta' postijiet riservati għalihom biex jimxu aktar 'il quddiem li t-tnejn ingħataw minn gvern tal-ħaddiema.

Daqshekk għadhom lura f'xi Stati Membri oħra ta' l-Unjoni Ewropea n-nisa, għaliex kieku ma kellux għalfejn isir dan l-Artikolu.

**ARTIKOLU II-84**
**Drittijiet tat-tfal**

**1. It-tfal għandhom id-dritt għall-protezzjoni u għall-kura li hija meħtieġa għall-ġid tagħhom. Jistgħu jesprimu l-opinjonijiet tagħhom liberament. Dawn l-opinjonijiet għandhom jitqiesu f'materji li jirrigwardawhom skond l-eta' u l-maturita' tagħhom.**

**2. Fl-azzjonijiet kollha li għandhom x'jaqsmu mat-tfal, kemm jekk jittieħdu minn awtoritajiet pubbliċi kif ukoll minn istituzzjonijiet privati, l-aħjar interess tat-tfal għandu jkun kunsiderazzjoni primarja.**

**3. It-tfal kollha għandhom id-dritt li jkollhom, fuq bażi regolari, relazzjoni personali u kuntatt dirett maż-żewġ ġenituri, sakemm dan mhuwiex kontra l-interessi tat-tfal.**

**F'Malta Tajnihom il-Jeddijiet Qabel l-Unjoni Ewropea**

Wieħed jista' jgħid li dawn il-jeddijiet isibhom fil-Konvenzjoni dwar it-Tfal, u l-istess bħal ma ingħad dwar in-nisa, ma kienx hemm għalfejn tiġi l-Unjoni Ewropea tgħidilna x'għandna nagħmlu.

Dan ifisser ukoll li t-tfal għad m'għandhomx jeddijiet f'xi Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea kif għandhom it-tfal Maltin, għaliex kieku ma kienx ikun hemm għalfejn isir dan l-Artikolu, mhux hekk?

Madankollu rridu noqgħodu attenti għaliex it-tfal malajr jitgħallmu jabbużaw ukoll mill-jeddijiet tagħhom, u wieħed jisma u jista' jara ċerti riżultati li ma jkunux mixtieqa minħabba nuqqas ta' dixxiplina.

**ARTIKOLU II-85**
**Drittijiet ta' l-anzjani**

**L-Unjoni tirrikonoxxi u tirrispetta d-drittijiet ta' l-anzjani li jgħixu ħajja ta' dinjita' u indipendenti u li jipparteċipaw fil-ħajja soċjali u kulturali.**

**Ir-Rispett għax-Xjuħ Tagħna**

Anzjani hija kelma li ġejja mill-ilsien Taljan, imma għandna l-kelma Maltija li hija "**xjuħ**". Imma biex taparsi jidhru xi ftit puliti għażlu li jużaw il-kelma "**anzjani**". Jekk tgħid il-kelma "**xjuħ**" ma jfissirx li tkun qiegħed tnaqqas xi ħaġa jew turi nuqqas ta' rispett lejn il-persuna.

L-ewwel nett għaliex dik hija l-kelma Maltija, u t-tieni għandna l-qawl Malti li jgħidlek li "**kliem ix-xih żomm fih**", u għalhekk qiegħed juri rispett lejn ix-xjuħ li għandhom l-esperjenza ta' l-universita' tal-ħajja li z-zgħar m'għandhomx, u għalhekk għandhom joqgħodu fuq dak li jgħidulhom ix-xjuħ. Bil-Malti, anki għall-kelma "**jipparteċipaw**" għandha l-kliem "**jieħdu sehem**".

Hawnhekk tajjeb li nistaqsu kif għandhom il-wiċċ vili l-mexxejja ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea li jgħidu li l-Unjoni tirrispetta d-drittijiet ta' l-anzjani meta trid li l-eta' ta' meta wieħed jista' jirtira bil-pensjoni titla għal ħamsa u sittin sena jew aktar?

Kieku kienet tirrispettahom kienet tħallihom jaħdmu sas-sittin sena jew anki anqas, biex ikunu jistgħu jgawdu l-frott tal-ħidma li jkunu għamlu matul ħajjithom, u mhux ikomplu jaħdmu u forsi lanqas biss ma jilħqu jieħdu centeżmu pensjoni.

Kieku kienet tirrispettahom kienet tordna tnaqqis mill-flejjes esaġerati li jsiru fl-armamenti u f'affarijiet oħra mingħajr ħtieġa biex bil-flus iffrankati tkun tista' ssostni l-pensjonijiet u l-ħaddiema jirtiraw meta jkunu għadhom iżgħar, mhux tgħolli l-eta' tal-pensjoni.

Ara f'Malta ix-xjuħ tagħna ilhom rispettati, għaliex kien Gvern tal-Ħaddiema li kien għamel il-pensjoni u għamel u rranġa dak li qabel kien magħruf bħala tax-xjuħ fejn kienu jgħaddu l-aħħar snin ta' ħajjithom ix-xjuħ tagħna.

Qabel tant kienu stmati ħażin li kienu jinħasdu u jqisu li jkunu ġew abbandunati minn kulħadd meta kien ikollhom jidħlu hemmhekk.

Jekk min jinteressah jaqbad ftit il-gazzetti tas-snin sittin jara kif kienu anki jitgħattew bil-karti tal-gazzetti għaliex la kellhom lozor u lanqas kutri.

Ħaddieħor mhux biss ma riedx jagħtihom il-pensjoni lill-ħaddiema, imma meta kibru u kellhom ħtieġa li jidħlu f'xi dar tax-xjuħ ħadilhom il-biċċa l-kbira tal-pensjoni.

**ARTIKOLU II-86**
**Integrazzjoni ta' persuni b'diżabilità**

**L-Unjoni tirrikonoxxi u tirrispetta d-drittijiet ta' persuni b'diżabilita' li jibbenefikaw minn miżuri intiżi sabiex jiżguraw l-indipendenza, l-integrazzjoni soċjali u professjonali tagħhom, u l-parteċipazzjoni tagħhom fil-ħajja tal-komunita'.**

**<u>Aħjar Fatti milli Paroli</u>**

Kif għedna aktar qabel, kieku l-Unjoni Ewropea tirrispetta l-jeddijiet tal-persuni b'diżabilita' kienet tordna li jsiru liġijiet li jagħtuhom jedd għal kull għajnuna li jkunu jinħtieġu, u mhux ikollhom għalfejn joqgħodu jmorru jittallbu biex ikollhom x'jieklu.

Dawn l-affarijiet wieħed jistra' jarahom anki f'dik li hija meqjusa bħala l-belt kapitali ta' l-Unjoni Ewropea, jiġifieri Brussell, fejn wieħed jista' jara persuni b'diżabilita' jittallbu fit-toroq ta' din il-belt u bliet oħra.

# TITOLU IV
# SOLIDARJETÀ

## ARTIKOLU II-87
## Dritt tal-ħaddiema għal informazzjoni u konsultazzjoni fi ħdan l-impriża

**Il-ħaddiema jew ir-rappreżentanti tagħhom għandhom, fil-livelli xierqa, jkunu garantiti li jingħataw informazzjoni u li jiġu kkonsultati fi zmien utli fil-każijiet u skond il-kondizzjonijiet previsti mid-dritt ta' l-Unjoni u mil-liġijiet u l-prattiċi nazzjonali.**

**<u>Gvern tal-Ħaddiema f'Malta Għamel Aħjar</u>**

Lanqas dan ma kien hemm ħtieġa li tiġi l-Unjoni Ewropea tgħidulna, għaliex kien hemm żmien meta' l-akbar union ta' Malta kien ikollha r-rappreżentant tagħha li kien ikun preżenti waqt il-laqgħat tal-Kabinett.

Mhux biss, imma l-Gvern tal-ħaddiema kien għamel ukoll id-Direttur Ħaddiem biex il-ħaddiema jkollhom min iħares l-interessi tagħhom fuq il-Bord tad-Diretturi li jmexxi l-intrapriża.

Ara issa mhux l-union tal-ħaddiema hemm fil-Kabinett, imma persuna li ma għandha l-ebda vot ta' ħadd imma li kienet risponsabbli biex intefqu madwar għaxar miljun lira fuq bini mitluq u mfarrak biex issir Dar Malta fi Brussell.

## ARTIKOLU II-88
## Dritt ta' negozjar u azzjoni kollettiva

**Il-ħaddiema u min iħaddem, jew l-organizzazzjonijiet rispettivi tagħhom, għandhom, skond id-dritt ta' l-Unjoni u l-liġijiet u l-prattiċi nazzjonali, id-dritt li jinnegozjaw u li jikkonkludu ftehim kollettivi fil-livelli xierqa u, fil-każ ta' konflitti ta' interess, li jieħdu azzjoni kollettiva inkluża l-azzjoni li jistrajkjaw sabiex jiddefendu l-interessi tagħhom.**

**<u>L-Għaqdiet tal-Ħaddiema Ilhom f'Malta</u>**

Taħsbu li kellha tiġi l-Unjoni Ewropea biex tgħidilna li l-ħaddiema u r-rappreżentanti tagħhom għandhom jedd li jistrajkjaw biex jiksbu jeddijiethom?

Kulħadd jaf min kienet dik l-Għaqda tal-Ħaddiema li waqfet lill-Gvern Ingliż u għamlet strajk fi żmien il-gwerra, innegozjat mal-Gvern Ingliż u saret l-akbar għaqda tal-Ħaddiema f'Malta ħafna qabel ma ħolmu bl-Unjoni Ewropea, aħseb u ara kemm se tiġi tgħidilna l-Unjoni Ewropea x'għandna nagħmlu.

Kulħadd jaf min ta lill-ħaddiema u r-rappreżentanti tagħhom il-jedd li jistrajkjaw, waqt li kulħadd jaf ukoll min ried jgħaddi dik il-liġi moqżieża, jiġifieri l-Att 59 ta' l-1969 li jekk il-ħaddiema jistrajkjaw jew min imexxihom kien jordnalhom li jistrajkjaw, kienu jintefgħu l-ħabs.

Bħal ma jaf kulħadd min dejjem innegozja l-aħjar ftehim għall-ħaddiema f'Malta u min ta' l-aktar jeddijiet lill-ħaddiema Maltin u Għawdxin, u min dejjem ried jifred il-ħaddiema f'għaqdiet differenti biex jipprova jfarrak l-akbar għaqda tal-ħaddiema u ikun jista' jagħmel li jrid bihom.

Kulħadd jafhom dawn l-affarijiet u huwa għalhekk li l-ħaddiema jridu dejjem iżommuhom quddiem għajnejhom ħalli ma jibqgħux iħallu lil min iqarraq bihom kif qarrqu bihom dejjem speċjalment bis-sħubija fl-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea.

Issa l-ħaddiema Maltin u Għawdxin diġa' qegħdin iħossu t-tbatijiet ta' xi tfisser is-sħubija fl-Unjoni Ewropea, u aktar sejrin iħossuhom aktar 'il quddiem aktar ma jiġu ħaddiema barranin u immigranti illegali.

Aktar ma jiġu ħaddiema barranin u immigranti illegali aktar se jsibu lil min jagħtihom bis-sieq u jnaqqsilhom il-pagi u l-kundizzjonijiet tax-xogħol għaliex dawn jibdew jaċċettaw pagi u kundizzjonijiet li l-ebda ħaddiema Malti ma jista' jaċċetta.

Stennew u taraw kif dak li qegħdin ngħidulkom sejjer jiġri u jibqa' jiġri sakemm niddeċiedu li nibgħatu lill-barrani ta' l-Unjoni Ewropea jixxejjer, nerġgħu nieħdu **l-Indipendenza, il-Ħelsien u s-Sovranita'** tagħna minn taħt il-ħakma illegali u kolonjali ta' l-Unjoni Ewropea kif għandna kull jedd u setgħa li nagħmlu, u ma nħallux aktar ħaddiema barranin u immigranti illegali jieħdu xogħol il-ħaddiema Maltin u Għawdxin.

## ARTIKOLU II-89
## Dritt ta' aċċess għal servizzi ta' impjieg

**Kull persuna għandha d-dritt ta' aċċess għal servizz ta' impjieg mingħajr ma tħallas.**

**<u>Informazzjoni għall-Ħaddiema Barranin</u>**

L-aċċess għal servizzi ta' impjieg mingħajr ma tħallas ma jgħoddx biss għaċ-ċittadini ta' Stat Membru, imma għal kull ċittadin minn kull Stat Membru ieħor u għal kull ċittadin ta' pajjiż li ma jkunx membru ta' l-Unjoni Ewropea imma li l-Unjoni Ewropea tagħtihom id-dritt li jmorru joqgħodu u jaħdmu fl-Istati Membri.

Tant huwa minnhu, li fuq il-paġni ta' l-internet ta' l-ETC jkun hemm il-lista ta' kull xogħol li jkun qiegħed jiġu offrut hawn Malta biex iċ-ċittadin minn kull Stat Membru u l-oħrajn ikunu jistgħu japplikaw għalih u jieħduh minn ħalq iċ-ċittadini Maltin u l-familji tagħhom.

Ftakru li kull ħaddiem barrani mill-Unjoni Ewropea, minn dawk il-pajjiżi terzi li hija għandha ftehim magħhom, u l-immigranti illegali kollha jkunu qegħdin jieħdu xogħol u ħobż il-ħaddiema Maltin u Għawdxin u l-familji tagħhom.

Tridu li nibqgħu f'din is-sitwazzjoni bil-ħaddiema Maltin u Għawdxin u l-familji tagħhom jiftaqru waqt li xogħolhom u ħobżhom jittieħed mill-ħaddiema barranin?

## ARTIKOLU II-90
## Protezzjoni fil-kaz ta' tkeċċija nġusta

**Kull ħaddiem għandu d-dritt għall-protezzjoni kontra tkeċċija inġusta, skond id-dritt ta' l-Unjoni u l-liġijiet u l-prattiċi nazzjonali.**

**Il-Liġijiet Maltin Qabel l-Unjoni Ewropea**

Infakkru li mhux biss ma kienx hemm ħtieġa li tiġi l-Unjoni Ewropea li tgħidilna x'għandna nagħmlu, imma kulħadd jaf min ta dawn il-jeddijiet lill-ħaddiema u min ried li l-ħaddiema jitkeċċew mingħajr jeddijiet ta' xejn.

Kulħadd jaf min ried jagħmel dik il-liġi moqżieża biex jitfa l-ħaddiema u l-mexxejja tagħhom il-ħabs.

Min ma jafx għandu jaqbad il-gazzetti ta' żmien l-imgħoddi u jkun jaf min tassew għandu għal qalbu l-ħaddiema.

Barra minn hekk, infakkru kif bil-liġijiet tagħha l-Unjoni Ewropea trid li l-ħaddiema minn kull Stat Membru jkunu jistgħu jmorru f'kull Stat Membru ieħor biex l-industrijalisti tagħha jkunu jistgħu jnaqqsu l-pagi u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema.

Fi kliem ieħor, jagħsru l-ħaddiema bħal lumija u malli jieħdu dak kollu lli jistgħu jarmuh, jew fi kliem ieħor, jerdgħu demm il-ħaddiema.

Dak huwa li tfisser is-sħubija fl-Unjoni Ewropea.

## ARTIKOLU II-91
## Kondizzjonijiet tax-xogħol gusti u xierqa

**1. Kull ħaddiem għandu d-dritt għall-kondizzjonijiet tax-xogħol li jirrispettaw is-saħħa, is-sigurtà u d-dinjita' tiegħu.**

**2. Kull ħaddiem għandu d-dritt għal limitazzjoni ta' siegħat massimi tax-xogħol, għal perjodi ta' mistrieħ kuljum u fil-ġimgħa u għal perjodu annwali ta' leave imħallas.**

**Il-Qerq tal-Mexxejja ta' l-Unjoni Ewropea**

Hawnhekk tajjeb li nistaqsu jekk l-Unjoni Ewropea hux tassew trid li kull ħaddiema ikollu dritt għall-kundizzjonijiet tax-xogħol li jirrispettaw is-saħħa, is-sigurta' u d-dinjita' tiegħu meta l-istess Unjoni Ewropea trid li l-ħaddiema kollha minn kull Stat Membru jmorru jaħdmu bi dritt f'kull Stat Membru ieħor.

Dan qiegħed iwassal biex il-ħaddiema jitnaqqsulhom il-pagi u jitilfu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom minħabba li min iħaddem isib ħaddiema lesti li jaċċettaw pagi u kundizzjonijet tax-xogħol li l-ħaddiema ta' dak l-Istat Membru ma jkunux jistgħu jaċċettaw.

Dan wara li l-ħaddiema ta' dak l-Istat Membru Alla biss jaf kemm ikunu għamlu sagrifiċċji u kemm ikun għadda żmien u għaddew minn tbatijiet kbar biex kisbu żiediet fil-pagi u kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar milli kelhom qabel.

Fuq kollox, biex tirrispetta l-ħaddiema l-ewwel trid tipprovdilhom ix-xogħol, mhux ikollhom ix-xogħol u minħabba l-Alla falz tal-politika tas-suq ħieles mingħajr l-ebda rażan ta' l-Unjoni Ewropea jitilfu xogħolhom u ħobżhom u ħobż il-familji tagħhom.

Dan huwa dak li qiegħed jiġri u ilu jiġri fl-Unjoni Ewropea bl-impożizzjoni tar-regoli tas-suq ħieles tagħha fejn il-ħaddiema jkollhom jikkompetu bejniethom għax-xogħol billi jaċċettaw tnaqqis fil-pagi u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom.

Hawnhekk tajjeb li nfakkru lill-ħaddiema Maltin li f'Malta kien il-Gvern tal-Ħaddiema li kien naqqsilhom is-siegħat tax-xogħol għal erbgħin siegħa meta qabel kienu jaħdmu minn x'ħin jisbaħ sakemm jidlam.

Kien il-Gvern tal-Ħaddiema li neħħielhom il-ġimgħa ta' sitt ijiem xogħol meta neħħa s-Sibt minn jum tax-xogħol u b'hekk effettivament kien tahom 52 jum ieħor vaganza fis-sena.

Kien il-Gvern tal-Ħaddiema li kien tahom iż-żieda fil-paga kif ukoll żieda ta' l-għoli tal-ħajja lil kulħadd l-istess u mhux bħal ma kienu qabel fejn min ikun fuq jieħu ħafna aktar mill-ħaddiema ż-żgħar.

Kien il-Gvern tal-Ħaddiema li tahom ukoll żieda kbira fil-leave meta qabel min kien fuq kien ikollu ħafna u min kien isfel kellu ftit.

Kien il-Gvern tal-Ħaddiema li kien tahom il-jedd li meta festa tinzerta f'jum tax-xogħol jitħallsu tagħha meta qabel ma kienux jitħallsu.

Kien il-Gvern tal-Ħaddiema li lin-nisa kien tahom l-istess paga waqt li qabel kienu jitħallsu bis-soldi.

Ma rridux ninsew, għaliex tajjeb ukoll li nfakkru, dwar l-attakki fuq in-nofs ta' nhari tal-ħaddiema tal-Gvern minflok ma l-ħaddiema tal-privat jinġiebu wkoll bin-nofs ta' nhari minħabba l-qilla tas-sajf Malti.

Dawn huma d-differenzi li kien u għad hawn f'Malta, fejn Gvern tal-Ħaddiema dejjem ħaseb fil-ħaddiema waqt li ħaddieħor dejjem jara kif inaqqrilhom il-paga u l-kundizzjonijiet tax-xogħol li jkunu kisbu.

L-istess tagħmel l-Unjoni Ewropea bir-regoli tas-suq ħieles mingħajr l-ebda xkiel tagħha ħalli l-ħaddiema jikkompetu bejniethom u b'hekk min iħaddem ikun jista' jnaqqsilhom il-pagi u l-kundizzjonijiet tax-xogħol u jerdalhom demmhom.

Dak huwa dak li tfisser is-sħubija fl-Unjoni Ewropea.

Xejn anqas u xejn aktar.

Tridu li nibqgħu f'dal jasar li daħħluna fih il-**ĠUDIET** u l-**QUISLINGS** li ma jixirqilhomx li jissejħu Maltin?

L-għażla f'idejkom.

Meta tridu nistgħu nitilqu minn dan il-jasar ta' l-Unjoni Ewropea kif għandna kull jedd u setgħa li nagħmlu u li ħadd u xejn ma jista' jżommna fih.

**ARTIKOLU II-92**
**Projbizzjoni ta' impjieg ta' tfal u protezzjoni ta' żgħażagħ fuq ix-xogħol.**

**L-impjieg tat-tfal huwa projbit. L-eta' minima għall-ammissjoni għal impjieg ma tistax tkun anqas mill-eta' li fiha jispiċċa l-obbligu ta' l-iskola, bla preġudizzju għal regoli iktar favorevoli għaż-żgħażagħ u salvi derogi limitati.**

**Iż-żgħażagħ li jingħataw xogħol għandhom igawdu minn kondizzjonijiet ta' xogħol skond l-età tagħhom u għandhom ikunu protetti kontra l-isfruttament ekonomiku u kontra kull xogħol li jista' jipperikola s-sigurta' s-saħħa jew l-iżvilupp fiżiku, mentali, morali jew soċjali tagħhom, jew li jikkomprometti l-edukazzjoni tagħhom.**

**Iridu Jgħaddu ż-Żmien bin-Nies**

L-ewwel ma ngħidu huwa li l-Unjoni Ewropea mhux tħarishom trid lit-tfal u liż-żgħażagħ, imma bħall-ħaddiema l-oħra trid li min jimpjegahom ikun jista' jesplojtahom u jnaqqsilhom il-pagi u l-kundizzjonijiet tax-xogħol minħabba l-moviment ħieles tal-ħaddiema bejn l-Istati Membri.

Kieku tassew riedet tħarishom kienet tagħmel l-inqas eta' li fiha tfal jew żgħażagħ ikunu jistgħu jaħdmu fl-Istati Membri.

Tinsewx li l-Alla falz ta' l-Unjoni Ewropea huwa s-suq ħieles mingħajr l-ebda rażan f'kull qasam, biex anki l-ħaddiema jkunu jridu jikkompetu bejniethom għax-xogħol u b'hekk min iħaddem ikollu l-għażla.

Huwa għalhekk li fl-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea l-qagħad fost il-ħaddiema dejjem kien għoli, għaliex bil-ħaddiema jmorru minn Stat Membru għall-ieħor min iħaddem ikun jista' jwaqqa l-pagi u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom.

**Hawn Malta**

Dwar Malta ngħidulkom tistaqsu lill-missierijietkom u l-ommijietkom u jgħidulkom kif kien il-Gvern tal-Ħaddiema li kien li għamel l-iskola b'xejn u bilfors għal kulħadd.

Kien il-Gvern tal-Ħaddiema li kien għamel l-iskola l-jum kollu minflok nofs ta' nhar kif kienet qabel.

Kien il-Gvern tal-Ħaddiema li kien beda jagħti l-ħalib b'xejn lit-tfal ta' l-iskola, waqt li ħaddieħor dejjem naqqsu.

Kien il-Gvern tal-Ħaddiema li għolla l-eta' ta' l-iskola biex it-tfal biex ma jkunux jistgħu jitilqu qabel jilħquha, u b'hekk tfal taħt ċertu eta' ma jistgħux jitħaddmu.

Kien il-Gvern tal-Ħaddiema li kien għamel iċ-***Children Allowance*** waqt li ħaddieħor naqqasha kif juru l-ispejjeż tagħha ta' kull sena.

Kien il-Gvern tal-Ħaddiema li kien beda jagħti allowance lill-istudenti fl-iskejjel tekniċi u tas-snajja biex jgħinhom, waqt li ħaddieħor neħħiha fis-snin sittin.

Kien il-Gvern tal-Ħaddiema li lin-nisa kien tahom il-vot waqt li ħaddieħor kien jgħid li ma jifhmux u li xoghol in-nisa kien fil-kċina u li jagħmlu t-tfal.

Kien il-Gvern tal-Ħaddiema li ħa ħsieb iż-żgħażagħ billi tahom il-vot minn 18-il sena 'l fuq u mhux bħal ma kien qabel minn 21 sena.

Tajjeb li nfakkru wkoll li qabel min kien ikollu proprjeta' f'aktar minn distrett wieħed kien ikollu aktar minn vot wieħed u min ma kienx ikollu jew ma kellux ċertu dħul minn proprjeta' ma kienx ikollu vot.

Kien il-Gvern tal-Ħaddiema li kien tejjeb il-pagi u l-kundizzjonijiet tal-klassi tal-ħaddiema.

Ftakru u staqsu fuq dan kollu, imma tinsewx ukoll min ma riedx jagħti l-pensjoni lill-ħaddiema għaliex kien qal li dawn imorru jixorbuha nbid.

Staqsu ħalli ma titqarrqux u ma tħallux lil min iqarraq bikom kif qarrqu bis-sħubija fl-Unjoni Ewropea, għaliex kif jgħid il-qawl Malti, "**il-mistoqsija hija oħt il-għerf**".

**ARTIKOLU II-93**
**Ħajja tal-familja u professjonali**

**1. Il-familja għandha tgawdi minn protezzjoni legali, ekonomika u soċjali.**

**2. Sabiex wieħed jirrikonċilja l-ħajja tal-familja u l-ħajja professjonali, kull persuna għandha ddritt għall-protezzjoni mit-tkeċċija għal xi raguni konnessa mal-maternita' u d-dritt għal-leave tal-maternità mħallas u għal-leave parentali wara t-twelid jew l-adozzjoni ta' tifel jew tifla.**

<u>**Aħna Qabel l-Unjoni Ewropea**</u>

Hawnhekk ftakru, u jekk ma tiftakrux staqsu, min kien li ta dawn il-jeddijiet imsemmija f'dan l-Artikolu.

Infakkru li ma kienx hemm għalfejn tiġi l-Unjoni Ewropea tgħidilna x'għandna nagħmlu għaliex dawn il-jeddijiet ilhom li ddaħħlu mill-gvern tal-ħaddiema.

Imma tajjeb li wieħed jistaqsi kif tista' l-familja tingħata l-protezzjoni legali, ekonomika u soċjali jekk bil-liġijiet moqżieża ta' l-Unjoni Ewropea u bil-politika

tagħha tal-prinċipju tas-suq ħieles mingħajr ebda rażan, il-ħaddiema jispiċċaw jitilfu xogħolhom u ħobż il-familji tagħhom u d-dinjita' tagħhom bħala ħaddiema.

Kif wieħed jista' jara, dawn huma kollha kliem sbieħ li bl-ebda mod ma jissarrfu f'affarijiet konkreti bil-politika ħażina, mingħajr ħniena u żbaljata ta' l-Unjoni Ewropea.

**ARTIKOLU II-94**
**Sigurta' soċjali u assistenza soċjali**

**1. L-Unjoni tirrikonoxxi u tirrispetta d-dritt għal benefiċċji ta' sigurta' soċjali u servizzi soċjali li jipprovdu protezzjoni f'każijiet bħal ma huma l-maternita', l-mard, l-inċidenti industrijali, d-dipendenza jew l-anzjanita' u fil-każ ta' telf ta' xogħol, skond ir-regoli stipulati mid-dritt ta' l-Unjoni u mil-liġijiet u l-prattiċi nazzjonali.**

**2. Kull min jirrisjedi jew imur minn post għal ieħor legalment fl-Unjoni Ewropea hu intitolat għall-benefiċċji ta' sigurta' soċjali u l-vantaġġi soċjali skond id-dritt ta' l-Unjoni u l-liġijiet u l-prattiċi nazzjonali.**

**3. Sabiex jiġu kkumbattuti l-esklużjoni soċjali u l-faqar, l-Unjoni tirrikonoxxi u tirrispetta d-dritt għall-għajnuna soċjali u tad-djar sabiex tiżgura l-eżistenza deċenti għal dawk kollha li huma neqsin minn riżorsi sufficjenti, skond ir-regoli stabbiliti fid-dritt ta' l-Unjoni u mil-liġijiet u l-prattiċi nazzjonali.**

**L-Unjoni Ewropea Tfarrak is-Servizzi Soċjali**

Kieku tassew l-Unjoni Ewropea trid li ma jkunx hemm faqar, ma kinitx timxi bil-politika tagħha tal-prinċipju tas-suq ħieles mingħajr l-ebda rażan li jwassal għat-telfien ta' l-impjiegi tal-ħaddiema.

Barra minn hekk, innutaw kif min imur fi Stat Membru ieħor ikun inititolat għall-benefiċċji tas-sigurta' soċjali u l-vantaġġi soċjali skond id-dritt ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan jinkludi wkoll il-maternita', mard, inċidenti industrijali, u l-affarijiet l-oħra msemmija.

Għaldaqstant, minħabba li s-servizzi tal-meternita' fl-isptar, fost servizzi oħra, huma b'xejn, kull mara tqila li tiġi minn Stat Membru ieħor trid tingħata wkoll is-servizz b'xejn għaliex trid tingħata dak kollu li tingħata mara tqila Maltija bl-istess kundizzjonijiet.

Dan iwassal biex is-servizzi soċjali ta' l-Istati Membri jitfarrku għaliex jekk imorru ħafna nies fi Stat Membru partikolari jkun irid jagħtihom is-servizzi soċjali kollha li ċ-ċittadini tiegħu huma ntitolati għalihom kif jingħad fis-subartikolu 2.

Fi kliem ieħor, mhux biss irid jagħtihom is-servizzi soċjali bħal relief u għajnuniet oħra, imma jkun irid jagħtihom housing soċjali u dak kollu li ċ-ċittadini tiegħu stess

ikunu ntitolati għalihom kif jingħad fis-subartikolu 3 għaliex inkella jiġi akkużat li jkun qiegħed jagħmel diskriminazzjoni ma' ċittadini ta' Stat membri oħra.

Aħdem ħaddiem u ħallas il-bolla u t-taxxi biex imbagħad jiġu l-barranin mill-Unjoni Ewropea f'artek u jkollhom jedd għall-benefiċċji soċjali bħal ma għandek inti mingħajr ma jkunu ħallsu t-taxxi bħal ma tkun ħallast int tul għomrok u żmienek.

X'ma jitfarrkux is-servizzi soċjali ta' l-Istati Membri b'dawn l-ordnijiet mill-Unjoni Ewropea.

Innutaw kif anki l-aħħar applikazzjonijiet li ħarġet l-Awtorita' tad-Djar hemm provvediment li anki ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea jistgħu japplikaw biex jingħataw somma għax-xiri ta' l-ewwel dar tagħhom hawn Malta.

Dawn huma flus li mhux biss huma limitati, imma kieku kienu japplikaw għall-Maltin biss kienu jistgħu jingħataw jew somma akbar jew aktar ċittadini Maltin kienu jkunu jistgħu jieħdu vantaġġ minnhom minflok ma jivvantaġġjaw ruħhom ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea.

Ħallsu t-taxxi għomorkom kollu ċittadini Maltin, biex meta inthom u uliedkom tiġu biex tieħdu xi ħaġa mingħand il-Gvern, iċ-ċittadini barranin ta' l-Unjoni Ewropea li jkunu għadhom kif ġejjin Malta biex jeħdulkom xogħolkom u ħobż il-familja tagħkom jieħdu l-istess sussidju bħalkom mingħajr ma jkunu ħallsu xejn u l-ebda taxxa bħal ma tkunu ħallastu inthom.

Dan huwa li tfisser sħubija fl-Unjoni Ewropea.

Dan huwa dak li ma qalulkomx dawk il-**ĠUDIET** qarrieqa li qarrqu bikom.

## ARTIKOLU II-95
## Protezzjoni tas-saħħa

**Kull persuna għandha d-dritt ta' aċċess għal assistenza medika preventiva u d-dritt li tgawdi minn kura medika skond il-kondizzjonijiet stabbiliti mil-liġijiet u l-prattiċi nazzjonali. Għandu jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem fid-definizjoni u fl-implimentazzjoni tal-politika u l-attivitajiet kollha ta' l-Unjoni.**

**<u>Kummenti</u>**

L-istess kummenti li għamilna għall-Artikoli ta' qabel jgħoddu wkoll għal dan l-Artikolu, imma tajjeb li nfakkru kif kien il-Gvern tal-Ħaddiema li kien għamel l-isptar b'xejn għaliex qabel kien bil-ħlas.

Kien il-Gvern tal-Ħaddiema li kien għamel l-Isptar Karen Grech li kienet inqatlet b'ittra bomba għaliex missierha kien qiegħed jagħti s-servizzi tiegħu liċ-ċittadini Maltin meta l-Gvern tal-Ħaddiema kien qiegħed taħt pressjoni bl-istrajk tat-tobba.

Alla jħallas lil min kien imdaħħal fil-qtil tagħha li għadu ma naqabadx, kif għalkemm kien hemm min qal pubblikament li jaf u kien sejjer jgħid min qatilha.

Imma bħal ma jgħid il-qawl Malti li "**bejn il-kliem u l-fatti hemm baħar jikkumbatti**", u min kien qal dan il-kliem waqa' fil-muta bħal ma waqa' fil-muta fuq affarijiet oħra li kien qal.

Kien ukoll il-Gvern tal-Ħaddiema li kien għamel il-Polikliniċi, waqt li ħaddieħor naqqashom u naqqas is-servizzi u l-ħinijiet tagħhom. Ta' dan hemm xhieda l-poplu Malti li jaf kif is-servizzi li kien jieħu qabel tnaqqsu bil-kbir minkejja li t-taxxi ma jistax ilaħħaq magħhom.

Biex nerġgħu lura lejn dan l-Artikolu, tajjeb li tinnutaw li f'dan l-Artikolu mkien ma jingħad li din l-assistenza medika ghandha tkun b'xejn, ghaliex għall-Unjoni Ewropea xejn ma ghandu jkun b'xejn u għandek tħallas ta' kollox u ta' kull ma tieħu, kif kien qal ukoll xi Ministru f'Malta.

Bħal dak li qallu l-poplu Malti mhux mgħaffeġ bit-taxxi li splodew 'il fuq aktar mill-bolla balla li kienet tissemma qabel biex jingħata s-servizzi.

Imma la dħalna fl-Unjoni jkollna nagħmlu bħall-Unjoni Ewropea, li l-ewwel u l-aqwa prinċipju jew Alla falz tagħha huwa s-suq ħieles mingħajr l-ebda rażan li jfisser li jekk għandek biex tħallas tista' tfieq, u jekk ma ghandikx tibqa' tnin sakemm tinqered.

## ARTIKOLU II-96
## Aċċess għal servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali

**L-Unjoni tirrikonoxxi u tirrispetta l-aċċess għal servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali kif previst fil-liġijiet u l-prattiċi nazzjonali, skond il-Kostituzzjoni, sabiex tippromwovi l-koeżjoni soċjali u territorjali ta' l-Unjoni.**

### L-Interessi ta' l-Unjoni Ewropea

Innutaw kif jingħad li kollox isir sabiex tmexxi 'l quddiem l-interessi ta' l-għaqda soċjali u territorjali ta' l-Unjoni Ewropea u mhux ta' l-Istati Membri.

Fi kliem ieħor, mhux biss l-għaqda soċjali, imma anki t-territorji ta' l-Istati Membri jingħaqdu u jsiru ħaġa waħda.

Innutaw ukoll li jingħad **"sabiex tippromwovi l-koeżjoni soċjali u territorjali ta' l-Unjoni"**, u mhux ta' l-Istati Membri.

Fi kliem ieħor, **it-territorju ta' l-Istati Membri** huwa meqjuż bħala **territorju ta' l-Unjoni Ewropea** u mhux aktar ta' l-Istati Membri.

Din hija prova oħra mill-aktar ċari li l-Istati Membri jitilfu anki t-territorju tagħhom meta jsiru membri ta' l-Unjoni Ewropea u b'hekk jitilfu wkoll id-dritt li jibqgħu jissejħu **Stati Indipendenti, Ħielsa u Sovrani**.

Jista' jibqagħlek xi dubju dwar il-mixja pass wara pass wara pass lejn it-twaqqif, anzi diġa' jinsab imwaqqaf, ta' l-Istat Federali ta' l-Unjoni Ewropea kif kien maħsub sa mit-twaqqif tagħha mill-federalisti internazzjonali u Ewropej?

Tridu li nibqgħu f'dan il-jasar ta' l-Unjoni Ewropea li daħħluna fih il-**ĠUDIET** u l-**QUISLINGS** li ma jixirqilhomx jissejħu Maltin?

L-għażla f'idejkom.

Meta tridu nistgħu nitilqu kif għandna kull jedd u setgħa li nagħmlu għaliex ħadd u xejn ma jista' jżomm poplu taħt il-ħakma kolonjali tiegħu, għaliex il-poplu huwa dejjem sovran.

**ARTIKOLU II-97**
**Protezzjoni ta' l-ambjent**

**Livell għoli ta' protezzjoni ta' l-ambjent u t-titjib fil-kwalita' ta' l-ambjent għandu jiġi integrat fil-politika ta' l-Unjoni u għandu jiġi żgurat skond il-prinċipju ta' l-iżvilupp sostenibbli.**

**<u>Ipokriti</u>**

Tista' l-Unjoni Ewropea u l-mexxejja tagħha jkunu aktar ipokriti minn hekk meta waqt li jgħidu li jridu jħarsu l-ambjent, ma ħallewx lill-Gvern Malti li ma jħallix fliexken tal-plastik, kontenituri u bottijiet jidħlu f'Malta u issa fuq l-ordnijiet ta' l-Unjoni Ewropea jrid idaħħal it-taxxa fuqhom biex taparsi jitħares l-ambjent?

Bħal dak li qallu billi tħallas it-taxxa sejjer tnaqqas il-ħsara li tkun qegħda ssir lil-ambjent.

Imma dan sar apposta għaliex inkella l-esportaturi tagħha ma jkunux jistgħu jesportaw il-prodotti tagħhom fil-fliexken, kontenituri u bottijiet tal-plastik lejn Malta.

Din hija prova oħra mill-aktar ċara li għall-Unjoni Ewropea m'hemm l-ebda rispett lejn xejn, lanqas lejn l-ambjent, li joqgħod ħdejn ir-rispett lejn l-Alla falz tagħha tas-suq ħieles mingħajr l-ebda rażan.

Dan huwa l-qerq u l-ipokrezija ta' l-Unjoni Ewropea u l-mexxejja arroganti tagħha.

**ARTIKOLU II-98**
**Protezzjoni tal-konsumatur**

**Il-politika ta' l-Unjoni tiżgura livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur.**

**<u>Qarrieqa</u>**

Kieku tassew trid tipproteġi lill-konsumatur ma kinitx tħalli li jintużaw fliexken u affarijiet oħra tal-plastik u l-aluminju biex imbagħad tagħmel taxxi fuqhom bi skuża biex jitħares l-ambjent mit-tniġġiż tagħhom.

Dan ma huwa xejn ħlief qerq u ipokrezija mill-Unjoni Ewropea u l-mexxejja qarrieqa tagħha.

Kieku tassew trid tħares l-interess tal-konsumatur l-Unjoni Ewropea kienet tħalli lill-bdiewa jaħdmu r-raba kollu tagħhom u mhux tordnalhom biex ma jaħdmuhx ħalli l-prezzijiet jibqgħu għoljin.

Kieku tassew trid tħares l-interess tal-konsumatur, l-Unjoni Ewropea ma tagħmilx dazji u levies fuq affarijiet li jiġu mpurtati minn pajjiżi li m'humiex membri li jkomplu jgħollu l-prezzijiet tal-prodotti tagħhom biex tmexxi 'l quddiem il-prodotti tagħha li huma fost l-għola fid-dinja.

Ara hawn Malta kien il-Gvern tal-Ħaddiema li kien iħares lill-konsumatur meta għamel il-kontroll tal-prezzijiet, waqt li ħaddieħor kien qal "**Ħa jogħlew il-prezzijiet, ħa jogħlew il-prezzijiet**".

U balleċ għolew tassew il-prezzijiet, għaliex m'hemmx dubju li kull min jgħix f'Malta u Għawdex jaf kif mhux għolew, imma splodew il-prezzijiet, speċjalment tal-proprjeta' bis-sħubija fl-Unjoni Ewropea.

Tinsewx li l-istess persuna biex jgħaddi ż-żmien bin-nies kien qal li għandna noqgħodu nduru minn ħanut għall-ieħor biex naraw u nfittxu l-irħas prezzijiet.

Kif għadda ż-żmien bin-nies bis-sħubija ta' l-Unjoni Ewropea li issa kulħadd qiegħed jinduna kemm qarraq u qarrqu bih, jew kif jgħid il-qawl Malti, "**Urewh id-debba u qabbżuh il-ħmara**".